# BILANĊ U IMPARZJALITA’
# FIX - XANDIR

AWTORITA` TAX - XANDIR

# Seminar ta' Ġurnata

## dwar

# Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir

## Organizzat mill-Awtorità tax-Xandir

Il-Ġimgħa, 11 ta' Frar 1994

Malta Hilton

AWTORITA' TAX-XANDIR

Published in 1994 by the
Broadcasting Authority
National Road, Blata l-Bajda, Malta
Telephone: 247908, 221281, 223289
Fax: 240855

Setting and printing by
Offset Press Ltd. - Mriehel

Seminar organizzat mill-Awtorità tax-Xandir
Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir
18 ta' Frar 1994


**Dr J M Pirotta**
Introduzzjoni u Merħba ..... 1

**Dr Massimo Fichera**
L-Esperjenza Taljana dwar il-ħtiġijiet ta' Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir ..... 5

**Dr Philip Farrugia Randon**
Is-Sehem tal-Mezzi Nazzjonali tax-Xandir fl-Iżvilupp tal-Proċess Demokratiku ..... 17

**Joseph Grima**
L-Obbligi tas-Settur Privat tax-Xandir lejn il-Komunità ..... 27

**Brian Decelis**
Partiti Politiċi Żgħar u l-Problemi li jiltaqgħu magħhom fis-Settur Pubbliku tax-Xandir ..... 41

**Lou Bondì**
Bilanċ u Imparzjalita' fix-Xandir - L-Aspett Politiku ..... 51

**Evarist Bartolo**
Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir - L-Aspett Politiku ..... 65

**Professur Ian Refalo**
Ħarsa lejn il-Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir ..... 75

**Dr Massimo Fichera**
Xandir Mingħajr Fruntieri ..... 93

**L-Onor Michael Frendo**
Diskors ta' l-Għeluq ..... 105

# Introduzzjoni

Il-Kunċetti ta' bilanċ u imparzjalità huma dejjem taħt il-lenti u bl-introduzzjoni tal-pluraliżmu fix-xandir, il-qagħda saret aktar diffiċli.

Għalkemm l-istazzjonijiet fis-settur pubbliku m'għandhomx jesprimu opinjoni, l-prattika fil-qasam tax-xandir privat hija differenti u meta jitqies li f'dan l-ispektrum hemm ukoll stazzjonijiet tal-partiti, ħadd ma jistenna li s-sitwazzjoni tkun xort'oħra.

Dan ifisser li mingħajr dubju, se jkun hemm kritika minn dawk li ma jaqblux ma' dak li jkunu raw jew semgħu. Dan is-seminar għandu l-għan li jesplora dan il-qasam hekk sensittiv fix-xandir.

# Introduzzjoni u Merħba



## JOSEPH M. PIROTTA
*Chairman*
*Awtorità tax-Xandir*

Dr. Joseph M Pirotta nħatar Chairman ta' l-Awtorità tax-Xandir f'Lulju 1993. Huwa ggradwa Ph.D. in *Politics* fl-Università ta' Reading u huwa Senior Lecturer fil-*European Documentation and Research Centre* ta' l-Università ta' Malta. Dr. Pirotta huwa l-awtur ta' "Fortress Colony: The Final Act" fi tlett volumi. Dan ix-xogħol janalizza u jiddeskrivi l-logħba komplessa politika għal poter mill-mexxejja tal-partiti politiċi, l-Knisja u l-Unions matul is-snin 1945-1964.

## Dr. Joseph M. Pirotta

## Introduzzjoni u Merħba

Sinjuri, f'isem l-Awtorità tax-Xandir nixtieqilkom merħba għal dan it-tieni seminar li organizzat l-Awtorità. L-ideja ta' dan is-seminar, li bħal ma tafu, iġib l-isem ta' Il-Bilanċ u l-Imparzjalità fix-Xandir, ġiet eżattament minħabba li hemm ċertu sens ta' preokkupazzjoni minn naħa ta' l-Awtorità biex, kemm jista' jkun, nippruvaw naslu għal xi ftehim fuq dan is-suġġett li huwa daqshekk delikat u sensittiv.

Wara kollox ma nkun qiegħed ngħid xejn ġdid jekk ngħid li l-kwistjoni ta' bilanċ u imparzjalità fix-xandir ilu suġġett jaħraq f'dawn il-gzejjer għal dawn l-aħħar erbgħin sena żgur, għalkemm kultant ftit, kultant aktar. Għalhekk aħna xtaqna li nippruvaw nagħtu wkoll kontribuzzjoni diretta biex nimxu f'direzzjoni li nkunu nistgħu naraw li l-pubbliku, il-konsumatur tax-xandir, ikun qiegħed jirċievi l-aħjar servizz possibbli mhux biss f'dawk li huma programmar tas-soltu, biex insejjħilhom hekk, imma anke f'dik il-parti vitali ta' l-aħbarijiet, ta' kif jitwasslu u l-impatt li jista' jkollhom.

L-introduzzjoni tal-pluraliżmu fix-xandir għen, ma naħsibx li jista' jkun hemm dubju dwar dan, għen sabiex jitnaqqas xi ftit forsi mit-tensjoni u anke jinħallu xi ftit mill-problemi li kien hemm f'dan il-qasam. Pero`, lanqas ma rrid nipprova nagħti l-impressjoni li l-introduzzjoni tal-pluraliżmu fih innifsu warrab dawn il-problemi. Jista' jkun ukoll li minn ċerti angoli, hemm problemi li jista' jkun li żdiedu jew, li x'aktarx jiżdiedu. U għalhekk ix-xewqa ta' l-Awtorità kienet li nippruvaw nersqu lejn ftehim f'dan il-pajjiż, ftehim wiesgħa biex, kemm jista' jkun, naqblu dwar x'għandha tkun l-imparzjalita`, x'għandu jkun bilanċ fix-xandir.

L-Awtorità diġà għamlet eżerċizzju intern dwar dan. Is-seminar li għandna llum huwa t-tieni pass ta' dan il-proċess, u wara li jispiċċa dan is-seminar aħna biħsiebna,

bħala Awtorità, niltaqgħu man-*news divisions* ta' l-istazzjonijiet kollha biex niddiskutu l-istess suġġett magħhom u nisperaw li jirnexxilna naslu għal xi forma ta' *guidelines* li jkunu aċċettati minn kulħadd u li fl-istess ħin ikunu jirriflettu il-kunċetti ta' bilanċ u imparzjalita` fl-interess tal-pubbliku in generali.

Ta' min nagħmilha ċara ukoll li, meta aħna nitkellmu f'termini ta' *guidelines*, l-għan tagħna m'huwiex li nippruvaw inxekklu, l-għan m'huwiex li nippruvaw nirristrinġu l-istazzjonijiet fl-għażla tagħhom ta' x'hinuwa *news value*, ta' kif għandhom jigu ppreżentati. Pero`, hija x-xewqa tagħna li jiġi stabbilit b'mod kemm jista' jkun konkret - meta tiftakar kemm is-suġġett huwa astratt fih innifsu, kemm huwa suġġett tekniku, kemm huwa suġġett suġġettiv - li nippruvaw naslu għal forma ta' etika aċċettabbli li kull stazzjon iħoss li jista' jimxi magħha mingħajr ma jitlef l-identita` tiegħu, kull *news division* ta' l-istazzjonijiet ikkoncernati ma jitilfux is-sens ta' identita` tagħhom. B'hekk ma jħossuhomx li huma sempliċement *news division* bħal ta' X jew bħal ta' Y jew bħal ta' Z, imma li kulħadd għandu dak il-karattru partikolari tiegħu. Aħna nixtiequ li naslu għal dan u nisperaw li jirnexxielna nagħmlu hekk.

# L-esperjenza Taljana dwar il-ħtiġijiet ta' Bilanċ u Imparżjalita` fix-Xandir



## MASSIMO FICHERA

*President/Direttur Ġenerali ta' Euronews*

Dr Massimo Fichera huwa l-President/Direttur Ġenerali ta' Euronews sa minn Ġunju 1992. Dr Fichera għandu dottorat fil-letteratura u l-filosofija. Imwieled fl-1929, kien korrispondent speċjali għal Messaggero fl-Italja mill-1960 sa l-1961. Fl-1968 ingħaqad mar-RAI, l-ewwel bħala membru tal-Management Board u l-Kunsill Amministrattiv sal-1972. Wara ġie appuntat direttur tar-RAI Due (1976-1980). Bejn l-1980-1991, Dr Fichera kien Deputat Direttur Ġenerali nkarigat minn teknoloġija ġdida u relazzjonijiet internazzjonali. Dr Fichera kien ukoll Viċi-President tal-European Broadcasting Union mill-1988 sal-1992.

Dr. Massimo Fichera

# Fairness and Impartiality in Broadcasting - The Italian Experience

Fairness and impartiality are difficult concepts. What I consider to be fair or impartial cannot but be influenced by my own, subjective perspective. Objectivity is a notoriously difficult ideal to attain; in journalism it is almost impossible. Furthermore, some of the best journalism can be subjective: some of the most moving reports which come out of a tragic situation like Bosnia are deeply infused with the sense of personal outrage of the journalist forced to witness those terrible events.

Fairness and impartiality are almost impossible, in my opinion, for single operations, with their different cultures, opinions and sources, to put into practice. Experience in the print media, as well as in broadcasting, shows that the only concrete way to pursue this ideal is in the confrontation between different subjects, the representation of the complexity and diversification of values, of opinions and experiences present in a particular socio-cultural context - in other words, to ensure the pluralism of the system. The problem of fairness and impartiality is not a singular, private problem, it is the problem of the whole system.

In Europe we take it for granted that the pluralism of information requires a plurality of sources, in radio and television broadcasters, as in newspapers. However, an analysis of the actual situation shows us that this has not always been the case.

It is true that the Italian situation, which I have been asked to talk about, is rather particular. However, as you will see, it gives rise to certain observations with relevance to other European countries.

When in 1977 the Prix Italia an important manifestation promoted by the Italian public service, RAI, dedicated a study group to public access to radio and television, it first carried out a research into all western European broadcasters. It was clear that in the mid 1970s the still dominant public monopoly had made great steps forward in the direction of pluralism, in many cases thanks to innovative legislation. In particular:

- from the simple *right of reply* - traditional in the written press - radio and television had arrived at the idea of a *right to access*, that is the possibility for non-broadcasting organizations to produce their own radio and television programmes.

- secondly, the recognition of this right was traditional for political parties, trade unions and religious groups in various countries; what was new was the *right of access* to groups previously excluded (pressure groups, gay rights groups, ethnic minorities, political groups outside the mainstream parties, and so on).

- thirdly, decentralization, as an aspect of pluralism, which was a developing trend in many countries, was being extended to radio and television, not merely in terms of broadcasting regional or local programming, but also in the establishment of a decentralized creative and productive capacity.

I have made this observation only to clarify that, even under a system of monopoly, the European public service did not always exclude pluralism. This was due in part to the continual criticism and discussion which the system was subjected to. As a public monopoly the system was expected to respond to the needs of the whole population. Thus, the legitimization of the system required further regulations and democratic controls, the addition or greater choice with two or three channels, and finally, decentralization and right of access.

In illustrating the Italian experience in the field of information in broadcasting, I would

like to begin with 1975, the date of the reform of the public service broadcaster (still at that time enjoying a monopoly) which gave rise to many of the changes I have mentioned.

I will discuss three different aspects:

- the rules
- their effects
- the prospects for the future

THE RULES

The reform of public service broadcasting in 1975 followed a ruling of the Constitutional Court of the previous year that confirmed the legitimacy of the broadcasting monopoly for national broadcasting, on condition that the accuracy, impartiality and completeness of information was guaranteed.

The 1975 law attempted to define the nature of public service broadcasting both with certain institutional guarantees and with greater autonomy for the individual channels and the directors of news.

From the institutional point of view the most important elements were:

- the passage of control over the activities of the public service from the government to Parliament.
- the election of a relatively large administrative council, made up of 16 members elected from the parliamentary bodies (which number 40, including both deputies and senators of all the minority parties present in parliament).

From the administrative point of view, the effort to achieve a level of pluralism was established with autonomy in the fields of programming, production and acquisition on the part of each of the radio and television channels. Finally, a third channel

was planned, with a specific remit to broadcast cultural and regional programming.

The following year (1976) the Constitutional Court radically changed its position and declared that existing terrestrial broadcasters were also legal, provided they were broadcasting only locally. When the Constitutional Court takes a position which can radically influence the legislative system, it recommends that Parliament proceeds rapidly with legislation to regulate the system. This did not happen, which explains the anomaly of a system which in the following ten years developed rapidly without any regulation.

In fact, since Parliament had neither defined what was meant by local broadcasting, nor established any rules governing private radio and television, there was an explosion of hundreds of local TV broadcasters, thousands of local radio stations, and, a fairly rapid process of concentration, with the creation of what were in fact, if not in law, national networks.

Undoubtedly this phenomenon had interesting social and cultural effects, but it is not useful on an international level as a legislative model, unless as a model of how it should not be done. In fact, the lack of regulation gradually brought about particularly in the field of television, a concentration of ownership, theoretically forbidden, at a national level.

At this point we are faced with the question whether a plurality of broadcasters, so ample in Italy from a quantitative point of view, inevitably brings about a corresponding plurality of voices and points of view. The Italian experience suggests not. On a national level it did not happen because of the concentration of ownership; on a local level our research at the beginning of the 80s showed that fully two thirds of local TV stations did not broadcast any news and information.

Naturally this unregulated system could not continue indefinitely, and in 1985 a minor law, called Legge Berlusconi, which ratified a government directive of a few

months earlier, sanctioned to some extent the status quo, legitimizing broadcasters which had existed and had been transmitting from a certain date. It is symptomatic that this law of 1985 imposed no obligations regarding the broadcasting of information on the local broadcasters, indicating only very generous norms in the field of advertising, and imposing European quotas, but only for films. Thus the strong commercial presence in broadcasting in Italy was perpetuated, and no attempt was made to guarantee either pluralism or responsibility in the area of information.

Furthermore, the Constitutional Court declared that the 1985 law guaranteeing pluralism had been in force too long and was illegal; in fact that law had been expressly formulated as a temporary measure while waiting for the legislation of the system.

This did not happen until 5 years later, with the well known Mammi Law of 1990. This law did not arrive on the statute books without great difficulty and controversy, and the majority of political forces in Italy are now demanding that the law be revised, both because it allowed, even legitimized, a form of concentration of ownership of commercial broadcasting which is unique in the world, and because technological developments are transforming, and will continue to transform the system of mass communications.

It is interesting to note that in the field of information, certain demands made on the public services 15 years ago, now apply to all radio and television broadcasting considered of general public interest, whether public or private. Let me quote the terms used in the law: "pluralism, objectivity, the completeness and impartiality of information, openness to a range of opinions, political, social, cultural and religious viewpoints, represents the fundamental principles of the audiovisual system which is achieved with competition between public and private subjects..."

Considering that in other areas the obligations imposed on private broadcasters

are minimal or non-existent, it would appear that at least regarding information, the Italian legislature has realized its error and has imposed an element of public responsibility on private broadcasters. That is not to say that such a general norm was able to be really effective, as we shall see when I describe the Italian experience. If these are the rules, what have been the effects?

## THE EFFECTS

The principal institutional stumbling block that the reform of the public services in Italy faced, arose from the fact that whatever task is assigned to Parliament - by definition the most representative of the constitutional bodies - is in fact controlled by the Parties, and in particular by the secretaries of the Parties that support the government.

Because of this, the control of broadcasting activity, the establishment of a majority of the Administrative Council (and after 1985 of the whole Council), and the appointment of top executives was in the hands of the secretaries of a few parties.

This situation, known as lottizzazione, undoubtedly constituted a partial betrayal of the spirit of the law which wanted to enlarge the direction and control to Parliament as such, and thus to the whole society which it represented.

However, we must not exaggerate the negative influence of this experience, which achieved, particularly in the first phase (1976 - 1980), a real expansion of the audiovisual offer and of the range of cultural options, particularly in the field of information. The law also allowed the beginning of a sort of internal competition between the public channels and their newsrooms, which greatly improved the quality and interest of programming and information, and encouraged innovation both in genres and television language.

I should also add that no channel and no news direction in the Italian public serv-

ices has ever been entirely monolithic. Italian politicians, like politicians everywhere, always feel that the media are biased against them, but the professionalism of many journalists, supported by relatively advanced laws for the written press, has meant that the news offered by the public services has never been as partial as has sometimes been claimed.

In 1993 Parliament forced itself to reduce the influence of individual parties, reducing the members of the Administrative Council of RAI from 16 to 5, and entrusting the nominations to Presidents of the House of Deputies and the Senate. The reconstruction now taking place has already visibly reduced the powers of the parties. As far as the private sector is concerned, it is worth remembering that, apart from the lack of news programmes on most of the local broadcasters, none of the national broadcasters were under any obligation to transmit news until 1990. This obligation was established by law in 1990. From then on one could expect that an increase of national news and current affairs programming would contribute to pluralism; in fact this was only partially so, due to the concentration of ownership I have described.

## THE FUTURE

Despite the respect that European public service broadcasters have earned over the years, any nostalgia for the old monopoly is both unrealistic and misplaced. The system which best serves the public is a mixed system, a balance between a strong public broadcaster, and a vibrant, diversified private sector. This is a crucial point. The Italian experience shows that if the concentration of ownership is allowed to continue unchecked, the system does not provide the range of viewpoints and voices which gives expression to the diversity of a democratic society.

Recent technological developments, particularly in the field of digital compression, will soon bring to television the kind of abundance of broadcasters we are accustomed to in radio. If this is to be accompanied by an extension of balance and

impartiality, it will require a willingness on the part of politicians and legislative bodies to create a framework within which diversity can flourish.

The multiplication in the number of channels will favour the growth of thematic channels, and alongside the sport, film, and music channels, we will see more and more news and information channels. In Europe there are already transnational news channels, which I will talk about later. I would just like to say here that these channels allow an extension in the quantity and quality of information, both by extending access to sources from many different countries, and by transcending national boundaries, and thus eroding the control that national governments exercise on information.

However, encouraging real debate, and thus a pluralism in the interpretation and evaluation of events, requires more than this. As channels multiply audiences fragment. Thus the role of traditional channels remains vitally important; while their audiences will gradually diminish, for many years to come these channels - national, generalist and freely available to all - will continue to attract a mass, heterogeneous audience to news and information programming.

Throughout this speech I have spoken of the dangers of concentration of ownership of the media in abstract terms. In Italy, in this pre-election period, we are now witnessing a very concrete example of these dangers. The owner of the majority of the Italian private broadcasting system, as well as many publications, has launched a political movement of which he is the leader. This is a situation without precedence, and has given rise to a heated debate throughout the country. While no one would like to deny an entrepreneur his constitutional right to play an active political role, it is clear that without strict controls, the involvement of such an important media mogul can create a serious imbalance in the system.

Once again the Italian system is being forced to confront the results of inadequate legislation, and at the same time to address issues which were neglected, inten-

tionally or not, in the 1990 law: the use of satellite and cable distribution, encryption systems, and all the other technological developments which are changing the field of broadcasting.

One final point: pluralism and impartiality in broadcasting cannot exist without free and effective access to an equivalent plurality of sources of information. It is part of the professional responsibility of journalists to consult a variety of sources. However, information is increasingly a business, and like all areas of business some companies, and some countries, are stronger than others. While we may be able to accept that Japan dominates the manufacturing of personal stereos, or that America leads the world in the production of micro-chips, to accept that richer, developed countries dominate the flow of information, is less acceptable. This problem is at the heart of the well-known MacBride Report which, even at the end of the 1970s, denounced the colonization of information at a world-wide level by a very few international agencies.

I was asked to speak about "The Italian experience of Fairness and Impartiality in Broadcasting", and, as I have outlined here, it is a very particular system, and there are particular lessons to be learned from it. However, with the increasing globalization of the media no single country can be considered in isolation. We are all part of the global information network - but some of us are active and some of us are only passive participants. In the age of transfrontier broadcasting fairness and impartiality in broadcasting is no longer simply a national issue. It is not our particular problem, it is a more important, a wider problem. But that is the subject of another speech.

# Is-Sehem tal-Mezzi Nazzjonali tax-Xandir fl-Iżvilupp tal-Proċess Demokratiku



## PHILIP FARRUGIA RANDON
*Chairman*
*Public Broadcasting Services Ltd.*

L-avukat Philip Farrugia Randon twieled fl-1949 u ggradwa fil-Liġi fl-1973. Kien appuntat Chairman tal-Public Broadcasting Services Limited fl-1 ta' Lulju 1993. Dr Farrugia Randon huwa Deputy General Manager tal-Mid Med Bank u Chairman tal-Museum of Fine Arts Advisory Management Board. Huwa ko-awtur u editur ta' "Caravaggio In Malta"; awtur tal-ktieb "Aspects of Maltese Law for Banker" u ta' *opus* ta' tlettax il-volum "The Word of the Court". Dr Farrugia Randon huwa lecturer fil-Liġi fl-Università ta' Malta. Huwa studja r-restawrar tal-pittura f'Firenze u tella' wirjiet ta' xogħolijiet tiegħu bil-*water colours*.

## Dr Philip Farrugia Randon

# Is-Sehem tal-Mezzi Nazzjonali tax-Xandir fl-iżvilupp tal-Proċess Demokratiku

Mr Chairman, m'hinix ser nillimita ruħi għall-perspettiva biss ta' bilanċ u ta' imparzjalità għaliex it-titolu tal-kelmtejn tiegħi hu "Is-sehem tal-mezzi nazzjonali tax-xandir fl-iżvilupp tal-proċess demokratiku" pjuttost jinkludi ħafna aktar minn hekk.

Id-demokrazija hi mejta jekk tgħix biss fil-paġni tal-kotba tal-filosofija politika. Id-demokrazija tibda tgħix bit-twemmin fiha u tiżviluppa fl-eżerċizzju konkret tal-prinċipji tagħna. Tiġi espressa fl-iżvilupp ta' l-infrastrutturi, fl-imġieba, fir-regoli, fiż-żamm ta' regoli. U kif ir-regoli u infrastrutturi jinbiddlu jew jimmaturaw matul iż-żminijiet, id-demokrazija tiġi riflessa b'mod differenti. Għax id-demokrazija hi proċess ħaj li tesprimi ruħha f'mezzi diversi.

Ix-xandir nazzjonali huwa wieħed minn dawn il-mezzi. Nenfasizza fuq il-kelma 'wieħed' għax forsi hawn min jaħseb li l-ħarsien tad-demokrazija jaqa' biss f'idejn l-istat jew f'idejn istituzzjonijiet nazzjonali. Kull organizzazzjoni, kull wieħed minna, għandu d-dmir li bl-azzjoni jew rejazzjoni, jipproteġi jew ikattar il-prinċipji u l-applikazzjoni tal-prinċipji demokratiċi. Id-*demos* - il-pubbliku - hu kulħadd. U b'kulħadd ninkludi kemm ix-xandir nazzjonali kif ukoll dak privat.

Waħda mill-kolonni tad-demokrazija hi l-informazzjoni. L-ebda demokrazija moderna ma jistħoqqilha dan l-isem jekk il-pubbliku in ġenerali jiġi mċaħħad minn informazzjoni. Ix-xandir nazzjonali għandu d-dover sagrosant li jxerred l-informazzjoni. It-tixrid ta' l-informazzjoni, pero`, m'għandux jeżisti mingħajr elementi oħrajn.

L-informazzjoni għandha tkun imparzjali. L-informazzjoni għandha tieħu l-forma li tinftiehem minn l-iktar *spectrum* wiesa' possibbli tal-pubbliku u għandha titwassal f'ħinijiet li huma konġenjali għal *spectrum* l-aktar wiesa' possibbli tal-pubbliku. L-informazzjoni għandha titwassal lil kulħadd. Għall-ewwel darba, fil-fatt, qed isir studju fuq kif kull parti ta' Malta u Għawdex ikunu jistgħu jirċievu x-xandir nazzjonali. Mill-aktar fis possibbli ebda Malti u Għawdxi m'hu ser jibqa' mċaħħad minn dan id-dritt.

Fi ftit kliem: informazzjoni biex tinftiehem minn u li titwassal lill-pubbliku kollu għax id-demokrazija tirrikjedi dan. U d-dover jaqa' fuq spallejn ix-xandir nazzjonali.

Ix-xandir nazzjonali għandu jenfasizza fuq informazzjoni li mhux biss jinforma iżda ukoll jeduka. Il-proċess demokratiku fil-pajjiż jistagħna bil-parteċipazzjoni attiva tal-akbar numru ta' nies possibbli fil-ħajja soċjali. Il-pubbliku li mhux edukat f'dan il-kamp ma jistgħax jitħajjar jipparteċipa. Ix-xandir nazzjonali għandu għalhekk iservi ta' katalist għall-aktar parteċipazzjoni tal-pubbliku f'xogħol ta' natura pubblika, f'xogħol kollettiv, xogħol li jagħmel l-individwu produttiv fit-tmexxija tal-pajjiż f'kull livell. Iċ-ċittadin passiv jintradam mid-dittatorjat. Iċ-ċittadin attiv għandu x'jitlef u jiġġieled għad-drittijiet tiegħu.

Ix-xandir nazzjonali Malti kien dejjem is-suġġett ta' attakki u kritika ta' partiġjaniżmu. Għadda minn żmien li nikkonsidrah mhux sabiħ. Daħħal u stampa fl-imħuh kritika jew kundanna li għadha tberren f'ħafna, u nisslet mentalità suspettuża li xi kultant ixxejjen l-inizjattiva ġenwina. Ix-xandir nazzjonali għandu jagħmel l-għalmu tiegħu biex din il-kritika tixxejjen; biex is-suspetti jispiċċaw. Naf li diffiċli, diffiċli ħafna, iżda nemmen li hija possibbli. Il-presunzjoni ta' ħtija, ta' intenzjoni ħażina, tirrenja f'ħafna mħuħ.

Din il-mentalità hi waħda li xxekkel ħafna is-sehem tax-xandir nazzjonali fl-iżvilupp tal-proċess demokratiku. Għaliex? L-ewwelnett iddaħħal *phobia* ta' suspetti f'imħuh li jispiċċaw jiddubitaw fil-verità tal-fatti u allura tnaqqas l-effettività ta' l-informazzjoni.

It-tieni nett qed tillimita il-kapaċità ġurnalistika ta' ħafna nies li jaħdmu max-xandir biex jinvestigaw aktar fil-profond il-fatti ta' kuljum.

Nitkellem ċar. Il-kritika ħafna drabi tkun motivata minn skopijiet ta' pubbliċità politika, minn mentalità ta' "*Ara, għadni hawn qed niġġieled*". Hemm bżonn nifhmu darba għal dejjem, li aktar ma tonqos il-pressjoni politika fuq ix-xandir nazzjonali, aktar jitjieb is-servizz u aktar jingħata kontribut siewi lill-proċess demokratiku. Ma rridx ninftiehem li qed ngħid li l-partiti politiċi m'għandhomx jikkritikaw dak li jemmnu li għandu jiġi kkritikat. Irrid ngħid pero`, li l-partiti politiċi m'għadhomx ifasslu l-kritika tagħhom fuq ħsieb purament partiġġjan. Għal xi wħud id-demokrazija qed tiġi mhedda mix-xandir minħabba xi minuta aktar jew xi minuta inqas, jew xi *item* li ġie it-tielet u mhux it-tieni jew ir-raba'.

Ħafna jorbtu l-kunċett ta' demokrazija ma' idea purament politika. Id-demokrazija hija kunċett ta' filosofija politika, però, tippernja l-aġir tagħna fil-ħajja ta' kuljum. Mingħajr edukazzjoni, il-proċess demokratiku ibati.

Ix-xandir m'huwiex suġġett bħal arti, bħal mużika eċċ. Ix-xandir hu biss mezz ta' komunikazzjoni. Fl-astratt, ix-xandir ma jfisser xejn. Il-kontenut hu kollox. L-ikel tajjeb hu l-ingredjenti, mhux il-borma li fiha titfa' l-ingredjenti. L-ingredjenti, biex jgħinu fil-proċess demokratiku, għandhom ikollhom element qawwi edukattiv. Ħafna jaħsbu li biex tgħin fil-proċess demokratiku, l-element edukattiv għandu jkun biss ta' natura politika. Jien ma naqbilx.

L-element edukattiv għandu jkun ferm u ferm aktar wiesa' u jinkludi letteratura, mużika, storja, pittura. Għaliex? Għax bħal ma l-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss, daqshekk ma jgħix bil-politika biss. Id-demokrazija titlob mentalità matura biex tkompli tgħix; tirrikjedi tagħlim li jiftaħ u jkattar l-għerf tan-nies biex timmatura. Jekk id-demokrazija tfisser biss ekwazzjoni matematika li 31 siġġu huma inqas min 34 siġġu allura għandna bżonn nitgħallmu biss in-numri sa 65.

Smajt aneddotu xi jumejn ilu, mingħand il-Ministru Michael Frendo fejn qalli li taħt il-Leġislatura l-oħra, kif tafu kien hemm differenza ta' siġġu wieħed biss, is-sur John Dalli, li kien membru parlamentari tal-Partit Soċjalista kien, biex jiċċajta, iħobb jesklama, wara kull votazzjoni "xi dnub, għal darba oħra tlifna jaħasra għal wieħed u kull darba qegħdin nitilfuha". Hija simpatika bħala storja pero`, ħafna drabi, aħna d-demokrazija kważi norbtuha ma' din.

Jekk id-demokrazija tfisser biss li kulħadd għandu d-dritt jgħid li jrid, allura nkunu qed nillimitawha għal xi Hyde Park Corner. Ix-xandir nazzjonali għandu jeduka bl-aktar mod wiesa'. Għandu jkattar it-tagħlim fuq l-istorja ta' pajjiżna, ta' niesna, tal-letteratura, tal-mużika, tal-folklor. Demokrazija mingħajr identità, mingħajr tiftix ta' l-identità, mingħajr ma tistabilixxi l-identità, mingħajr ma tapprezza l-identità tagħha, tintilef.

Dan l-aħħar il-PBS kabbar in-numru ta' programmi ta' diskussjoni. Hawn min jgħid li huma wisq. Hawn min jgħid li hawn bżonn ta' aktar. Hu x'ħin hu, inħass il-bżonn li x-xandir nazzjonali għandu jeduka lill-poplu fl-arti tad-diskussjoni. Il-proċess demokratiku jistrieħ ħafna fuq id-djalogu. Il-monologu jgħalaq l-imħuh u jkattar ġlied u mhux diskussjoni ma' min ma jaqbilx miegħek. Id-diskussjoni kalma mingħajr għajjat, ibbażata fuq argumenti, tħajjar aktar lill-kelliema biex jammettu żbalji, biex jispjegaw b'argumentazzjoni serja il-ħsiebijiet tagħhom.

X'tiswa l-libertà ta' l-espressjoni - kolonna tas-sistema demokratika - jekk id-diskussjoni ma tkunx possibbli? Id-diskussjoni minnha nnifisha hi arti li tgħin fil-proċess demokratiku għax ħadd m'hu tajjeb f'kollox u ħadd m'hu ħażin f'kollox. Id-diskussjoni tgħin fl-għażla bejn idea u oħra, bejn ħsieb u ieħor. U l-għażla hi essenzjali fil-proċess demokratiku. Iżda biex l-għażla tkun vera għażla, trid tkun waħda informata, trid toħroġ minn moħħ li għandu l-kultura ta' l-għażla. Ix-xandir nazzjonali għandu d-dover jimmatura l-pubbliku f'dan il-qasam.

Il-programmi li jinvolvu il-parteċipazzjoni diretta tas-semmiegħa permezz ta'

telefonati huma mezz dirett biex jidher kif xi wħud jaħsbuha fuq dak is-suġġett li jkun qed jiġi diskuss. Certament dawn it-tipi ta' programmi huma popolari fuq il-mezzi tax-xandir kollha. Però, inħoss li x-xandir nazzjonali - differenti minn mezzi oħra - għandu d-dover li jkompli programmi bħal dawn għax minħabba il-karattru nazzjonali tiegħu, għandu d-dover li jkattar diskussjoni mal-pubbliku kollu u l-pubbliku għandu dritt li jsemma' leħnu fuq il-mezzi tax-xandir tiegħu.

Id-demokrazija tgawdi minn dan. Issib min jabbuża u jisfrutta l-okkażjoni li jinstema fuq ix-xandir bili jinsulta jew iweġġa', iżda wieħed ma jistax jikkritika sistema minħabba l-abbuż tagħha. Alla ħares! Kieku wieħed jispiċċa jikkundanna anki l-kelma, għax minnha nfisha, tista' tintuża kemm għat-talb kif ukoll għad-dagħa.

Il-konfront l-aktar kruċjali f'pajjiżna għadu l-elezzjonijiet politiċi. Għal grazzja t'Alla il-polarizazzjoni naqset u nispera, bl-ikbar sinċertà, li tkompli tonqos. Ix-xandir nazzjonali għandu jkollu sehem f'dan il-kamp. Inqas ma jkun hawn polarizazzjoni inqas u inqas l-elezzjonijiet politiċi jibqgħu qishom il-bidu jew it-tmiem tal-ħajja. Il-proċess demokratiku m'huwiex biss ir-rebħa jew it-telfa fl-elezzjonijiet. Jinkludi l-maturità tar-rebbieħ u tat-tellief fil-mod kif jara u jgħix ir-rebħa u t-telfa.

Malta u l-Maltin ma jsirux biss tar-rebbieħ daqs kemm ma jintilfux mit-tellief. It-tellief għandu parti kbira fil-proċess demokratiku. Għandu d-dover li jipproteġi propju dak il-proċess li telfu r-rebħa għaliex proprju dak hu l-proċess li forsi jrebbħu. Ix-xandir nazzjonali m'huwiex ir-rebbieħ u l-anqas huwa t-tellief. Hu kostanti. Però, jista' jżomm id-dinjità tiegħu jekk ir-rebbieħ u t-tellief jgħinuh. Id-depolariżazzjoni ma jistax iġibha waħdu x-xandir nazzjonali. Jista' jgħin biex jisfruttaha. Jista' jipprova jressaq in-nies lejha permezz ta' għażla għaqlija ta' programmi u kunċetti. Jista' jgħin billi jevita programmi li jżidu l-polariżazzjoni.

Il-poplu Malti għadu sensittiv ħafna fejn tidħol il-politika. Dan il-fatt jiġbed ħafna kritika żejda kontra x-xandir nazzjonali. Il-partiti politiċi ma jżommux lura milli jakkużaw u jattribwixxu intenzjonijiet ulterjuri. Ġie li anki angoli ta' filmjar ġie kritikat

għax dak l-angolu ma ġabx l-aħjar *shot* ta' min qed jitkellem jew jisma'. Ġie attribwit li l-angolu kien magħżul apposta meta fil-fatt il-*cameraman* ma kellux pulżier ieħor fejn joqgħod jew hu kien qasir wisq biex iġib l-aħjar angolu. Din il-kritika - xi kultant hija insensata - ixxekkel is-sehem li x-xandir nazzjonali jista' jagħti fil-proċess demokratiku għax jintefa' dell bla bżonn u jisfa' għal xejn ir-rieda ġenwina biex jitwassal il-messaġġ li l-poplu għandu dritt ikun jaf.

Biex ix-xandir nazzjonali jtejjeb is-sehem tiegħu fil-proċess demokratiku għandu bżonn kontribut aktar qawwi ta' nies li għandhom x'joffru. Ħafna huma dawk li jistgħu jgħinu iżda jibżgħu jew ma jitħajjrux sempliċement għax inkella, kif jgħidu, 'jiċċappsu'. Jiċċappsu biex? Bil-kritika ta' xi wħud li f'isem id-demokrazija jħammġu għax ma jogħġobhomx jew għax ma jaqbillhomx li jibqgħu siekta. Jiċċappsu għaliex? Għaliex jibżgħu jgħidu dak li jaħsbu jew jgħallmu dak li jafu, għax billi dan ma jaqbilx miegħu kulħadd, il-kritika ta' dawk li ma jaqblux issir waħda personalizzata. U dan xi tridu?

Qegħdin ngħixu fi żmien ta' pluraliżmu fix-xandir. Hemm xi wħud li jaħsbu li l-PBS tibża' mix-xenarju tal-pluraliżmu. Xejn minn dan. Il-pluraliżmu hu fattur importanti fil-proċess demokratiku u x-xandir nazzjonali għandu anzi jgawdi minn dan. Is-sehem tax-xandir nazzjonali għal proċess demokratiku jieħu spinta interessanti fix-xenarju tal-pluraliżmu. Għandu jsir aktar konxju mill-karattru nazzjonali tiegħu. Mingħajr kompetizzjoni jispikka aktar l-element ta' monopolju milli dak ta' nazzjonali.

In-nazzjonalità tinvolvi rappreżentanza wiesa'. Żball kbir ikun jekk xandir nazzjonali jipprova joħnoq b'kompetizzjoni sfrenata l-mezzi tax-xandir privati jew settorjali. Tkun disfatta kbira għal proċess demokratiku jekk isir dan. Il-kunċett ta' "Jien għandi aktar nifs; allura nifgak" ma jista' qatt jidħol f'moħħ ix-xandir nazzjonali fil-konfront tax-xandir settorjali jew privat. Dan ma jfissirx li x-xandir nazzjonali għandu jħalli lilu nnifsu jiġi sfruttat minn xi elementi interni biex jgħinu minn taħt l-interess ta' xandir settorjali jew privat li qed jikkompetu miegħu. Dak ma naqbilx miegħu qatt.

Ix-xandir nazzjonali - bħal kulħadd - għandu bżonn il-flus biex jgħix. Illum hu f'idejn

il-Public Broadcasting Services Ltd. li hi kumpannija kummerċjali. L-akbar tentazzjoni hi li kumpannija kummerċjali taħseb u tirraġuna fuq linji kummerċjali u b'hekk tagħżel biss dak li jattira l-introjtu mir-reklami. Id-doveri ta' xandir nazzjonali pero` - kemm b'liġi kif ukoll b'*raison d'etre* - ma jippermettix dan.

Jirrenjaw id-doveri soċjali u edukattivi, jirrenja s-sehem li xandir politiku għandu jkollu fil-maturazzjoni tal-pubbliku; jirrenja s-sehem li xandir pubbliku għandu fil-proċess demokratiku tal-pajjiż.

Il-proċess demokratiku ta' pajjiżna hu tagħna lkoll. Għandi nteress fih jien daqs kemm għandek interess fih int. Għandi d-dover nipproteġih u nimmaturah daqs kemm għandek int. Dan l-interess, dan id-dover, m'għandux jeżisti biss fix-xandir nazzjonali. Id-demokrazija mhix ta' xi ħadd partikolari. Hi tagħna lkoll. Titwettaq bl-għajnuna u l-koperazzjoni tagħna lkoll. Kulħadd għandu s-sehem tiegħu x'jista' u x'għandu jagħti: tkun traġedja jekk naħsbu li fix-xandir din tolqot biss ix-xandir nazzjonali.

Id-demokrazija dejjem raqdet jew mietet meta ħafna ħasbu jew ippreferew jaħsbu li s-sehem fil-proċess demokratiku kien biss f'idejn ħaddieħor.

# L-Obbligi tas-Settur Privat tax-Xandir lejn il-Kommunita`





## JOSEPH GRIMA

*Chairman*
*Grima Communications Ltd.*


Is-sur Joseph Grima huwa ċ-Chairman u Chief Executive ta' Grima Communications Limited, sidien ta' Radio Live FM u applikant għal liċenzja tax-xandir bit-televiżjoni. Kien membru parlamentari (1976-1992) u Ministru (1981-1986). Is-sur Joseph Grima kien Head of Programmes mal-kumpanija tar-Rediffusion u aktar tard Chief Executive ta' l-Awtorità tax-Xandir. Ħa taħriġ barra minn Malta u speċjalizza fl-aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti. Is-sur Grima kien responsabbli għal ħolqien u produzzjoni tas-sensiela ta' programmi televiżivi STREETS.

## Joseph Grima

# L-obbligi tas-Settur Privat tax-Xandir lejn il-Komunità

Mr. Chairman, ippermettili qabel nibda li nifraħ lill-Awtorità tax-Xandir talli għażlet li tagħmel dan is-seminar dwar suġġett mill-iktar importanti, f'kull żmien, fil-ħajja ta' min ixandar u, naturalment, fid-direzzjoni li aħna nagħtu lil min isegwi x-xandir f'Malta - il-Bilanċ u l-Imparzjalità fix-Xandir. Dan is-suġġett għandu, forsi, iktar rilevanza għalina f'Malta, fejn ix-xandir bir-radju, sentejn wara l-pluraliżmu, għadu ħallata ballata, għaġna waħda mingħajr dawk id-distinzjonijiet bejn stazzjon u ieħor li jifirdu l-istazzjonijiet minn xulxin bħal ma hija l-prattika ta' mill-inqas nofs seklu fil-pajjiżi progrediti u moderni.

Ippermettili wkoll, Mr Chairman, nieħu din l-okkażjoni wkoll biex insellem lil Dr. Massimo Fichera u nifraħlu għas-servizz relattivament ġdid li hu qed imexxi b'tant maestrija. Euronews daħal fil-ħajja ta' miljuni ta' telespettaturi Ewropej u madwar id-dinja mhux għaliex hu kurżità ġdida imma għaliex hu konsistentement tajjeb, effiċjenti u professjonali ġurnata wara l-oħra.

Jiena nissuspetta li l-Awtorità ma kenitx għal kollox altruista meta għażlet dan is-suġġett. Naħseb li daqs kemm għandna għalfejn nirriflettu aħna li nxandru, daqshekk ieħor għandha bżonn tirrifletti l-Awtorità tax-Xandir li, permezz tal-uffiċjali tagħha, kultant turi li għadha ma rrikonċiljatx ruħha mall-fatt li, skond il-liġi l-ġdida li għaddejna fl-1991, il-kunċett tal-bilanċ f'pajjiżna nbidel. Għal dawk fostna li tgħallmu fi skola tradizzjonali tar-responsabbiltajiet ta' min ixandar, din għadha sal-lum forsi ma tinżilx sa barra. Oħrajn ħabblu moħħom kif ma jħarbtux dik li hi l-applikazzjoni tradizzjonali ta' dawn iż-żewg valuri f'pajjiżna - it-tradizzjoni ta' min jiflaħ iħawwel.

Fejn jidħol il-bilanċ u l-imparzjalità politika f'pajjiżna, din l-arroganza ta' min twieled iben uniku u jrid jibqa' jitfissed għal dejjem hija evidenti biżżejjed. Protesti, tista' tgħid kuljum, ma' l-Awtorità tax-Xandir u akkużi li x-xandir ta' l-Istat huwa xandir ta' parti. L-arroganza tas-servizz hekk imsejjaħ pubbliku fil-konfront ta' kbir u żgħir fil-kamp politiku ma tippermetti l-ebda difiża ħlief dik li min jikkmanda jagħmel il-liġi. Dak sa fejn jolqot lill-partiti politiċi bejniethom.

U hawn, Mr Chairman, nixtieq nagħmel riflessjoni żgħira fuq dak li qal il-ħabib tiegħi, is-sur Farrugia Randon. Sa fejn naf jien, id-distinzjoni m'hijiex bejn xandir nazzjonali u xandir privat, imma bejn xandir pubbliku u xandir privat - għaliex ix-xandir privat huwa wkoll nazzjonali.

Is-settur privat tax-xandir daqstant ieħor m'għandux għalfejn jistenna li għalih jigu applikati n-normi ta' l-imparzjalità li wieħed jistenna minn *ente* ċivilizzata bħal ma dik li hu suppost ix-xandir pubbliku. Fuq dan is-suġġett, aħna nitkellmu mill-esperjenza tal-imġarrbin. Aħna wkoll ipprotestajna ma' l-uffiċjali għolja ta' l-Awtorità tax-Xandir dwar il-parzjalità tas-servizz pubbliku. Iġġebbidna minn ġimgħa għall-oħra u minn xahar għall-ieħor sakemm saret indeċenti li wieħed jistaqsi iżjed. Il-konklużjoni tagħna kienet, dak iż-żmien, li s-servizz pubbliku għandu min jgħattilu ħtijietu waqt li jistenna li ż-żmien jiknes minn nofs kwalunkwe possibbiltà ta' rimedju.

Aħna twelidna u ħadna l-edukazzjoni tagħna fl-iskola l-antika, meta l-bilanċ fil-programmi kellu interpretazzjoni waħda biss. Għalina f'Live FM il-bilanċ nipprattikawh għall' antika, fl-istess ħin u fl-istess okkażjoni. Fuq dan il-prinċipju bnejna l-filosofija ta' stazzjon sħiħ u ma' din id-dimensjoni żidna dimensjoni oħra ġdida għall-kunċett tal-bilanċ u mparzjalità f'pajjiżna imma reali: dik li nagħtu liċ-ċittadini l-ħin kollu, u f'kull okkażjoni, l-opportunità li jikkummentaw, li jargumentaw ma' min ikun qed jieħu sehem fil-programm, li jikkonfronta l-ideat tagħhom ma' dawk ta' min ikun qed jitkellem.

Hemm diversi faċċati li wieħed jista' jħares lejhom meta nitkellmu dwar bilanċ u imparzjalità. Ġie li ssemma, bħala parti mill-argument dwar bilanċ u mparzjalità, ir-

rwol tas-sid u l-ordnijiet li jista' jagħti s-sid favur jew kontra ċerta politika, mhux biss partitika. Sid jista' jkollu s-simpatiji u l-antipatiji tiegħu lejn ċerti organizzazzjonijiet - l-Unions per eżempju. Għaqdiet kontroversjali bħal dik Tal-Kaċċa jew oħrajn opposti għalihom. Kemm fil-fatt jista' jkun influwenti s-sid? Biex inkunu realistiċi, rridu nimxu mhux fuq dak li jista' jkun, imma fuq dak li hemm fid-dawl ta' l-esperjenza tas-sentejn li għaddew. Meta hawn Malta, fis-settur privat tax-xandir, m'għandniex xi sidien miljardarji, *primadonne* tal-pubbliċità personali, deħlin u ħerġin mill-aħbarijiet, imma iktar nies li jgħixu mix-xogħol u li forsi, bħali, daħlu għall-illużjoni li finalment l-aħjar jgħeleb u, anki b'għaxar stazzjonijiet kummerċjali, ir-radju jista' jkun affari nteressanti. L-idea li s-sid jista' jkollu nteress li jindaħal f'dak li tista' tkun il-politika ta' bilanċ u mparzjalità fl-istazzjon kważi lanqas tissemma.

Imma bħal kull ħaġa oħra f'pajjiżna, biex tkun taf il-verità aqleb kollox rasu l-isfel. F'pajjiżna huma l-istituzzjonijiet, bl'hekk imsejjaħ Public Broadcasting Service b'kollox, li għandhom orjentament u direzzjoni politika definita. Dawn huma s-sidien tax-xandir f'Malta llum, li jiddeċiedu minn bullettin għall-ieħor, x'għandu jidħol, u għal raġuni jew oħra, x'għandu jibqa' barra. Taħt il-liġi ta' qabel din il-pożizzjoni kienet toħloq konflitt serju mal-ħtiġijiet ta' mparzjalità. Illum il-liġi hija differenti u dan il-konflitt m'għandux għalfejn jinħoloq u, fil-każ ta' l-Awtorità tax-Xandir, m'għandhiex għalfejn titlob imparżjalità fl-aħbarijiet u bilanċ strett fil-programmi minn ħadd, qabel ma l-istess Awtorità tieħu li sbriga li tiċċara hi stess dawk li huma veri konflitti serji li għandna llum, li ilhom jinħolqu minn programmi u kummenti strangolati u sbilanċjati li ilhom ħerġin minn xi stazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet, imma mhux mal-liġi imma ma' dak li kienet u li għadha titlob il-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-liġi nbidlet imma l-Kostituzzjoni ma nbidlitx u llum, daqs il-bieraħ, jekk mhux iktar, għadha tesiġi bilanċ u mparzjalità fejn ix-xandir f'Malta jmiss kwistjonijiet ta' kontroversja politika u industrijali jew ta' politika pubblika kurrenti. Għaddew sentejn sħaħ minn fuq din il-liġi l-ġdida u l-problemi li nqalgħu fil-kamp tal-bilanċ u ta' l-imparzjalità minn dawk li għażlu li jħaddmu dawn il-prinċipji fil-forma l-ġdida li tippermetti l-liġi tal-1991, sa fejn nafu aħna, inkinsu taħt it-tapit, minflok ma sar tentattiv serju biex tinstab soluzzjoni ġusta fl-interess pubbliku.

llum, għall-kunċett tal-bilanċ jekk mhux ukoll dak tal-imparzjalità, il-liġi tipprovdi l-għażla u ma setax ikun mod ieħor. Malli l-Gvern iddeċieda li jagħti liċenżja liż-żewġ partiti politiċi f'Malta u lill-Knisja, kellha bilfors tinbidel l-Ordinanza tax-Xandir li kienet tħejjiet mill-Ingliżi fi żmien l-Amministrazzjoni Kolonjali, bi skopijiet differenti ħafna minn dawk li trid tilħaq il-liġi li għandna llum.

U ta' min, hawnhekk, jirrifletti għaliex gvernijiet kemm Nazzjonalisti u kemm Laburisti, mill-Indipendenza 'l hawn, qatt ma nteressaw irwieħhom biex jaġġornaw il-liġi ta' qabel li, aktar ma għadda ż-żmien, aktar kienet saret anakronistika. Kien hemm almenu żewġ okkażjonijiet meta tbiddlet il-Kostituzzjoni ta' Malta li seta' ta bidu għall-diskussjoni dwar it-tibdiliet meħtieġa fil-Liġi tax-Xandir. Il-politiċi sabuha bi tqila biex jiftħu kapitlu ieħor, kumplikat, bħal ma huwa x-xandir u, forsi, jirriskjaw kollox minħabba nuqqas ta' ftehim fuq dan.

Wara kollox, il-prattika wrietna li kull gvern li kien hawn mill-1961 'l hawn, għamel ix-xandir pubbliku x-xandir tiegħu. Jekk din il-prattika, profondament anti-kostituzzjonali se tibqa', Malta ser tibqa' ankrata ma stazzjonijiet politiċi ta' twemmin differenti li, biex jagħmlu tajjeb għall-inerzja ta' min huwa responsabbli biex jara li x-xandir ma jiġix abbużat, jidħlu huma biex taparsi jibbilanċjaw lil xulxin, xi darba, fil-milja taż-żmien. Dan tumur fil-ħajja ta' pajjiżna. Fil-klassi politika diriġenti tal-lum jidher li m'hemm ħadd li għandu l-kuraġġ jagħmel din l-operazzjoni. Imma xi ħadd, xi darba jrid jasal. Minkejja li tbiddlet il-liġi, fil-fatt inbidel ftit. Illum daqs qabel, xorta waħda għadna ma nistgħux nippretendu bilanċ fl-istess programm, fl-istess ħin u fl-istess okkażjoni minn stazzjon politiku, intiż biex jinfluwenza lil min qed jisimgħu dwar it-teżijiet politiċi tiegħu. Il-qiegħ ta' kull stazzjon politiku jaqa' kieku, biex iwassal il-messaġġ tiegħu stazzjon politiku ikollu, bilfors, fl-istess nifs iġib lil min ma jaqbilx miegħu biex jgħid tiegħu wkoll.

M'hemm l-ebda dubju li parti mill-istrateġija ta' kull stazzjon ta' partit hi li jipprova jħajjar u jiġbed lil min ma jkunx għadu kommess, billi jagħti kull impressjoni li huwa stazzjon indipendenti li fuqu tisma' l-fehmiet kollha ta' kulħadd. Kieku ma kienx hekk, stazzjon politiku jkun qed isemma leħnu biss lill-ikkonvertiti. Il-fatt innegabbli

jibqa' li stazzjon politiku għandu obbligu li jimbotta 'l quddiem l-ideat u l-kunċetti tal-partit li waqqfu u għalhekk ma tistax titlob minnu bilanċ fl-istess ħin u fl-istess okkażjoni u inqas u inqas ma tista' titlob imparzjalità fit-trattament ta' ideat politiċi li fuqhom hemm iktar minn fehma waħda fil-pajjiż.

Dan mhux qed ngħidu bi kritika imma bħala fatt. Jekk wieħed jisma' l-kummentarji li jsiru f'nofs l-aħbarijiet ta' stazzjonijiet politiċi, wieħed ikun jaf preċiżament x'qiegħed ngħid. Fl-istazzjonijiet politiċi u anke f'tal-Knisja, il-bilanċ irid bilfors jintlaħaq kif titlob il-liġi tal-1991, bejn l-istazzjonijiet kollha, fil-milja taż-żmien mingħajr ebda forma ta' garanzija li dan il-bilanċ fil-fatt jintlaħaq. La l-ebda stazzjon ma jista' jiġi kostrett li jibbilanċja l-iżbilanċ ta' stazzjon ieħor, l-idea li l-bilanċ jintlaħaq maż-żmien bejn l-istazzjonijiet kollha tibqa' biss fantasija ta' kunċett zopp fil-liġi l-ġdida li ma jistax jgħaddi mit-test taż-żmien. X'jiġri meta jkun għadda ż-żmien u dan il-bilanċ ma jkunx sar? Il-Kostituzzjoni tkun inkisret, kif qed tinkiser ripetutament, mingħajr ħadd ma jagħmel xejn bħal ma jiġri fir-Repubbliki tal-Banana.

Lanqas ma jista' jingħad li fejn jirrigwarda l-bilanċ u l-imparzjalità ix-xandir privat għandu xi obbligi differenti minn dawk ta' l-istituzzjonijiet. L-obbligi tas-settur privat lejn il-komunità huma preċiżament bħal dawk tax-xandir, hekk imsejjaħ pubbliku u ta' l-istituzzjonijiet. Il-bilanċ u l-imparzjalità huma valuri li ma jinbidlux skond f'idejn min jitqiegħdu biex iħaddimhom. Il-problema tqum meta niġu biex niddefinixxu dawn iż-żewġ valuri. Il-prattika wriet li f'Malta kulħadd jifhimhom u jinterpretahom kif jidhirlu, għaliex bħal kull valur ieħor, dawn il-valuri jvarjaw skond it-twemmin, skond il-kultura, l-attitudni u, fuq kollox, skond il-pożizzjoni li minnha wieħed jogħqod biex jiggudikha. Stazzjon li hu marbut ma' istituzzjoni ma jistax ma jkollux il-verżjoni partikolari tiegħu, parzjali, ta' imparzjalità. B'bilanċ, stazzjon ta' din l-għamla jista' jifhem li kollox ikun ikkunsidrat skond il-verżjoni u l-impostazzjoni tiegħu.

Għad għandna uħud f'Malta li, meta jitkellmu magħhom infushom quddiem il-mera, jgħidu li dak huwa bilanċ. Kultant aħbar titgeżwer f'liżar ta' kummenti, jew biex ma jidhoIx fid-dubju ta' kif jibbilanċja, stazzjon bħal ma huwa l-istazzjon tat-televiżjoni preżenti, iħalli barra aħbar leġittima li jkunu rrappurtawha l-ġurnali u r-radjijiet kollha,

allura nifhmu li jew għall-bilanċ u għall-imparzjalità f'pajjiżna hawn interpretazzjonijiet assolutament differenti jew inkella, fil-każ tax-xandir pubbliku, ikun indaħal bi prepotenza s-sid li hekk ikun fehem li jista' jaqdi lil sidu.

Biex inkunu prattiċi, u għalhekk mhux bilfors realistiċi ħafna, ikollna ngħidu li l-bilanċ u l-imparzjalità fix-xandir m'humiex prinċipji elementari segwiti minn xandara ta' rieda tajba li jistgħu faċilment ikunu prattikati minn kulħadd l-istess. Kieku kien possibbli, anki dan ma kien isolvi xejn għaliex kien ikun ifisser li, fil-prattika, l-istazzjonijiet kollha f'Malta, bħaċ-Ċiniżi, jispiċċaw b'wiċċ wieħed.

U kemm il-forma ta' bilanċ u ta' mparzjalità jista' jkun hemm? Jekk naqblu li l-bilanċ u l-imparzjalità fix-xandir għandhom forma waħda, ikollna fl-istess ħin nammettu li l-istazzjonijiet jistgħu jispiċċaw fotokopja ta' xulxin. Jekk quddiem aħbar hemm mod wieħed biss kif din tiġi ppreżentata, allura dan ifisser li l-pluraliżmu fix-xandir ikun ħa xejra repetittiva u jispiċċa, mhux bħala pluraliżmu, imma bħala proliferazzjoni ta' stazzjonijiet l-istess, eku wieħed ta' l-ieħor kif inhuma fl-istati totalitarji, jekk baqa'. Naqblu li fil-fatt mhux hekk. Kull stazzjon għandu xi forma ta' orjentament li ma jaqbillux jipprexxindi minnha waqt li l-verità tibqa waħda u ndiviżibbli. M'hemm l-ebda sostitut għall-verità ħlief l-gidba.

Għalhekk forsi wasal iż-żmien li nibdew inwessgħu lil dawn iż-żewġ kunċetti sakemm inġibuhom li jħaddnu l-valuri kollha individwali u soċjali, mhux biss il-valuri politiċi u partiġjani. Il-bilanċ jistenna minna li nsemmgħu l-ilħna kollha tas-soċjetà mingħajr distinzjoni, mingħajr diskriminazzjoni jew favoritiżmu numeriku jew ġuridiku. Il-logħba żgur mhix waħda faċli.

Il-bilanċ u l-imparzjalità kif inhuma mifhuma f'Malta spiss ifissru l-istess ħaġa. Li aħna nsemmgħu dak li l-maġġoranza tistenna u tobsor li hija l-verità. Aħna lkoll ħatja, volutament jew le, tal-ossessjoni bil-kunċett tal-maġġoranza jew ta' dawk li huma l-forzi l-kbar fil-pajjiż. Nirrappurtaw kuljum x'jgħidu l-mexxejja tal-pajjiż, tal-partit, tal-Knisja, ta' l-istituzzjonijiet, ta' l-organizzazzjonijiet. Niddendlu ma' kull kelma li, flimkien mall-kollaboraturi stretti tagħhom, il-mexxejja jkunu studjaw minn qabel

f'kull dettal biex jaraw kif aħna nistgħu nibilgħuha bla sforz u ta' messaġġiera mhux imħalsa, inwassluhielhom lill-poplu, f'tellieqa akkanita bejnietna biex kull ħsieb, kull fehma, kull tlissina nkunu aħna li ħriġniha l-ewwel.

Il-bilanċ għandu jfisser l-għoti ta' l-istess spazju lil kulħadd xorta waħda u ċertament f'wisq iktar kalma milli tirrenja fostna llum. L-imparzjalità għandha tfisser li nħarsu lejn kull forma ta' rappreżentanza bl-istess livell ta' konsiderazzjoni mingħajr ġudizzju estranju. Bil-Malti, l-ftit u l-ħafna, il-mudelli l-ġodda u l-mudelli l-qodma, kollha għandhom l-istess dritt kostituzzjonali li lilna jużawna ta' kurrieri bla paga.

Il-kunċett ta' l-imparzjalità għandu iktar minn faċċata waħda. Għandu stazzjon ikun imparzjali fis-sens li ma jieħodx pożizzjoni quddiem fatt, quddiem valur korrett jew żbaljat, quddiem prinċipju enunżjat mill-għoli jew quddiem ġrajja? Jista' stazzjon b'orjentament oppost jibqa' imparzjali quddiem ġrajjiet nazzjonali li vixxeralment ma jaqbilx magħhom? Jista' stazzjon indipendenti, mingħajr orjentament politiku, jibqa' inert quddiem ġrajjiet lokali jew dinjija li fuqhom iħoss l-obbligu li mhux biss jesprimi ruħu u jinforma mingħajr ma jħoss ukoll li jkun ittradixxa l-identità tiegħu? Il-ġudizzju ġurnalistiku m'għadux parti ntegrali mid-dmir ġenerali tal-professjoni ġurnalistika?

Fil-bidu ta' dan id-diskors, sejjaħt lix-xandir tagħna l-Maltin bħala xandir ħallata ballata. Sentejn wara l-pluraliżmu għadna ma wasalniex, u issa nissuspetta li ma naslux għal dak li stazzjonijiet barranin li jxejjruh fuq quddiem bħal bandiera. Għadna ma wasalniex biex l-istazzjonijiet Maltin jinfirdu u jitbiegħdu aktar minn xulxin fil-format tagħhom, ħalli anki fostna tibda tispikka iktar l-identità u l-orjentament ta' kull wieħed mill-istazzjonijiet tagħna.

Jiena niftakar is-seminar li kien sar fir-Robert Samut Hall il-Furjana, organizzat ukoll mill-Awtorità tax-Xandir, bil-parteċipazzjoni tal-Ministru responsabbli għax-Xandir, bil-Ministru ta' l-Edukazzjoni li dak in-nhar ixxokkja żgur lili, ma nafx jekk ixxokkjax oħrajn ukoll, meta qal leġġerment, li għal xi żmien, dan il-Gvern kien qed jistudja l-proposta li l-pluraliżmu jwettqu fi ħdan l-Istat u mhux kif hinu llum. Dak in-nhar esprimejt għal darb'oħra l-fehmiet tiegħi dwar l-istazzjonijiet politiċi, li għalihom

għandi kull rispett professjonali, u dawn il-fehmiet ma biddilthomx minn mindu tkellimthom l-ewwel darba meta konna qiegħdin niddibattu l-Liġi l-ġdida fil-Parlament. Jien ma naqbilx li f'pajjiż żgħir bħal tagħna għandu jkun hemm stazzjonijiet li jappartienu lill-partiti u r-raġuni għal dan hi li stazzjon tal-partit kumbattiv għall-voti mill-ġuf, jitwieled, irid u ma jridx, divisiv.

B'dana kollu rrid ngħid ukoll li llum l-istazzjonijiet tal-partiti saru miftuħin iżjed milli kienu qabel fuq *issues* selettivi. F'dibattiti fejn il-fehma tal-partit tagħhom hija rappreżentata tajjeb, isemmgħu wkoll opinjonijiet li ma jirriflettux kompletament l-orjentament politiku tal-Partit tagħhom. Dan kollu, inħoss, huwa forma ta' pass 'l quddiem, imma wieħed li ma jista' qatt jegħleb ir-*raison d'etre* ta' stazzjon politiku - dak li jimbotta ż-żiemel tiegħu 'l quddiem u li jrikkeb fuqu kemm iż-żiemel jiflaħ.

U hawn tibda l-konfużjoni li tirrenja fuq l-identità tagħna - l-istazzjonijiet tar-radju Maltin. L-istazzjonijiet politiċi jriduha ta' indipendenti. L-istazzjon tal-Knisja jridha ta' ekumeniku, miftuħ għall-ideat kollha. L-istazzjonijiet tal-mużika ħarsu lejn it-*Talk Stations* , ħadu minnhom dawk il-programmi li forsi tellfuhom xi semmiegħa, daħħlu programmi eżatt bħalhom fix-*schedule* , fl-istess ħinijiet u fl-istess ġranet ta' l-istazzjonijiet l-oħra. Jipproġettaw rwieħhom bħala *"less talk, more music"* meta l-identità tagħhom titlob li jkunu *"practically no talk, all music"* . Jekk tħarsu lejn l-istazzjonijiet kollha l-Ħadd filgħodu bejn l-10 u nofs inhar niftehmu malajr.

Sakemm ġejna aħna, il-Ħadd filgħodu kien meqjus bħala ġurnata ta' rilassament, mużika għal kulħadd - jum ta mistrieħ wara ġimgħa xogħol - il-*buzzword* fil-bidu kienet *relax*. Aħna bdejna l-ewwel *schedule* tagħna bil-programm Il-Maltin Jistaqsu b'intervisti ma' persunaggi famużi, jew notorji skond kif wieħed iħares lejhom, il-Prim Ministru Fenech Adami, Lorry Sant, Louis Galea, Ġorġ Vella, Cecil Pace, Ugo Mifsud Bonnici, Brigadier Sammut Tagliaferro, Joe Debono Grech, Ġużè Cassar u tant oħrajn. Wara ftit kull stazzjon kellu fix-*schedule* tiegħu *chat show* bejn l-10 u nofs inhar nhar ta' Ħadd u hekk għadu sal-lum. Kultant inqalleb minn stazzjon għall-ieħor f'dan il-ħin li issa fuq Live FM huwa okkupat mill-inimitabbli Professur Oliver Friggieri dak il-ħin u nimmaġina lil Oliver qisu Don Quixote, quddiemu

l-persunaġġ li jkun se jitkellem miegħu u warajh ħames mirja. Ċajt apparti, li wieħed qajla jifhem hu kif, mill-istess klassi, min jikkopja jiġi 'l quddiem fl-eżami u min ikun oriġina l-ħsieb, il-forma u s-sustanza tal-proġett jinqata' lura. Jgħidu li hu fenomenu Malti u mhux terminali.

Imma l-istess għamilna aħna, it-*Talk Radios* . Biex mingħalina nikkompetu aħjar, ħarisna lejn il-ħinijiet meta programmi partikolari tad-diski fuq stazzjonijiet oħra ħadulna l-aktar semmiegħa u hemmhekk waddabna programmi mħalltin b'*phone-ins* u mużika imma l-iktar mużika biex issa sirna *"more talk, less music"* meta suppost aħna *"all talk, no music"* . Tħallatna u tħarbatna b'mod li llum sentejn wara, nagħmlu tajjeb jekk nersqu pass lura u nerġgħu nagħtu ħarsa ġdida lejna nfusna, u dak li f'għajnejn il-pubbliku tagħna nixtiequ li nkunu. Għandhom identità ċara li stazzjonijiet tal-istituzzjonijiet li mhix identità strettament ta' l-istazzjon imma hija identità meħuda mill-istituzzjoni li għaliha dak l-istazzjon jappartieni.

Kull wieħed minna li jxandar għandu immagini tiegħu li jrid iwassal lill-pubbliku. M'hemmx dubju li l-istazzjonijiet ftit jistgħu jiftaħru b'lealtà tas-semmiegħa. Huwa fatt li s-semmiegħa jqallbu minn stazzjon għall-ieħor u jieqfu fuq id-diska li togħġobhom dak il-ħin jew fuq l-argument li jkun laqathom dak il-ħin. Forsi l-ħafna huma dawk li jgħidu li jisimgħu stazzjon wieħed biss imma fil-fatt mhux hekk - jisimgħu kollox.

B'danakollu niżbaljaw jekk ngħoddu lis-semmiegħa tagħna bħala esseri efimeri, egoisti, nteressati fis-sodisfazzjon tal-ego tagħhom biss. Il-pubbliku joffri reazzjoni, meta jrid u meta jgħoġbu imma r-reazzjonijiet hemm qegħdin. Lilna jikkreditawna li, bil-format li addottajna minn mindu bdejna, ftaħna ħalq il-Maltin - ħalq il-Maltin li kien ilu msikket għal sekli sħaħ. Mingħajr ebda forma ta' restrizzjoni, nkoraġġejna lill-Maltin biex jitkellmu, biex jesprimu rwieħhom, anki jekk ma jafux jartikolaw daqs l-avukati, imma li jitkellmu mingħajr ċensura għaliex nifhmu u nemmnu li ċ-ċensura tal-ħsieb hi iċ-ċaħda ta' l-istess ħsieb ħieles, u li l-ħsieb ma jiswa xejn jekk mhux ħieles. Nies ta' kull orjentament, studenti, nisa tad-dar, ħaddiema tat-tarznari, ħaddiema tal-fabbriki, ħaddiema ta' l-isptarijiet, managers irġiel u nisa, mingħajr

distinzjoni kulturali jew soċjali sabu fil-programmi tagħna l-vuċi li ma kellhomx qabel.

Dan għamilnieh għaliex hekk jitlob minnha l-kredu tagħna imma wkoll għax għal żmien pjuttost twil, sakemm ħaddieħor induna li wara kollox, ir-riskju li tagħti l-mikrofonu lin-nies ma kienx daqshekk kbir, dan il-fattur iddistingwina minn stazzjonijiet oħra. Abbużi kellna wkoll, imma mhux meta stennejnihom. L-abbuż, organizzat, ħassejnieh żmien wara li aħna konna ilna li emminna li dak li jabbuża minn din il-libertà ġdida li kiseb il-poplu Malti kien ilu li nħeba x'imkien. Ir-riskju għal kull min jiftaħ il-mikrofoni fuq suġġetti jew delikati jew imqanqlin jibqa' hemm. Il-konfront fil-pajjiż huwa wisq ikbar milli jidher. L-għira u l-mibgħeda ma jorqdux.

Imma aħna emminna minn dejjem li dan jibqa' prezz ċkejken li rridu nkunu lesti nħallsu għall-libertà li l-poplu Malti akkwista permezz tal-pluraliżmu, permezz ta' bosta stazzjonijiet f'Malta mhux tagħna biss, li ma jiċċensurawx il-kelma, ma jirrekordjawx il-mistoqsijiet biex jiddeċiedu huma xi jxandru jew x'ma jxandrux, imma li għandhom il-kuraġġ li jagħtu l-kelma ħielsa liċ-ċittadin mingħajr restrizzjoni. Esposti quddiem pubbliku vast, ħafna nies jitkellmu u jaslu biex jiffurmaw opinjoni pubblika u mhux biss joħolqu kuxjenza nazzjonali fuq diversi kwistjonijiet imma wasslu lill-leġislatur biex jaħsibha jew biex jerġa' jaħsibha.

Mhux aħna biss, imma dawk l-istazzjonijiet l-oħra kollha li bħalna għandhom dibattiti, *talk shows* , *chat shows* , konfronti u prodotti radiofoniċi simili, għamlu iżjed fost il-Maltin milli ferrħu liċ-ċittadin. Uħud minna taw lill-poplu tagħna sens ta' direzzjoni, għennih japprofondixxi l-konoxxenza u l-ġudizzju tiegħu fuq argumenti li jolqtuh mill-qrib. Ftaħna ideat, wessajna orizzonti u tajna kontribut lis-soċjetà tagħna li żgur għad jitkattar maż-żmien. Il-poplu tagħna għadu qed jitgħallem jartikola ħsiebu. Min jagħtih iċ-ċans li jkompli jagħmel dan bla xkiel u bla biża ta' ritorsjoni, ikun imbotta lill-niesna pass 'l quddiem bla preċedenti fl-istorja kollha ta' dan il-ġens.

Nisimgħu sikwit ukoll dwar l-etika fix-xandir, prinċipju marbut intimament mal-valuri ta' bilanċ u mparzjalità. Aħna nemmnu li m'hemmx kmandament aqwa milli min ixandar jirrispetta l-fatti. M'hemmx valur għola mir-rispett lejn l-intellett tas-

semmiegħa li jitħallew jaħsbu weħidhom, bla ebda ħtieġa ta' kontroll istituzzjonali. Aħna bħala stazzjon nemmnu f'dan għax hekk jgħid il-kredu tagħna imma wkoll għaliex għandna biżżejjed eżempji matul is-sena u nofs li ilna nxandru ta' kemm għandu ħila, kemm hu kapaċi u kemm hu ta' min jirrispettah l-intellet ta' dak li aħna nirreferu għalih bħala ċ-ċittadin komuni, dak ta' bla pretensjonijiet, dak li r-ritratt tiegħu qatt ma jidher fil-gazzetti, dak li jsegwi l-istazzjonijiet Maltin u jċempel forsi lil kulħadd jew forsi lil xi wħud.

Ma narawx triq iktar profikwa fit-tħaddim ta' dak li titlob minna l-Kostituzzjoni bħala xandara milli li nagħtu din l-opportunità lil kulħadd. Il-valuri ta' bilanċ u l-imparzjalità m'għandhomx definizzjoni astratta mhejjija minn qabel - jitħaddmu aħna u nużawhom bħal kull aspett ieħor tad-demokrazija vera. L-imparzjalità tiddomanda minna li noffru din l-opportunità l-ħin kollu. Il-bilanċ nottjenuh fl-universalità ta' l-opinjonijiet espressi, bl-iktar forma espansiva ta' tolleranza possibbli.

L-ideat tal-Maltin qegħdin jitwessgħu u qegħdin jimmaturaw. Bosta iktar nies minn kull livell tal-ħajja qegħdin jersqu lejn il-mikrofonu. Veru li sal-lum il-kamp għadu okkupat mill-bniedem tat-triq. Dan jagħtina sodisfazzjon għaliex forsi huwa ġust u sewwa li nibdew minn hemm. Kiber ir-rispett lejn opinjonijiet differenti. Naqset, minn fuq ir-radjijiet, kważi għebet, is-saħna tal-vjolenza verbali. Twarrab it-ton tal-priedka paternalistika. Żmien l-istituzzjonalizmu tal-opinjoni pubblika jidher li qed iċedi l-pass għal konvivenza paċifika f'rispett reali ta' detenturi ta' opinjonijiet differenti minn kampi anki opposti. Għaxar radjijiet għaddejjin għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum ma jistgħux ħlief jirriflettu u jsaħħu dan il-progress morali f'pajjiżna.

Aħna x-xandara nagħmlu parti minn Malta u Malta tagħmel parti mid-dinja. Hemm fostna minn ħadem biex jistimula dan il-progress fost il-poplu tagħna. Hemm bżonn li niżdiedu u nitkattru. Ma nistgħux naslu għal dawn il-libertajiet ġodda sakemm fostna jibqgħu s-sidien fewdali tax-xandir.

Meta nkunu ħassejna iktar il-maturità tal-poplu tagħna f'dawn il-ħwejjeġ, għad irridu

nibdew id-dibattitu l-ieħor, id-dibattitu dwar x'post baqalhom fis-soċjetà tal-lum, imma l-iktar fil-prospett ta' dik is-soċjetà Maltija li trid tittraversa minn dan is-seklu għall-dak li ġej, ċerti istituzzjonijiet li welled fostna l-barrani u li aħna, ta' ġwejdin, għamilnihom tagħna kif riedna hu qabel ħalliena. Fil-kuntest tas-soċjetà l-ġdida li trid taqsam il-pont li jwassalha għas-seklu wieħed u għoxrin, irid jibqa' d-dibattitu għaddej dwar jekk il-partiti politiċi Maltin għandhomx ikollhom ukoll f'idejhom il-mezzi ta' kommunikazzjoni tal-massa bħal ma huma r-radju u t-televiżjoni.

Fl-evoluzzjoni ta' dik is-soċjetà Maltija li rridu differenti minnha u aħjar minna fis-seklu li ġej, għad irid jibda d-dibattitu ta' jekk l-Istat għandux ikollu f'idejh dawn il-mezzi, barra mill-mezzi ta' kommunikazzjoni inerenti fil-mekkaniżmu ta' l-Istat innifsu, biex jilgħab bihom kif irid, kif kull partit li mexxa l-Istat Malti għamel s'issa mill-1961. Għad irridu nibdew id-diskussjoni dwar jekk il-mezzi ta' ħarsien ta' l-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet ta' kommunikazzjoni tal-massa, bħax-xandir, il-mezzi li għandna llum għadhomx validi fil-forma li huma llum jew jekk għandniex nersqu iktar lejn sistemi wisq iktar moderni li addottaw pajjiżi oħra u li jassiguraw wisq aħjar il-ħarsien tal-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini kollha. Ilna sejrin 33 sena bil-ħarsien organizzat. Ċertament wasal iż-żmien li nibdew inħarsu lejn min qed iħares.

Minn naħa tagħna lkoll, aħna li nxandru, għandna l-obbligu li noffru orjentament intelliġenti u mparzjali lill-poplu tagħna biex, fis-serenità u fl-akbar libertà, is-soċjetà tagħna timmatura iktar malajr, tasal weħidha għal ġudizzji ġusti ta' x'hinu l-aħjar li jista' jwassalha u jdaħħalha fis-seklu li diġa' jinsab wara l-antiporta biex tassigura għixien aħjar minn tagħna, fis-sliem u fil-libertà - żewġ valuri vitali, li għadhom sal-lum iċarċru demm l-innoċenti, f'dan is-seklu martorjat li wasal biex jintemm.

# Partiti Politiċi Żgħar u l-Problemi li jiltaqgħu magħhom fis-Settur Pubbliku tax-Xandir




## BRIAN DECELIS

*Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*
*Alternattiva Demokratika*


Is-sur Brian Decelis huwa l-kelliem għal Alternattiva Demokratika f'dawk li huma relazzjonijiet pubbliċi u materji ekonomiċi. Is-sur Decelis huwa gradwat fil-*Commerce and Business Management* u anke studja l-ġurnaliżmu f'Malta u f'barra l-pajjiż. Is-sur Decelis kellu sehem attiv f'diversi organizzazzjonijiet ta' l-istudenti u llum jagħmel xogħol ta' *marketing* mal-Mid Med Bank.

# Brian Decelis

## Lejn monopolju ta' l-MLPN

Kieku qiegħed hawn bħala rappreżentant tal-Malta Labour Party jew tal-Partit Nazzjonalista, kieku nistħi niġi hawn nikkritika lill-Awtorità tax-Xandir. Għaliex jekk hemm nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ partiti tradizzjonali dwar kważi kollox li jaqa` taħt il-kappa tax-xemx, dawn żgur li jaqblu dwar il-funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir. Huma jaqblu li din l-Awtorità kienet u għada primarjament għas-servizz tagħhom u huma minn naħa tagħhom jikritikawha kontinwament biex iżommuha aktar fuq ponot subgħajha biex taqdihom dejjem aktar u aħjar. F'dan il-kuntest liż-żewġ partiti tradizzjonali bħala forza waħda u għalhekk sejjer nirreferi għalihom bħala l-MLPN.

Il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna tgħid ċar u tond li "tkun funzjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar il-ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu għal *policy* pubblika korrenti u li l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti" (artiklu 119 (1)). Il-Kostituzzjoni taħseb ukoll biex fil-qadi ta' dmirijietha, l-Awtorità tax-Xandir mhijiex suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' kwalunkwe persuna jew awtorità oħra.

Għalhekk, mill-bidu nett ta' din il-kontribuzzjoni tiegħi xtaqt nistabbilixxi li l-ogħla karta leġislattiva ta' pajjiżna, il-Kostituzzjoni stess, titfa l-piż ta' bilanċ u imparzjalità fix-Xandir fuq l-Awtorità tax-Xandir. Il-Kostituzzjoni nnifisha ma tiddistingwix bejn partit u ieħor imma ssemmi tqassim xieraq ta' faċilitajiet u ħin ta' xandir bejn il-partiti politiċi differenti. Il-problemi ewlenin li jiltaqgħu magħhom formazzjonijiet li ma jappartjenux għaż-żewġ partiti tradizzjonali biex isemmgħu leħinhom fuq il-mezzi

tax-xandir f'pajjiżna jirriflettu nuqqas fil-ħarsien tal-Kostituzzjoni mill-Awtorità tax-Xandir.

## SKEDA GĦALL-MLPN

Jekk wieħed jieħu l-każ ta' l-iskeda ta' xandiriet politiċi mtella' mill-Awtorità tax-Xandir, hawnhekk mill-ewwel jara d-dominanza ta' l-MLPN li permezz tar-rappreżentanti tagħhom fl-istess Awtorità, qegħdin jagħżlu li jsegwu l-Att tax-Xandir (1991) bi ksur ta' l-istess Kostituzzjoni. Dan għaliex l-Att tax-Xandir - li ġie approvat fil-Parlament mill-MLPN - jgħid li skemi ta' xandiriet politiċi għandhom jinqasmu bejn il-partiti politiċi rappreżentati fil-Parlament.

Madankollu, bla dubju ta' xejn dan imur kontra l-Kostituzzjoni ta' pajjiżna li f'Artiklu 6 tgħid li kull liġi ordinarja li ma taqbilx mal-Kostituzzjoni, l-istess Kostituzzjoni għandha tipprevali. Fl-istess artiklu jingħad ukoll li l-Kostituzzjoni hija suprema.

Madankollu, l-Awtorità tax-Xandir kompletament baqgħet tinjora t-talbiet ta' l-Alternattiva Demokratika biex tiġi nkluża fl-iskeda ta' xandiriet politiċi, u li allura wassalna biex niftħu kawża kostituzzjonali kif kien anke mħabbar hawnhekk stess minn sieħbi Joe Azzopardi s-sena l-oħra. L-aħħar tweġibiet li qiegħed ikollna mill-Awtorità dwar dan il-każ huma li l-istess Awtorità lesta biex tirregola ruħha skond id-deċiżjoni tal-Qorti. Possibbli li l-Awtorità tax-Xandir għandha bżonn sentenza minn kawża kostituzzjonali magħmula mill-Alternattiva Demokratika biex tiddeċiedi? Possibbi li l-Awtorità m'għandhiex l-opinjoni tagħha dwar dan? Wisq naħseb li huwa aktar il-każ fejn id-dominanza ta' l-MLPN fl-Awtorità tax-Xandir mhijiex tħalli lill-istess Awtorità tinqala' mis-sitwazzjonijiet anti-kostituzzjonali li ddaħlet fiha.

## KAMPANJI ELETTORALI

L-akbar żvantaġġ għall-formazzjonijiet politiċi li għadhom jikbru bħalma hija l-Alternattiva Demokratika huwa bla dubju ta' xejn fi żmien kampanji elettorali. Jekk

wieħed jara x'ġara qabel l-elezzjonijiet ġenerali tal-1992, u l-elezzjonijiet għall-kunsilli lokali li qegħdin isiru bħalissa, wieħed mill-ewwel jirrealizza li l-Awtorità tinsab bla snien u li fil-qasam tax-xandir kemm dak pubbliku kif ukoll privat issaltan id-dominanza arroganti ta' l-MLPN - ngħid arroganti, għaliex wara li l-MLPN inagħtaw stazzjonijiet ta' radju 'rigal' mill-gvern (b'diskriminazzjoni ma' l-Alternattiva Demokratika), l-MLPN użaw b'mod abbużiv l-istazzjonijiet tar-radju tagħhom għall-propaganda partiggjana bi ksur tal-liġi.

Ta' min isemmi li fost direttivi li kienet ħejjiet l-Awtorità tax-Xandir qabel l-elezzjonijiet ġenerali, kien hemm dik li dawk il-programmi li jitrattaw materji ta' kontroversja jew opinjoni pubblika kurrenti kellhom ikunu bilanċjati kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll fl-għażla ta' parteċipanti. Kien il-ksur sfaċċat ta' dawn ir-regolamenti mill-MLPN li kien wassal lill-Alternattiva Demokratika biex ixxandar, qabel l-elezzjonijiet ġenerali, permezz ta' Radju Alternattiva u toffri skop ta' diskussjoni dwar il-veduti tagħha. Fl-istess waqt li Radio 101 u Super One Radio komplew jinjoraw sfaċċatament lill-Awtorità tax-Xandir, l-MLPN ingħataw faċilita` mis-servizz pubbliku tax-xandir bit-televiżjoni biex jagħżlu żewġ ġurnalisti biex isegwuhom regolarment fil-kampanji tagħhom. F'liema pajjiż fid-dinja, politiċi jagħżlu liema ġurnalisti jkunu jridu li jsegwuhom? Anke kieku l-Alternattiva Demokratika kienet ingħatat din il-faċilita`, aħna konna nirrifjutawha għaliex is-servizz tax-xandir pubbliku qiegħed hemm biex iservi lill-pubbliku u mhux lill-partiti.

In-nuqqas t'azzjoni min-naħa ta' l-Awtorità tax-Xandir reġa` nħass waqt il-kampanji għal-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali li qegħdin isiru bħalissa. Filwaqt li l-Awtorità injorat it-talbiet ta' l-Alternattiva Demokratika biex ittella` skeda ta' xandiriet għal dawn l-elezzjonijiet - bħalma jsir f'pajjiżi oħra, kif anke rajna ftit taż-żmien ilu fl-Italja - l-imparzjalita` li talbet l-Awtorità biex tinżamm mill-mezzi tax-xandir ma kienetx miżmuma, anke meta wieħed iħares lejn il-mezzi kollha globalment. Dan għaliex filwaqt li għall-ilmenti tagħna l-Awtorità wieġbet li "ħadet il-passi li jidhrilha li huma neċessarji fiċ-ċirkostanzi", l-MLPN, permezz ta' l-istazzjonijiet tar-radju tagħhom, komplew għaddejjin bil-kampanji partiġġjani tagħhom. Filwaqt li l-kandidati tal-Partit

Nazzjonalista esprimew rwieħhom fi programmi mtella` fuq Radio 101 u kandidati 'indipendenti' (laburisti) ingħataw spazju fuq Super One Radio, l-uniku mezz kif il-kandidati ta' l-Alternattiva Demokratika semmgħu leħinhom kienu fi stediniet minimi fuq stazzjonijiet oħrajn.

Fil-fatt ninnotaw b'sodisfazzjon li kemm l-RTK u r-Radio Calypso tellgħu skeda ta' xandiriet għall-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali fejn fihom ġew mistiedna l-kandidati kollha għall-dawn l-elezzjonijiet. Madankollu, ma jistgħax wieħed ma jirrimarkax li dan kompla xaqleb il-miżien lejn l-MLPN billi barra l-propaganda sfaċċata għall-kandidati tagħhom fuq l-istazzjonijiet tar-radju tagħhom, gawdew ukoll min din il-pubbliċita`.

Naħseb li r-raġuni ewlenija għala l-Awtorità` tax-Xandir għażlet li tinjora t-talbiet tagħna għal skeda ta' xandiriet għall-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali - li fiha ikunu mistiedna isemmgħu leħinhom il-formazzjonijiet kollha li qegħdin jikkontestaw dawn l-elezzjonijiet - kienet li wara li parti mill-MLPN għażlet li ma tressaqx kandidati f'isimha, xandiriet mingħajr l-MLP kienu sejrin ikissru l-mentalita` prevalenti fil-qasam tax-xandir.

Mhux talli l-Awtorità għall-darb'oħra qegħda tidher dominata mill-MLPN, talli għal darba tnejn tat lill-PN il-fakulta` li jxandar jumejn qabel l-elezzjonijiet. Dan l-aġir ikompli juri kif l-Awtorità tax-Xandir qegħda tiffavorixxi lill-MLPN mhux biss billi tagħti biss lilhom ħin għal xandiriet fuq is-servizzi pubbliċi tax-xandir, imma kif ukoll qegħda toħloq diskriminazzjoni mhux biss kontra l-Alternattiva Demokratika imma kontra dawk l-għaqdiet li mhumiex jikkontestaw l-elezzjonijiet għall-kunsilli lokali taħt il-kappa ta' l-MLPN.

## MENTALITA' STEREO

Sieħbi Joe Azzopardi s-sena l-oħra akkuża lill-Awtorità b'mentalita` stereo. Minkejja li sar tibdil ta' l-istess Awtorità`, il-kambjamenti li seħħu mis-sena l-oħra 'l hawn

jindikaw li minn monopolju ta' l-istat li żmantellat l-Awtorità ta' qabel, is-sitwazzjoni tax-xandir f'pajjiżna riesqa lejn monopolju ta' l-MLPN.

Jekk wieħed iħares lejn l-aħbarijiet fuq Television Malta, wieħed isib hemmhekk ukoll dominanza mill-MLPN li ħafna drabi jokkupaw l-aħbarijiet ewlenin. Mhux l-istess jista` jingħad għar-rapporti dwar l-Alternattiva Demokratika li normalment jintefgħu lura ħafna fl-aħbarijiet u ħafna drabi jispiċċaw mbiċċra b'tali mod li ma jinftiehmux. Kuntrarjament għall-ġurnali (anke dawk ta' l-MLPN) li rrealizzaw il-kontribut li tista` tagħti l-Alternattiva Demokratika u li allura jitolbu l-opinjoni tagħha fuq diversi *issues*, Television Malta għadu maħkum minn mentalita` stereo.

Bħala eżempju nista` nsemmi kif wara d-diskors ta' l-aħħar *budget*, *budget* li bla dubju ta' xejn kien importanti speċjalment fil-kuntest tat-tibdiliet li jridu jitwettqu wara l-*avis* tal-Komunita` Ewropea - TVM ħa l-kummenti ta' l-MLPN filwaqt li stqarrija li nħarġet dik il-lejla stess mill-Alternattiva Demokratika ma ġietx irrapportata qabel l-għada. Jekk forsi sejrin tgħiduli li d-dehriet ta' kelliema ta' l-Alternattiva Demokratika fi programmi ta' natura kurrenti ma tantx kienu qegħdin jonqsu dan l-aħħar, bla dubju ta' xejn dawk kienu sforz l-ilmenti ripetuti li għamilna fil-bidu ta' l-iskeda tax-xitwa.

Jekk il-mentalita` stereo għada taħkem l-Awtorità tax-Xandir u d-dominanza ta' l-MLPN tirrenja fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna meta wieħed iħares lejha globalment, ma nistgħax ma niddistingwix xi stazzjonijiet tar-radju li qegħdin jagħrfu l-importanza ta' vuċi oħra f'pajjiżna. U hawnhekk nista` nsemmi li filwaqt li TVM kien ta' disservizz għat-telespettaturi tiegħu meta ma baqagħx ixandar ir-riżultati ta' l-akbar kunsill lokali - dak ta' Birkirkara - sa l-aħħar (inkluża l-elezzjoni ta' kunsilliera għall-AD), kien Live FM li xandar dirett l-elezzjoni ta' l-ewwel kunsillier għall-AD f'Ħal Balzan. Ma' dan l-istazzjon, nista` nsemmi wkoll lil Bay Radio li joffri spazju għall-veduti ta' l-AD mingħajr ma jkollna noqogħdu nitkarrbulhom aħna.

MONOPOLJU TA' L-MLPN

L-eżerċizzju ta' seminar ta' kull sena li fih nistgħu nirrevedu x'tibdil ikun seħħ fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna jista` jifthilna għajnejna għal perikli ġodda. Wara li l-MLPN kienu biddlu l-liġi dwar ix-xandir biex tippermettilhom ikollhom ukoll stazzjon tat-televizjoni, dan bla dubju ta' xejn kellu jqajjem ftit ta' tħassib. Dan l-aktar wara li l-PN iddikjara li mhuwiex interesat li jkollu l-istazzjon tat-televizjoni tiegħu, l-MLP qabad u beda jxandar illegalment b'tali mod u manjiera li mhux talli l-Awtorità ma kienetx b'saħħitha biżżejjed biex twaqqaf dan ix-xandir, imma talli fl-aħħar kellha ċċedi kompletament u tat liċenzja lis-Super 1 Television.

Wara dan l-iżvilupp, l-istat tax-xandir f'pajjiżna qiegħed jersaq aktar lejn monopolju ta' l-MLPN li jkompli joħnoq dejjem aktar kwalunkwe vuċi oħra (mhux biss dik ta' l-Alternattiva Demokratika).

F'sitwazzjoni ta' frekwenzi limitati bħalma żgur sejjer ikun hemm fil-qasam tat-televiżjoni, kien ikun aktar għaqli li l-partiti politiċi lanqas biss jiġu kkunsidrati, kif wara kollox għandu jgħodd fi kwalunkwe qasam tax-xandir fejn il-politiċi jkunu taħt l-iskrutinju tal-media u mhux imexxuha. F'sitwazzjoni bħal din, speċjalment fi żmien meta l-appoġġ għall-Alternattiva Demokratika qiegħed dejjem jikber u fejn allura aktar nies huma disposti li jisimgħu l-messaġġ tagħna, dan iwassal lill-AD biex tikkunsidra x'passi oħra tista' tieħu.

Ta' min ifakkar li l-Alternattiva Demokratika għad għandha kawża kostituzzjonali pendenti dwar il-fatt li l-MLPN kienu ngħataw liċenzja 'temporanja' għax-xandir bir-radju b'diskriminazzjoni ma' l-Alternattiva Demokratika u ma' kull min dakinhar xtaq ixandar.

## KONKLUŻJONI

Hemm ħafna x'tista tagħmel l-Awtorità tax-Xandir biex trażżan il-monopolju ta' l-MLPN li qiegħed jinfirex fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna. Kien ta' sodisfazzjon li f'dawn l-aħħar jiem dehru reklami għall-ingaġġ ta' nies biex jipproduċu programmi għall-Awtorità. Nittamaw li l-*Community Channel* jibda' jxandar mill-aktar fis u jagħti spazju lil kull min jixtieq iwassal il-veduti tiegħu, mhux biss dawk politiċi. Nispera li dan il-kanal, mhuwiex sejjer ukoll jitħalla jiġi monopolizzat mill-MLPN bix-xandiriet mill-Parlament li mistennija jitwasslu fuqu.

Fil-qasam tar-radjijiet, speċjalment dawk ta' l-MLPN, l-Awtorità għandha tara li kull meta jitwettqu xi abbużi mhux biss tgħid li qegħda tieħu azzjoni imma din l-azzjoni tidher. Kull min għandu idea tal-media jaf li l-immedjatezza hija importanti ħafna.

Jekk dawn iż-żewġ suġġerimenti jiġu attwati mill-Awtorità tax-Xandir b'rigorożita`, wieħed ikun jista` għallinqas jiġi hawn is-sena d-dieħla u jinnota li l-Awtorità` tkun tat is-sehem tagħha biex ir-riskju li qiegħed nara llum ta' monopolju dejjem jikber ta' l-MLPN fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna jitbiegħed. F'sistema demokratika għandu jkun hemm spazju biex jinstemgħu l-ilħna kollha u r-rwol li għandha l-Awtorità tax-Xandir f'pajjiżna għandu jkun strumentali biex dan l-ispazju jingħata.

Wara li konna ġejna niddiskutu hawn is-sena l-oħra, u wara bidla fil-kompożizzjoni ta' l-Awtorità, it-tibdiliet li seħħu fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna ma tantx jidher li tejbu s-sitwazzjoni speċjalment meta filwaqt li baqgħet teżisti l-mentalita` stereo prevalenti, żdiedet id-dominanza ta' l-MLPN. Jekk dak kollu li ntqal u li sejjer jingħad illum ħa jservi biss biex ikollna f'idejna sett *papers* illegati, nisuġġerixxi lill-Awtorità biex ma toqgħodx tiskomoda ruħha u tistedinna s-sena d-dieħla għal diskussjoni oħra ta' dan it-tip fejn fiha jintqal ħafna imma ftit li xejn tittieħed azzjoni.

# Bilanċ u Imparzjalita` fix-Xandir - L-Aspett Politku




LOU BONDI`

*Chairman*
*Radio 101*
*L-Istazzjon tal-Partit Nazzjonalista*

Is-sur Lou Bondì kien Chairman esekuttiv ta' Radio 101 sa Mejju 1994. Huwa ggradwa f'universitajiet kanadiżi fis-Soċjoloġija u fis-*Social and Political Thought*. Is-sur Bondì twieled fl-1956. Bejn l-1988 u l-1991 kien id-direttur esekuttiv ta' l-AZAD. Huwa kontributur regolari ta' gazzetta indipendenti li toħroġ kull ġimgħa. Is-sur Bondì huwa lecturer fis-soċjoloġija u l-filosofija fl-Università ta' Malta.

Lou Bondi`

# Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir - l-Aspett Politiku

Għall-darba'oħra aħna li naħdmu fis-settur tal-komunikazzjoni qed nagħmlu pellegrinaġġ ta' ġurnata sal-bliet imqaddsa tal-bilanċ u l-imparzjalita`. Pellegrinaġġ li issa sar kważi rutina u li ħafna minnha ilna ġejjin u sejrin fuqu s-snin. Bħal kull pellegrinaġġ ieħor il-funzjoni primarja mhix li niskopru xi ħaġa ġdida dwar dawn il-bliet, imma li flimkien ninkwadraw dak li diġa` nafu fil-kuntest preżenti tax-xandir f'pajjiżna.

Għalhekk inħoss li l-mistoqsija prinċipali li għandha titqanqal tikkonċerna preċiżament il-bżonn li niddiskutu dan is-suġġett, speċifikament l-aspett politiku. Fi kliem ieħor, għaliex qegħdin nerġgħu nindirizzaw il-bilanċ u l-imparzjalita` fix-xandir? Jew aħjar, x'inhu jiġri fil-qasam tax-xandir u tal-komunikazzjoni soċjali li jirrikjedi dan il-pellegrinaġġ?

Mingħajr dubju d-diskussjoni tal-lum hija intimament marbuta mal-mod kif dawn iż-żewġ kunċetti qed jgħaddu, jew ma' jgħaddux, mill-passatur tal-pluraliżmu. Huwa biss fl-isfond tal-introduzzjoni tal-pluraliżmu li din id-diskussjoni tagħmel sens.

Pero` mhux hekk biss. Raġuni oħra li għalija qed niltaqgħu illum mhix daqshekk ovvja. Pajjiżna bħalissa għaddej minn tibdil soċjali, kulturali u politiku li minnu nnifsu qed iġiegħlna nerġgħu inħarsu lejn dawn iż-żewġ kunċetti b'lenti iktar kritika.

Fil-qosor, it-teżi tiegħi hija din. Oriġinarjament, il-prinċipji tal-bilanċ u l-imparzjalita` fix-xandir kienu ddisinjati għal sitwazzjoni karatterizzata minn żewġ elementi marbuta ma' xulxin.

L-ewwelnett kienu intiżi biex jikkontrollaw ix-xandir direttament f'sitwazzjoni ta' monopolju tal-istat. Il-qafas kostituzzjonali u legali kien mibni fuq ir-realta` ta' sors wieħed ta' informazzjoni. Il-bilanċ u l-imparzjalita` kellhom il-kompitu li jipproteġu l-interessi tas-semmiegħ jew telespettatur li m'għandux ħlief kampnar wieħed li minnu jrid jisma' il-qniepen politiċi kollha.

It-tieni, mill-mod kif inhuma miktuba l-klawsoli kostituzzjonali u legali, u anki l-interpretazzjoni tradizzjonali tagħhom, jidher li l-kelma "politika" tintuża sinonimament mal-kunċett tal-partiti politiċi. Donnu li l-idea tradizzjonali kienet li l-politika ssir biss mill-partiti, fi ħdan il-partiti u għall-partiti. Fi kliem ieħor, il-premessa kienet li barra l-konfini tal-partiti ma' kientix teżisti politika. Dak kollu li hu politiku ried bilfors jiġi marbut ma' karru ta' partit qabel jintefa' fil-miżien tal-bilanċ u l-imparzjalita`. Minn dan il-punt tat-tluq kien jidher loġiku li l-bilanċ u l-imparzjalita` fil-qasam politiku għandhom jitħarrsu mill-Awtorità tax-Xandir billi jiġi kkontrollat minuzzjożament il-*coverage* tal-attivitajiet tal-partiti.

Kważi tlett snin wara l-introduzzjoni tar-radjijiet privati u inqas minn ħmistax il-ġurnata qabel l-ewwel xandira ta' Super One TV, l-ewwel stazzjon privat, ta' min jistaqsi: dawn il-premessi għadhom validi? Jew aħjar: il-kunċett tal-bilanċ u imparzjalita` għadhom jipprovdu kumpass għax-xogħol tal-Awtorità fil-qasam politiku? Jien nissuġġerixxi li le u dan għal żewġ raġunijiet pjuttost sempliċi, jiġifieri l-introduzzjoni tal-pluraliżmu u l-bidla fil-mod kif, u minn min, qed issir il-politika llum imqabbla ma' xi snin ilu.

L-introduzzjoni tal-pluraliżmu biddel il-fiżjonomija tal-komunikazzjoni b'mod li l-ħarsien tal-bilanċ u l-imparzjalita` fix-xandir politiku mill-Awtorità llum m'għadux jagħmel sens. Minnu nnifsu l-pluraliżmu neħħa minn idejn l-Awtorità il-parti tal-poter li tikkontrolla l-kontenut politiku tax-xandir f'pajjiżna.

Li l-pluraliżmu introduċa l-idea ta' suq ta' ideat u l-liberta` tal-kelma illum huwa fatt innegabbli. Jista' wieħed jargumenta li ċerti forzi soċjali minħabba l-poter ekonomiku

u istituzzjonali tagħhom għandhom aċċess għal dan is-suq iktar minn oħrajn. Jista' wieħed jargumenta li l-pluraliżmu s'issa fisser biss pluraliżmu ta' diski. Imma llum f'Malta kważi ħadd m'għadu jargumenta kontra l-idea tal-pluraliżmu permezz tal-investiment privat.

Forsi llum l-iktar konvertit żeluż għal dan il-kunċett huwa l-Partit Laburista. Minn pożizzjoni riġida favur il-monopolju statali meta kien fil-Gvern dan il-partit illum qiegħed appik li jsir l-uniku partit politiku fid-dinja demokratika li barra gazetta ser ikollu wkoll radju u televiżjoni tiegħu.

Però l-punt prinċipali li nixtieq nagħmel mhux dan. L-introduzzjoni tal-pluraliżmu ma' daħħlitx biss iktar vuċijiet u liberta` fis-suq tal-ideat, imma ġabet trasformazzjoni radikali fir-relazzjonijiet tal-poter. Waqt li f'sitwazzjoni ta'monopolju l-poter kien esklużivament f'idejn ix-xandar, bil-pluraliżmu huwa s-semmiegħ u t-telespettatur li għandhom il-poter effettiv. Is-suq tal-informazzjoni jfisser li huwa x-xandar li jrid jiġri wara l-udjenzi u mhux vice versa.

Għall-finijiet tad-diskussjoni tal-lum dan ifisser li l-analiżi ta' kemm l-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti huma bilanċjati u imparzjali hija f'idejn min jiġġenera u jirċievi l-informazzjoni u mhux f'idejn l-Awtorità. F'sitwazzjoni ta' pluraliżmu jagħmel ħafna iktar sens li primarjament ikun is-semmiegħ u t-telespettatur li jiġġudika l-kwalita` tal-informazzjoni politika milli xi organu ieħor bħal ma' hi l-Awtorità.

Biex nuża' metafora mill-qasam industrijali, jekk il-funzjoni tal-kunċetti tal-bilanċ u mparzjalita` hija li jkun hemm speċi ta' *quality control* ta' l-informazzjoni, ma' narax għaliex l-Awtorità għandha tidħol fis-suq hi u tiddeċidi hi dak li jgħodd għalina. Fis-suq tal-ideat politiċi il-*quality control* tal-informazzjoni għandha ssir prinċipalment fis-salotti ta' kull wieħed u waħda minnha.

Bħal ma' għandna l-liberta` li nixtru jeans bl-irkoppa mċarrta u bħal ma għandna l-liberta` li nixtru gazzetti li jipproġettaw kwalunkwe linja editorjali li rridu, ma' narax

għalfejn hemm bżonn ta' xi inkwiżitur għad-dieta politika fuq ir-radijiet u t-televiżjoni.

In-naħa l-oħra tal-munita hija li fis-suq tal-komunikazzjoni huwa fl-interess tax-xandar li jipprovdi prodott li jinxtara iktar minn oħrajn. Jekk il-prodott ma' jkunx tajjeb, ser ikun ix-xandar stess li jiġi mwarrab mis-semmiegħ u t-telespettatur.

M'inhix ngħid li kull tip ta' regolamentazzjoni tax-xandir hija barra minn lokha. Il-punt hu li kull attentat biex jiġu definiti l-bilanċ u l-imparzjalita` ifalli għaliex ikun qed jifhem ħażin in-natura tal-media. Fil-prattika, dawn iż-żewġ kunċetti ma' jeżistux għaliex jinvolvu element soġġettiv qawwi.

L-ebda aħbar ma' tista tingħata b'mod totalment imparzjali. Fil-fatt f'ħafna kodiċijiet għax-xandir f'diversi pajjiżi, il-kunċett tal-imparzjalita' ġie sostitwit minn dak tal-oġġettivita`. Din il-bidla fil-kunċett hija sinjifikattiva ħafna għaliex waqt li l-imparzjalita` tiġi mħarsa minn xi organu statali bħal ma' hi l-Awtorità tax-Xandir, l-oġġetivita` titlob li jkun il-ġurnalist innifsu li jitgħabba bir-responsabbiltà li jipprovdi l-aħjar servizz ta' informazzjoni.

Barra minhekk min-natura tal-media nfushom, partikolarment it-*television*, il-mod kif tingħata aħbar, il-produzzjoni tagħha, l-*footage*, li jintuża, it-tonalita` tal-vuċi, l-ordni li fiha tingħata l-informazzjoni, kollha huma fatturi kruċjali li jinfluwenzaw lil dak li jirċieviha. L-istess aħbar mogħtija eżattament bl-istess kliem minn żewġ sorsi differenti tista' tħalli effetti radikalment opposti skond il-mod kif tingħata.

Għalhekk il-battuta ta' Marshall McLuhan li *the medium is the message* għandha rilevanza kruċjali għax-xogħol tal-Awtorità fil-kamp politiku. Jekk naċċettaw li f'sitwazzjoni ta' suq ta' ideat il-media elettroniċi jipprovdu esperjenza ta' komunikazzjoni differenti minn dik tal-kelma miktuba ma' nistgħux ninjoraw dan il-fatt meta niġu biex niddiskutu r-rwol ta' l-Awtorità.

Jekk qed ngħidu li, per eżempju, anki bil-mod kif il-*camera* tiġbed filmat ta' aħbar

jinfluwenza t-telespettatur, l-Awtorità trid bejn wieħed u ieħor tagħżel waħda minn żewġ triqat. Jew ser tindaħal mill-inqas u tħalli f'idejn is-semmiegħ u t-telespettatur li jiddeċiedi hu dwar il-kwalita' tax-xandir, jew alternattivament l-Awtorità trid tiddeċiedi hi x'inhu imparzjali u bilanċjat.

Sa ftit ilu l-Awtorità kienet tagħżel din it-tieni triq, primarjament għaliex din kienet il-prassi li tradizzjonalment ġiet addottata. Illum naħseb li sar xi ċaqlieq lejn it-triq l-oħra. Pero` naraw ftit x'inhuma l-implikazzjonijiet ta' l-ewwel triq, dik tradizzjonali.

Li l-Awtorità tkun l-imħallef tal-bilanċ u l-imparzjalita` ifisser li hi mhux biss trid tiġġudika l-kelma li biha titwassal aħbar imma anki tal-mod kif din titwassal permezz ta' *medium* partikolari. Effettivament, fil-prassi tradizzjonali l-Awtorità tkun qed tiġi sfurzata tagħmel ġudizzju universali tal-esperjenza televiżiva taċ-ċittadin ta' dan il-pajjiż.

Jien tal-opinjoni li dan il-kompitu huwa impossibbli daqs kemm hu ridikolu. Jekk nieħdu t-*television* bħala eżempju huwa evidenti li dan il-*medium* minnu nnifsu ma' jipprestax ruħu għall-ġudizzji ċari dwar bilanċ u imparzjalita`.

Il-*medium* minnu nnifsu jikkrea is-soġġettivita` kemm min-naħa tax-xandar u iktar u iktar minn dik tat-telespettatur. Ir-realta` hi li ħadd ma' "jaqra" messaġġ televiżiv eżatt bħal xi ħadd ieħor.

U naħseb li għalhekk s'issa għadna ngħixu gidba pjuttost ħoxna. Għaliex waqt li lkoll nagħmlu diskussjonijiet interminabbli dwar kemm mar tajjeb jew ħażin ċertu politiku f'xi dibattitu jew kif tmexxa dan id-dibattitu, nistennew lill-Awtorità li toħroġ b'verdett divin dwar kull sekonda politika li tidher fuq il-PBS.

Jien nistaqsi per eżempju b'liema mod razzjonali wieħed jista' jiġġudika l-imparzjalita` u l-bilanċ meta jqabbel filmat ma' ieħor waqt l-aħbarijiet tat-tmienja.

Iktar minhekk, jekk verament nemmnu li l-valur ta' aħbar għandu jingħata prijorita` gurnalistika ewlenija, l-kriterju ta' bilanċ irridu niskartawh kważi kompletament. Il-ġurnaliżmu serju m'għandux ikollu rispett għal min għamel xi aħbar jew kemm min għamilha ssemma qabel jew ser jissemma wara.

Huwa l-valur tal-aħbar li jħoll u jorbot, għalkemm dan il-kunċett ukoll minn naħa tiegħu għandu element qawwi ta' soġġettivita`.

Dawn id-diffikultajiet biex jiġu enforzati r-regoli tal-bilanċ u l-imparzjalita` kienu u nispera li għadhom ovvji għall-Awtorità preżenti. Ħjiel żgħir ta' dawn id-diffikultajiet huwa l-fatt li l-kejl ewlieni li ntuża fil-passat kien kompletament tad-daħq. Kien il-kejl tal-ħin. Kien żmien li fih l-iktar apparat importanti li kellha l-Awtorità kien l-arloġġ. Ilkoll niftakru l-protesti kontinwi dwar is-sekondi u l-minuti li naħa tkun ingħatat iktar minn oħra.

Dawn il-protesti tal-partiti politiċi dejjem sibthom xi ftit strambi għaliex lanqas jagħmlu sens politiku mill-lat strategiku. Kif jgħidlek kull ktieb ta' introduzzjoni fix-xjenza tal-komunikazzjoni, l-ammont ta' ħin fuq il-*media* huwa sekondarju għal dak li int tagħmel b'dan il-ħin.

Fil-fatt l-użu ekonomiku tal-ħin fuq it-televiżjoni huwa indispensabbli għat-twassil ta' messaġġ. Il-kunċett modern tas-*sound bite* huwa fil-fatt imsejjes fuq dan il-ħsieb.

Niftakar ftit snin ilu kont qed nitkellem ma' konsulent ingliż dwar il-*media* u l-politika. X'ħin għedtlu li l-partiti politiċi il-kbar Maltin kellhom il-faċilita` li jtellgħu programmi televiżivi anki ta' nofs siegħa inġibed lura. Qalli li f'pajjiżu produzzjoni ta' partit ta' iktar minn għaxar minuti hija politakment kontro-produċenti. Mingħajr ma' ħasibha tnejn qalli li politikament kien jippreferi jaħli għoxrin minuta min-nofs siegħa milli jirriskja li jdejjaq lit-telespettatur.

Illum talinqas id-diskussjonijiet politiċi mtella' mill-Awtorità tbiddlu xi ftit u dawk li

qed jintgħażlu biex imexxu l-programmi qed jagħmlu hekk flok jġibu ruħhom ta' statwi bl-*stopwatch* f'idejhom.

Pero` naħseb li konċettwalment hemm bżonn li mmorru lil hinn minn dan. Jien nistaqsi: veru li l-Awtorità tax-Xandir illum għada tikkontrolla d-diskussjonijiet politiċi fil-pajjiż? Veru li l-iskeda ta' xandirijiet politiċi ddisinjata mill-Awtorità hija l-fus li fuqu ddur id-diskussjoni politika. Naħseb li le.

Meta jien, kif għamilt ftit ilu, qbadt it-telefon u flimkien ma' Jimmy Magro, Austin Gatt u Saviour Balzan tellajt edizzjoni ta' pjazza 3 dwar is-sehem tal-partiti fil-ħajja pubblika f'pajjiżna, f'liema sens għadna nistgħu ngħidu li l-Awtorità għada tikkontrolla d-diskussjoni politika? U ġenwinament naħseb li Godfrey Grima, Pauline Miceli, Henry Frendo u Georg Sapiano lanqas ma' jikkonsultaw ma' l-Awtorità dwar is-suġġetti u l-kelliema fil-programmi tagħhom.

U hekk għandu jkun jekk verament irridu noħorġu mis-sqaq li storikament u kulturalment daħħluna fih dawn iż-żewġ kunċetti li għandna quddiemna llum.

F'dan l-istadju nixtieq inqajjem punt dwar ir-relazzjoni bejn il-*media* u s-soċjeta`, punt li naħseb jitfa' ftit dawl fuq id-diskussjoni tal-lum. Fl-aħħar rendikont ta' ħidma ta' l-Awtorità taħt it-Taqsima dwar Bilanċ u Imparzjalita` insibu din is-silta:

"L-istazzjonijiet tax-Xandir iridu b'mod ġenerali jirriflettu u jirrispettaw il-valuri tas-soċjeta` li joperaw fiha, u jirrispettaw is-sentimenti tal-poplu, id-diċenza u l-ġustizzja. Dmirhom hu li....il-programmi li jippreżentaw ikunu tabilħaqq eżami kritiku biex hekk jaqdu l-ħtiġijiet ta' imparzjalita` u ta' informazzjoni objettiva." (sezz. 2.7, p.76)

Naħseb li f'din is-silta insibu kontradizzjoni, jew talinqas kontradizzjoni potenzjali, bejn żewġ ideat. Waqt li minn banda l-Awtorità trid stazzjonijiet li "jirrispettaw il-valuri tas-soċjeta` li joperaw fiha" dawn iridu jipprovdu wkoll "eżami kritiku" ta' dawn il-valuri. U dan, l-Awtorità tkompli, għandu jsir fl-interess tal-imparzjalita`.

Issa kif jaf kull ġurnalist, l-analiżi kritika, partikolarment dik li għandha x'taqsam ma' tibdil fil-valuri soċjali ta' pajjiż, ma' tistax tirrispetta xi idea sterili ta' bilanċ u imparzjalita`. Ħafna drabi l-*media* fihom infushom huma strumenti ta' bidla, u juru t-triq lejn iktar tibdil soċjali. Huwa preċiżament għaliex imorru kontra l-kurrent - jiġifieri li jkunu żbilanċjati u parzjali - li l-ġurnalisti jistgħu jġiegħlu soċjeta` tħares lejha nnifsha fil-mera. Meta ftit ilu Maurizio Costanzo akkużawh li għandu programm li fih *slant* hu rrisponda li mingħajrha kien jitlef 80% tal-udjenza tiegħu.

Għalhekk għal darb'oħra naħseb li qed nistennew li l-Awtorità tagħmel l-impossibbli. Jekk tippermettuli nerġa nuża metafora oħra, l-Awtorità qed nistennewha tkun imħallef f'kawża li mhux biss ma' jistax ikollha verdett ġust, imma li ma' jistax ikollha verdett.

Dan kollu jwassalni għat-tieni punt prinċipali li nixtieq nittratta. Kif għedt diġa`, tradizzjonalment il-premessa tal-intervent ta' l-Awtorità fil-kamp politiku hija li l-politika ssir mill-partiti, fil-partiti u għall-partiti. Fi kliem iehor, il-kriterju li bih idea jew attivita` tissejjaħ politika hu li b'xi mod din tista' tiġi abbinata ma' partit politiku.

Fuq din il-bażi, l-Awtorità tpoġġiet f'morsa li għamlitilha xogħolha iktar faċli imma fl-istess ħin iktar maqtugħ mir-realta` politika kif qed jgħixuha n-nies illum. Qed ngħid iktar faċli għaliex kulma trid tagħmel l-Awtorità f'dan il-kuntest hu li titfa' għajnejha fuq l-attivita` tal-partiti. F'din l-ottika, il-bilanċ u l-imparzjalita` jitkejlu biss fl-għalqa li jaħartu flimkien il-partiti.

Forsi sintomu ta' dan huwa l-mod kif l-Awtorità tibda ssejjaħ tema jew aħbar bħala waħda ta' natura "kontroversjali" u allura li trid titpoġġa fuq il-miżien tal-bilanċ u l-imparzjalita`. Fil-prassi preżenti jidher li suġġett isir politikament "kontroversjali" jekk il-partiti jibdew jesprimu ruħhom fuqu. Qabel ma' tingħata l-benedizzjoni tal-partiti xejn ma' jista' jkun politikament kontroversjali. Effettivament dan ifisser li huma l-partiti li jiddeterminaw ix-xogħol ta' l-Awtorità f'dan ir-rigward.

Din il-loġika ma' twassalx biss għal din il-perverżjoni ta' x'inhi verament il-politika. Qed twassal ukoll għal pożizzjoni assurda oħra. Illum hemm purċissjoni ta' suġġetti mingħajr tikketti partitiċi li huma soċjalment u politikament kontroversjali imma li jgħaddu minn quddiem il-miżien ta' l-Awtorità mingħajr ma' jittellgħu għall-użin.

Per eżempju, waqt li l-applikazzjoni ta' Malta għall-Unjoni Ewropeja hija tema li tissejjaħ kontroversjali, u naħseb bir-raġun, il-kriżi ta' valuri mhix. Għaliex? Għaliex waqt li dwar l-Ewropa l-battaljuni politiċi huma skjerati, dwar il-kriżi ta' valuri l-partiti għadhom iħokku rashom.

Nispera li m'inhix qed niftiehem ħażin. Qed niżviluppa dan l-argument biex nipprova nuri l-assurdita` ta' kull proġett li jipprova jiddefinixxi x'inhi l-politika għall-iskopijiet tal-kontroll tal-informazzjoni. Bl-ebda mod ma' nixtieq nimplika li l-Awtorità għandha tibda tiddefinixxi hi dak li hu politiku jew kontroversjali. Jekk m'għandhomx ikunu l-partiti li effettivament jiddeterminaw dak li hu politiku, anqas u anqas għandha tkun l-Awtorità.

Fil-kuntest soċjali u politiku preżenti l-argument dwar id-definizzjoni ta' dak li hu politiku jieħu rilevanza partikolari. Għaliex naħseb li s-sistema politika Maltija għaddejja minn trasformazzjoni sostanzjali. Bażikament, waqt li sa ftit snin ilu kien veru li l-partiti kellhom il-proċess politiku f'idejhom, illum dan m'għadux il-kas. M'għadux jreġġi l-argument li l-politika ssir biss mill-partiti.

B'dan l-iżvilupp il-kompitu tal-Awtorità li tinforza bilanċ u imparzjalita` fil-qasam politiku bil-mod antik jidher impossibbli u fl-istess ħin assurd u perikoluż.

Huwa fatt innegabbli li matul dawn l-aħħar snin il-konfrontazzjoni politika battiet, bir-riżultat li fuq livell soċjali u fil-ħajja ta' kuljum il-polarizazzjoni naqset drastikament. It-tnaqqis tal-konfrontazzjoni politika flimkien ma' aspetti soċjali u kulturali oħra qed ifissru li fix-xena politika issa daħlu diversi forzi soċjali, għaqdiet u istituzzjoniet volontarji, individwi li jesprimu ruħhom fil-beraħ, kif ukoll il-*media* nnifishom.

Il-ħajja tal-individwu llum saret tiddependi ħafna inqas mid-deċiżjonijiet partitiċi. Fi kliem ieħor, meta l-elementi bażiċi tal-eżistenza soċjali m'għadhomx kamp ta' kontestazzjoni, il-politika tinbidel mil-qiegħ, kif fil-fatt qed jiġri.

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi fix-xena politika jibdew jinħolqu spazji ġodda li jiġu okkupati minn individwi u organizzazzjoniet li mhumiex partitiċi. Il-politika ma' tibqax issir mil-partiti biss. Forsi daqstant ieħor importanti huwa l-iżvilupp ġdid li anki l-politika tal-partiti qed tibda tiġi influwenzata sostanzjalment minn dawn l-atturi soċjali ġodda fix-xena politika. L-*issues* u s-suġġetti li jidħlu fuq l-aġenda nazzjonali mhumiex jkunu biss dawk li jridu l-partiti. Effettivament, naħseb li llum mexjin lejn sitwazzjoni li fija ser tkun is-soċjeta` li tagħmel il-politika u mhux *vice versa.*

Il-konsegwenzi ta' dan il-kwadru politiku għad-diskussjoni tal-lum huma ovvji. S'issa l-kontroll li suppost teżerċita l-Awtorità fil-qasam tax-xandir politiku huwa indirizzat lejn l-attivita` tal-partiti. Allura jekk naċċettaw li parti biss mir-realta` politika tal-pajjiż qed tkun determinata mill-partiti, l-Awtorità qed tħares biss lejn dik il-parti tar-realta`. Jekk il-kopp ta' l-Awtorità ma' jinżilx sal-qiegħ tal-baħar soċjali jkunu qed jiġu injorati realtajiet politiċi sħaħ.

Intenni li anki f'dan il-każ l-argument qed nagħmlu mhux biex nirrikmanda li l-Awtorità tixtri kopp ikbar imma għall-kuntrarju biex nuri kemm il-kontroll tal-bilanċ u l-imparzjalita` huwa proġett li ma' jindirizzax ir-realtajiet politiċi preżenti. B'tislima lill-kittieb Milan Kundera ta' min jgħid li forsi *politics is elsewhere.*

Nagħlaq billi niġbor l-argumenti tiegħi fil-qosor. Naħseb li m'għandniex nibqgħu nħarsu lejn l-Awtorità bħala xi *Big Brother* tal-ġurnaliżmu Malti. M'għandniex nistennew minnha affarijiet li ma' tistax tagħti. Jekk hemm bżonn ta' tibdil legali għandna nkunu kuraġġjużi u nbiddlu.

Is-soluzzjoni għall-problemi ta' bilanċ u imparzjalita` jinstabu billi jkollna ġurnaliżmu aħjar. U l-kwalita` tal-ġurnaliżmu titjieb jekk tingħata iktar libertà lill-ġurnalist u mhux

billi nżidu l-kontrolli. Wara kollox jekk il-ġurnaliżmu jitħalla jaħdem bi kwietu fil-karta stampata ma nafx għalfejn għandna din il-biża' kollha li nagħmlu l-istess fix-xandir bir-radju/televiżjoni?

F'sitwazzjoni ta' pluraliżmu huwa s-suq li jġiegħel lix-xandar biex jipprovdi l-aħjar servizz ta' informazzjoni politika. Jekk m'għandniex fiduċja fiċ-cittadin li jagħżel il-kwalita` allura kien imissna bqajna fid-dinja tal-ħolm, jew aħjar tal-ħmir il-lejl, li konna ngħixu fiha fi żmien il-monopolju.

Fl-istess spirtu, għandna nirrealizzaw darba għal dejjem li l-politika m'għadiex il-propjeta` privata tal-partiti. Il-partiti huma parti kruċjali u ċentrali tal-process politiku imma dejjem jibqgħu parti u mhux it-totalita`. In-normalita` twassal il-politika vera, u mhux dik tal-operetti, fl-irkejjen kollha tas-soċjeta`.

Pajjiż verament demokratiku huwa dak li fih il-politika tkun f'idejn iċ-ċittadin. Biex dan iseħħ, l-iskambju tal-informazzjoni jrid ikun ħieles u jrid ikun iċ-ċittadin li jiddeċiedi dwar il-kwalita` ta' dak li jara u jisma'. Irid ikun hu li jiddeċiedi x'inhu politikament validu u x'informazzjoni jeħtieġ.

Jekk nieħdu passi f'din id-direzzjoni naħseb li pellegrinaġġ bħal dak tal-lum jibdew isiru iktar rari.

**Grazzi.**

# Bilanċ u Imparzjalita` fix-Xandir - L-Aspett Politku




## EVARIST BARTOLO

*Kap tat-Taqsima ta' l-Aħbarijiet*
*u Ġrajjiet Kurrenti*
*Super One Radio*
*L-Istazzjon tal-Malta Labour Party*

Is-sur Evarist Bartolo twieled fl-1952. Ġie elett Membru Parlamentari Laburista fl-1992. Huwa l-kelliem tal-Partit f'dawk li huma l-edukazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-kultura. Is-sur Bartolo studja l-*media* f'diversi pajjiżi fosthom fl-Università ta' Sanford u huwa lecturer fil-Communications Studies fl-Università ta' Malta. Fil-preżent, huwa responsabbli għas-servizz ta' l-aħbarijiet fuq Super One Radio u tal-gazzetta KullĦadd maħruġa mill-Malta Labour Party.

## Evarist Bartolo M.P.

# Bilanċ u Imparzjalità fix-Xandir - l-Aspett Politiku

Qabel tlajt staqsejt lill-kollega tiegħi Sylvana Cristina iddejqitx għax ilha hawn minn dalgħodu u il-kollega Mannie Spiteri qalli li r-Randan għalhekk qiegħed biex nagħmlu sagrifiċċju. Nittama li mhux ser inġegħlkom issofru wisq fil-ftit hin li ser nitkellem. Ma ppreparajtx diskors lest, ħadt xi ftit noti ta' affarijiet u nittama li naqsam magħkom ftit riflessjonijiet.

Ngħid mill-ewwel li naqbel ma ħafna mill-partijiet sħaħ li għadu kemm tkellem fuqhom is-sur Lou Bondì. Probabbilment dan jikkonferma lis-sur Brian Decelis li l-MLPN jaqblu flimkien fuq dawn l-affarijiet. Però mbagħad hemm fejn ma naqblux, u dak ngħiduh ukoll.

Ngħid mill-ewwel li jiena nħoss li l-kwistjoni ta' bilanċ u ta' imparzjalità hija duttrina sorpassata fix-xandir, fil-ġurnaliżmu, fil-*broadcasting* u naħseb li sinċerament irridu nimxu lejn passi oħra. Ma naqbilx mas-sur Lou Bondì, li l-pass li jmiss li rridu nagħmlu hu l-impenn tal-ġurnalista lejn l-oġġettività, għaliex naħseb li b'hekk nkunu għamilna nofs pass biss, għax wara kollox *objectivity is in the eyes of the beholder*. Dak li huwa oġġettiv għalija m'huwiex oġġettiv għal ħadd ieħor. Allura jiena naħseb li rridu nagħmlu pass ieħor. Forsi tgħidu li qed nilgħab bil-kliem, imma naħseb li rridu ndaħħlu d-dutrina l-ġdida tal-*fairness*. Il-*fairness doctrine* aktar milli oġġettività fix-xandir.

Naħseb li ż-żewġ aspetti li rridu naħsbu fuqhom biex nibdew paġna ġdida fix-xandir huwa jekk wasalx iż-żmien kemm għax-xandir pubbliku u kemm għall-ġurnalisti fuq il-postijiet tax-xogħol u f'postijiet oħra, wasalx iż-żmien li jkun hemm *charters* tad-

drittijiet u dmirijiet - li jkunu *charters* professjonali li jagħtu spazju lill-ġurnalisti biex jaħdmu. Dik waħda. It-tieni, nistaqsi jekk wasalx iż-żmien li tinbidel l-istruttura ta' kif jitmexxa ix-xandir pubbliku. It-tielet hija marbuta magħha: hija jekk għandniex inkeċċu lin-nies ta' l-Awtorità tax-Xandir u ngħalqu l-Awtorità tax-Xandir u minnflok naħsbu fi struttura oħra, biex dawk in-nies li hemm illum fl-Awtorità nagħtuhom xogħol ieħor, għax forsi mhux sew li jispiċċaw bla xogħol. Però naħseb li l-Awtorità tax-Xandir hija makkinarju *obsolete* avolja qiegħda fil-Kostituzzjoni. Għandna ħafna partijiet fil-Kostituzzjoni li huma *obsolete* u allura b'daqshekk m'għandiex iżżommna milli niddiskutu jekk il-kunċett ta' l-Awtorità tax-Xandir huwiex sorpassat ukoll u għandniex inbiddluh.

Ta' min ngħidu wkoll li l-kunċett ta' bilanċ u ta' imparżjalità, jekk wieħed imur lura fl-istorja tal-ġurnaliżmu, isib li tfaċċa f'mument definit. Ma kienx jeżisti minn dejjem. L-aktar ġurnaliżmu li l-ewwel beda jitkellem fuq il-valuri ta' newtralità u *non-partisanship* kien il-ġurnaliżmu Amerikan fil-bidu ta' dan is-seklu. Hemm raġuni storika. Li kieku kelli naqra dokumenti tal-ġurnaliżmu Amerikan fi żmien ir-rivoluzzjoni Amerikana ta' mitejn sena ilu, taħsbu li nkun qed naqralkhom x'jagħmlu fil-fatt il-ġurnalisti politiċi f'Malta, għaliex huma mħeġġin li kemm jista' jkun lill-għadu jpenġuh bl-aktar mod ikrah u li jqanqlu ċertu disgust lejn dawk li ma jaqblux magħhom.

Il-kunċett ta' bilanċ u ta' imparzjalità beda jiżviluppa meta beda jiżviluppa l-ġurnaliżmu kummerċjali fejn il-ġurnali jafu li ma setgħux jistrieħu iktar fuq il-lealtà partiġġjana tan-naħa tagħhom, iżda riedu jiżviluppaw lingwaġġ u duttrina biex jappellaw għan-nies ta' opinjonijiet differenti. Imbagħad ġie issantifikat u kodifikat il-kunċett ta' bilanċ u ta' imparzjalità fix-xandir pubbliku għaliex kien il-mezz waħdieni f'soċjetà li suppost kellu jonora obbligi li ma kienux ta' parti waħda. Kellu suppost jissodisfa *competitive demands* ta' nies li jaħsbuha differenti, li għandhom interessi differenti u mill-uniku mezz ta' xandir kienu jippretendu li jissodisfawlhom dawn il-bżonnijiet kollha.

Id-duttrina tal-bilanċ u tal-imparzjalità kienet: aħna ma aħna ta' ħadd, aħna m'aħna

ħadd, aħna maqtugħin minn din id-dinja fejn hemm interessi differenti. Fil-legalità u fil-Kostituzzjoni, fil-ligijiet tax-xandir inħolqot din l-astrazzjoni ta' bilanċ u ta' imparzjalità. Però nħolqot, u ma naħsibx li nkun qiegħed ngħid xejn ġdid, din inħolqot biss fuq il-karta, għaliex ma tistax tinħoloq fis-soċjetà. Hija bla sens li tgħid li jista' jkollok bilanċ u imparzjalità.

Illum anke jekk wieħed jistudja l-filosofija tax-xjenza, anke jekk wieħed jistudja l-aħħar teoriji ta' interpretazzjoni kulturali u xjentifiċi, kull persuna, hi min hi, ippreparata kemm hi ppreparata, taħseb x'taħseb, titlaq minn *punto di vista* bilfors. Hija lokata fl-istruttura soċjali, ekonomika, kulturali tas-soċjetà. B'daqshekk ma rridx ninftiehem ħażin, ma jfissirx li kull persuna allura tkun partiġġjana u *biased* u ġġudikata b'mod fanatiku. Jien qed ngħid li anke l-aħjar xandara li professjonalment iridu jagħtu servizz li ma jkunx daqshekk dejjaq, li ma jappellax strettament għal min jaqbel magħhom biss, dawn xorta għandhom pożizzjoni, xorta qed jitilqu minn *punto di partenza*. M'humiex imparzjali, m'humiex ibbilanċjati. Ma tistax timmaġinah lil dan l-annimal jekk imbagħad mhux ser jinħolqu, kif inħolqu f'ħafna mezzi ta' xandir pubbliku, jekk ma toħloqx struttura ta' ġurnaliżmu kkastrat. U f'ħafna drabi jiġri hekk ukoll. Il-ġurnaliżmu li huwa permess huwa ġurnaliżmu kkastrat. Issa jista' jkun ukoll ta' livelli differenti.

Il-problema tikber hawn Malta iktar u iktar għax aħna gżira żgħira. Jekk taqraw analiżi soċjoloġiċi ta' ġżejjer żgħar, iktar u iktar issibu l-ewwel nett l-istituzzjonijiet u l-liġijiet qegħdin hemm imma ħafna drabi jiġu njorati.

L-istess persuna ssib ikollha tlett, erbgħa jew ħames rwoli differenti. Anke minħabba id-daqs tas-soċjetà. Dawn huma affarijiet li jiġru. Mill-banda l-oħra gvern f'soċjetà żgħira għandu saħħa u dominanza ħafna iktar milli f'soċjetajiet kbar: li jqassam u li ma jqassamx, il-kuntatti li għandu biex jagħti *tenders* u ma jagħtix *tenders* , biex jagħti promozzjonijiet u ma jagħtix promozzjonijiet, jaffettaw anke x'tip ta' ġurnaliżmu hemm f'dak il-pajjiż.

Meta nitkellmu fuq impenn ta' ġurnalisti rridu ngħidu wkoll li l-ġurnalisti huma nies tad-demm u l-laħam u l-kwistjoni tal-*job security* hija importanti wkoll, u f'ħafna mill-istrateġiji personali ta' *career advancement* tidħol ukoll x'qed jiġrilek fuq il-post tax-xogħol. Din ma tiġrix hawn Malta biss. Jekk barra minn Malta ġurnalista kellu xi jgħid mad-Daily Telegraph, per eżempju, għandu postijiet oħra fejn imur jaħdem. Hawn Malta jekk tiġġieled ma' tan-naħa tiegħek, ma tantx ser issib min jagħtik xogħol in-naħa l-oħra. Jiġifieri l-*imprisonment* tal-ġurnalisti lokali huwa ikbar hawn Malta.

Veru, u dan huwa pass pożittiv, li bl-introduzzjoni tar-radjijiet lokali il-*job market* żdied daqsxejn u żdied ftit l-ispazju li jekk int iġġilidt ma' naħa, forsi tista' ssib post in-naħa l-oħra. Nafu li dawn huma affarijiet li jeżistu u affarijiet li jikkondizzjonaw ħafna lill-ġurnalisti. Ma nħobbux nitkellmu dwarhom, forsi ma nħobbux ngħiduhom pubblikament. Ilkoll nagħmlu stqarrijiet ta' kemm aħna oġġettivi, ta' kemm aħna rridu nkunu imparzjali, u ta' kemm aħna kuraġġużi u nfittxu l-verità. Imma nafu li fil-ħajja ta' kuljum m'aħniex daqshekk eroj u ma naħsibx li jippretendu li aħna għandna nkunu l-eroj meta ħaddieħor li suppost ikun eroj aktar minna m'huwiex eroj. Din l-aċċettazzjoni ta' l-eroiżmu minn naħa tal-ġurnalisti hija nġusta wkoll.

Il-punt l-ieħor li nixtieq nagħmel huwa li minħabba li saret daqsxejn iktar sofistikata s-soċjetà Maltija, kibret iktar l-industrija tal-*public relations* , kiber iktar l-istrateġiji ta' *marketing* li qabel kien jintuża ftit f'ċerti aġendi kummerċjali iżda issa beda jintuża iktar anke mill-partiti politiċi. L-akbar sogru li nara għall-ġurnalisti, mhux li ma jkunux ibbilanċjati jew imparzjali, u din mhux qed nitkellem fuq il-ġurnalisti tal-kollegi tagħna tal-PBS biss, imma fuq ġurnalisti oħrajn ukoll, is-sogru hu li aħna nkunu parti mill-*PR machinery* ta' organizzazzjoni jew oħra.

Dan huwa l-ikbar sogru li nara jien, u għalhekk għidt li rridu nħarsu b'mod differenti, u forsi rridu naħsbu issa kif nirregolaw il-kuntratt tax-xogħol bejn il-proprjetarju u l-impjegat fuq il-post tax-xogħol: f'dan il-każ bejn il-proprjetarju u l-ġurnalista. Irridu naħsbu fuqha bis-serjetà li ma tkunx biss għall-*public broadcasters* .

Għaliex għandna nippretendu aktar piżijiet u dmirijiet mill-*public broadcasters* u mhux mix-xandara kollha - jaħdmu ma min jaħdmu, u jaħdmu fejn jaħdmu? Jekk aħna nemmnu li anke f'pajjiżna wasal iż-żmien li jkun hemm *charter* li jiggarantixxi l-professjonalità jew jipproteġi l-professjonalità tal-*public broadcasters* , allura għaliex ma naħsbux ukoll f'kuntratti tax-xogħol speċifiċi għall-ġurnalisti fuq postijiet tax-xogħol oħra. Għaliex l-akbar problema li hemm hija l-influwenza proprjetarjali. Din ma teżistix f'Malta biss, nafu li teżisti f'ħafna pajjiżi oħra.

L-inqas nies li huma mistennija li jieħduha kontra tan-naħa tagħhom stess ikunu proprju l-ġurnalisti li l-biċċa l-kbira jkunu jafu x'hinu għaddej minn wara l-kwinti u fuq il-palk. Ikunu f'pożizzjoni privileġġata, u jistgħu jgħidu x'jafu u x'ikun għaddej. Imma ftit li xejn jistgħu jipproteġu l-interessi tagħhom u l-ispazju tagħhom milli jiġi kkontrollat mill-proprjetarju. Dan il-proprjetarju jista' jkun partit politiku, tista' tkun il-Knisja Kattolika, tista' tkun kumpanija kummerċjali. Qegħdin nitkellmu fuq influwenza proprjetarjali. Anke kumpanija kummerċjali ma tistax tkun imparzjali fis-soċjetà, kemm f'pajjiżi barra minn Malta u kemm f'Malta, għaliex kumpanija kummerċjali hija parti minn dak li qed jgħaġen lis-soċjetà, hija parti minn dawk il-forżi soċjali u ekonomiċi ta' dak il-pajjiż u tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha x'għandu jinstema' u x'mgħandux jinstema' fuq l-istazzjon tagħha, u x'jidher u x'ma jidhirx fuq il-ġurnali tagħha.

Għalhekk inħoss li anke f'dak il-qasam, il-ġurnalisti għandhom bżonn li jkollhom xi forma ta' protezzjoni ta' *charter* tad-drittijiet, għaliex il-kontroll fuq il-ġurnalisti jibda mill-bidu, mir-reklutaġġ. Tikkontrolla lil min ser jiġi ntervistat. Kien hemm żmien meta l-iktar *network* li ħadem kien li jkollok parenti fuq il-post tax-xogħol, jew li jkollok lil xi qaddis ieħor - li llum sirt nappartjeni għalihom jien ukoll f'din il-kategorija li jkollok lil xi ħadd li jitkellimlek - jew ikollok modi oħra kif tidħol. Jiġifieri jekk inti m'għandekx *entry* professjonali fuq il-post tax-xogħol tiegħek, id-dipendenza tkun iktar għax għandek x'tirringrazzja lil xi ħadd li tak ix-xogħol, u ħadd ma jigdem l-id li titimgħu u li tagħtu l-impieg.

Huma dawn l-affarijiet li nħoss li rridu nagħtu każ tagħhom biex intejjbu l-kwalità tal-ġurnaliżmu, għaliex illum, iktar minn qatt qabel, l-ikbar qorti hija l-udjenza u l-qarrejja kif iħarsu lejn radju, kif iħarsu lejn ġurnal, kif iħarsu lejn it-televiżjoni. L-akbar awtorità mhix l-Awtorità tax-Xandir, hija l-awtorità taċ-ċittadini. Jekk jaqilbu l-istazzjon tiegħek tista' tkun qed tgħid l-ikbar ħmerijiet, tista' tkun qed tgħid l-ikbar ereżijiet, tista' tkun qed tikser il-Kostituzzjoni bl-aktar mod atroċi. L-aktar mod kif tikkastiga stazzjon tat-televiżjoni, tar-radju jew ġurnal huwa li jew ma taqrahx jew taqliblu fuq stazzjon ieħor. X'għandek aktar sanzjoni milli ma jaqrawkx, milli ma jisimgħukx, milli ma jarawkx. Dik l-ikbar sanzjoni li hemm.

Sinċerament inħoss li rridu naħsbu li nagħmlu passi ġodda, passi differenti f'dan il-qasam. U m'għandniex nibżgħu li nqabblu l-ġurnali mat-televiżjoni u mar-radju. Jekk hija skandaluża li partit politiku f'Malta ser ikollu stazzjon tat-televiżjoni, għalija hija daqshekk skandaluża li jkollu gurnal, li jkollu radju. Għaliex għandna nkomplu b'din il-mentalità antikwata tagħna li dak li jgħodd għall-ġurnal ma jgħoddx għat-televiżjoni, u dak li jgħodd għat-televiżjoni ma jgħoddx għall-ġurnal? Mhux kollha mezzi ta' xandir - l-istess. Għall-inqas imxejna ħafna 'l hinn minn żmien il-Gran Mastri meta stamperja waħda seta' jkollok, u biex tippublika xi ħaġa kont trid tmur għandhom. Kien hemm żmien fejn kellna mezz ta' xandir wieħed. Ma tantx kien pass kbir mill-lat ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni li jkollok mezz wieħed kif ixxandar. Għalhekk, naħseb li rridu nagħmlu passi oħrajn.

Niġi għall-punt ta' l-istruttura tat-tmexxija tal-Public Broadcasting Services. Jekk għamilna passi 'l quddiem, u għamilna passi 'l quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma' pluraliżmu, għalkemm fil-fehma tiegħi, l-iktar li għamilna huwa fil-pluraliżmu kwantitattiv iktar milli pluraliżmu kwalitattiv fix-xandir. Veru li għandna pluralità ta' stazzjonijiet, jinstemgħu iktar opinjonijiet li ma kienux jinstemgħu qabel. Dak veru u nkun miġnun jekk jiena ma ngħidx li dak huwa progress. Però, naħseb li rridu nippruvaw nagħmlu pass ieħor. Dan qed ngħidu mill-*punto di vista* professjonali tax-xandir li aktar ma tirrifletti il-varjetà ta' opinjonijiet, ta' gosti, ta' preġudizzji,

sejjħilhom li trid, fis-soċjetà tagħna, aktar ser tiġbed udjenza lejk. Dik hija liġi sempliċi, imma hija l'unika liġi li taħdem.

Il-Public Broadcasting Services għandu l-isfida li biex ikun xandir pubbliku irid, kemm jista' jkun, jiftaħ lilu nnifsu għall-opinjonijiet differenti li jeżistu fis-soċjetà. L-ebda partit fil-gvern għadu ma tgħallem biżżejjed minn ta' qablu. Illum ngħid li l-Gvern Nazzjonalista huwa inqas goff, iktar fin, iktar intelligenti u iktar sofistikat mill-Gvern Laburista, però għalija għadu ma tgħallimx it-tagħlima mingħand il-Partit Laburista. Forsi jkun hawn min jissuspetta u jgħid dan x'kien ser jagħti pariri lil tan-naħa l-oħra. M'hinix qed nitkellem mill-lat politiku, jiena qiegħed ngħid li s'issa fis-soċjetà tagħna minn meta l-Ingliżi fetħu t-televiżjoni f'Malta, min kien fil-poter, min kien jikkontrolla l-istazzjon televiżiv, ma tgħallimx l-iżbalji li saru minn ta' qablu.

Fit-tmexxija, fil-mod ta' x'jidher u x'ma jidhirx, min jidher u min ma jidhirx, x'nagħmlu u x'ma nagħmlux, xi programmi ntellgħu u xi programmi ma ntellgħux, lil min nistiednu u lil min ma nistiednux, x'ikunu s'suġġetti għad-diskussjoni, għad hemm ħafna nfluwenza mill-partit fil-Gvern. Inutli noqgħodu naħbuha din. Wieħed jista' jiddokumentha. Mhix xi ħaġa li tiddependi mill-preġudizzju, u kull partit fil-Gvern għamel dan l-iżball. U ngħid li għamlu dan l-iżball, għaliex ma ħallewx jirriflettu l-varjetà u d-diversità. Hawn naqbel ma dak li qal is-sur Lou Bondì: id-diversità tas-soċjetà Maltija hija rikka ħafna iktar mill-istituzzjonijiet.

Iva, is-soċjetà Maltija, għall-grazzja t'Alla, hija iktar rikka mill-istituzzjonijiet tagħha. Però, l-istituzzjonijiet tagħha, fosthom tax-xandir, ma jirriflettux din ir-rikkezza. Minn dak il-*punto di vista* qed nagħmel dan l-appell. Hemmhekk għad għandna problema, u naħseb li ma nbiddluhiex billi nagħmlu appelli, jew billi ngħidu lill-Awtorità biex tiżgura li jkun hemm ċertu bilanċ u imparzjalità fuq suġġetti ta' kontroversja. Għax dik taħdem, imma ddum biex taħdem, iddum biex tieħu rimedju, u sinċerament ma nħossx li dawn l-affarijiet għadu żmienhom. Allura rridu naraw kif inkunu immaġinattivi bis-serjetà, anke b'esperimenti li ppruvawhom f'postijiet oħra fejn l-istruttura editorjali tax-xandir tirrifletti fl-istruttura editorjali ta' kuljum. Mhux *safe-*

*guard* jew *watchdog* li jiltaqa' kull tant żmien u jiddelibera kull tant żmien. Fl-istruttura editorjali tax-xandir ta' kuljum tkun riflessa d-diversità ta' *trends* kulturali, soċjali, politiċi u ekonomiċi li hemm fis-soċjetà.

Ejjew inħarsu lejn il-mudell Olandiż. Forsi wieħed jistaqsi kif tista' tqabbad sigra Olandiża fil-ħamrija Maltija. Ta' min jirrifletti dwarha oggezzjoni bħal din, però, fl-Olanda għamlu esperiment interessanti fejn id-diversità fis-soċjetà, għal dak li għandu x'jaqsam max-xandir, hija riflessa fl-istituzzjoni li tmexxi ix-xandir ta' kuljum. U naħseb li rridu mmorru 'l hemm. Għad għandna wisq xandir iħares qrib il-palazzi tal-poter. Meta jkun qrib il-pjazza anke ngħażlu li l-pjazza tkun qrib il-palazz ukoll. Jiena naħseb li sinċerament jekk irridu nifthu s-soċjetà u x-xandir għas-soċjetà tagħna, rridu nħarsu lejn tibdiliet istituzzjonali serji.

L-aħħar punt li rrid nagħmel: jekk irridu ikollna xi forma ta' struttura li tigbor l-ilmenti li jkun hemm u tagixxi fuqhom malajr kemm jista' jkun, nistgħu nippruvaw is-sistema ta' Ombudsman għax-xandir biss kif għamlu barra minn Malta. Jigifieri jkollok uffiċju ta' kuljum fl-istruttura stess tax-xandir li jieħu l-ilment li daħal dak il-ħin u jagixxi fuqu dak il-ħin. Mhux jistenna li jgħaddu l-jiem u jgħaddu l-gimgħat. Huwa mportanti li min iħoss li x-xandir qed jonqsu, ikollu fejn jieħu rimedju għax inkella flok aktar libertà, jkollna aktar ġungla fejn min hu b'saħħtu jirbaħ dejjem.

Jiena qiegħed nipproponi tlett affarijiet:

1. Li ninsew id-duttrina sorpassata, avolja qiegħda fil-Kostituzzjoni, ta' bilanċ u ta' imparzjalità u mmorru għall-*fairness* .
2. Naraw kif ser inbiddlu l-istituzzjonijiet tax-xandir u
3. Kif ser naħsbu biex inbiddlu l-kuntratti fuq il-post tax-xogħol li jagħtu ċ-ċans lix-xandara u lill-ġurnalisti li jkunu professjonali fix-xogħol tagħhom bil-kuluri differenti, bl-interessi differenti li hemm fis-soċjetà tagħna għax, fl-aħħar mill-aħħar, huma kollha parti mir-realtà tagħna.

# Ħarsa lejn il-Bilanċ u Imparzjalita` minn Avukat fil-Qasam tax-Xandir



## IAN REFALO

*Konsulent Legali*
*għall-Awtorità tax-Xandir*

Il-Professur Ian Refalo kien appuntat bħala wieħed mill-konsulenti legali ta' l-Awtorità tax-Xandir fl-1990. Il-Professur Refalo fl-1969 ggradwa fil-Liġi u wara kompla l-istudji legali tiegħu fl-Università ta' Cambridge fejn kiseb Diploma fil-Liġi Internazzjonali. Il-Professur Refalo huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Liġi Pubblika fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta.

Professur Ian Refalo

# Ħarsa lejn il-Bilanċ u l-Imparzjalità fix-Xandir

Id-dizzjunarju Ingliż jiddefinixxi:
*'balance'*, bħala *"a state or situation in which all the different parts or forces involved have the right amount of importance, influence or strength, or the same amount of it."*[1] u
*'impartiality'*, bħala *"someone who is impartial is not involved directly in a particular situation and is therefore able to consider it and give an opinion about it fairly."*[2]

Bdejt bid-dizzjunarju mhux biex inkun pedantiku imma għax b'hekk nista' nuri aħjar il-limitazzjonijiet li eżerċizzju ta' definizzjoni, bħal ma ser nipprova nagħmel f'dan id-diskors, jista', jew aħjar, bilfors ikollu. Id-definizzjoni tal-kelma ttendi biex tagħti fehma astratta u ġeneralizzata tal-kunċett in kwistjoni. Hija però ħaġa ferm aktar diffiċli, u fil-qasam tax-Xandir, delikata meta dawk il-kunċetti jiġu biex ikunu applikati għad-diversi sitwazzjonijiet konkreti li jistgħu u attwalment jinqalgħu.

Barra minn dan, id-definizzjoni stess mogħtija fid-dizzjunarju turi kemm huwa diffiċli, anke fl-astratt li wieħed jasal għal definizzjoni ċerta ta' bilanċ u imparzjalità. Jekk niddissettaw bir-reqqa, bħala eżempju, id-definizzjoni mogħtija għall-bilanċ insibu li fil-verità d-dizzjunarju jagħtina żewġ definizzjonijiet għaliex jgħid fl-ewwel parti li kull 'forza' għandha tingħata l-importanza ġusta tagħha, u fit-tieni parti li kull 'forza' għandha tingħata 'valur ugwali' *(the same amount of it)*. Jekk imbagħad inħares lejn id-definizzjoni ta' imparzjalità insib li l-perplessitajiet jikbru.[3]

---

1 Collins Cobuild - English Language Dictionary Ed 1987 p. 96

2 idem p. 726

3 B'referenza għall-kunċett ta' imparzjalità f'ambiti ġudizzjarju ingħad - "Impartiality and the right to be heard are themselves nothing but vague generalities." Mauro Cappelletti -The Judicial Process in Comparative Perspective - Clareddon Press 1989 Ed. p.221.

Li biex wieħed ikun imparzjali ma jridx ikun direttament involut fis-sitwazzjoni huwa evidenti (jew le?), però meta imbagħad insibu li wieħed għandu jħares lejn dik is-sitwazzjoni u jagħti opinjoni dwarha b'mod ġust *(fairly)* id-definizzjoni tibda ssir vizzjuża għax tiddefinixxi l-kunċett bih innifsu. Ċertament m'hix ta' wisq għajnuna għal dik il-persuna li bil-*buona volontà* kollha trid tiddeċiedi skond id-dettami tal-ġustizzja, li tgħidilha li trid tiddeċiedi b'mod ġust. B'dan il-mod tkun biss qiegħed tirrepeti l-ovvju. Anke in kwantu jingħad li wieħed ma jridx ikun direttament involut fil-kwistjoni toħloq, prinċipalment bl-użu tal-kelma 'direttament', grad ta' ambigwità fl-applikazzjoni tal-prinċipju. Billi lkoll kemm aħna, almenu sa dan is-seklu, ngħixu f'dinja waħda, huwa diffiċli li wieħed jara li persuna ma tkun involuta bl-ebda mod fis-sitwazzjoni li tkun qiegħda tiġġudika; anzi n-neċessità stess li tiġġudika tinvolviha. Minn hemm il-ħtieġa tal-użu tal-kelma 'direttament'.

Meta mill-astratt ngħaddi għall-ispeċifiku, u *cioè* għall-qasam tax-Xandir, allura nsibu li d-diffikultajiet minflok jonqsu jimmultiplikaw ruħhom. Fl-ewwel lok id-definizzjoni tal-kelma ma tibqgħax eżerċizzju purament semantiku imma ssir definizzjoni ta' dritt. Għax il-kunċetti ta' bilanċ u imparzjalità fix-xandir, u l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika, għandhom effett dirett u importanti fuq id-drittijiet tad-diversi partijiet in kawża, iċ-ċittadin li jirċievi x-xandir, is-sidien tal-istazzjonijiet li jxandru, u d-diversi elementi u persuni nvoluti fix-xandir, mhux l-inqas il-politikant li għalih ix-xandir huwa mezz primarju biex jgħaddi l-messaġġ tiegħu lill-pubbliku. L-applikazzjoni tal-kunċetti ta' imparzjalità u bilanċ fix-xandir għalhekk huwa intiż biex jirregola dak li jista' jixxandar fuq il-mezzi tax-xandir u l-mod kif għandu jixxandar. Id-definizzjoni semantika ssir għalhekk definizzjoni ta' dritt.

Fit-tieni lok id-definizzjoni trid tlaħħaq ma' sitwazzjonijiet ben diversi minn xulxin. Din id-diversità ta' sitwazzjonijiet li jinħolqu fil-kamp tax-xandir jesiġu l-adozzjoni ta' strateġiji differenzjati biex jilħqu l-għan li jkun hemm imparzjalità u bilanċ. Ma hux loġiku u lanqas, naħseb, mistenni li l-istess tip ta' bilanċ u imparzjalità jiġi applikat, per eżempju, fil-każ ta' *news coverage* u fil-każ ta' xandira politika. Anzi huwa evidenti li t-tip ta' bilanċ li jrid jintlaħaq u l-mod kif dak il-bilanċ jintlaħaq jiddependi wkoll fuq it-tip ta' xandira nvoluta.

L-Awtorità tax-Xandir, għalhekk, fost mansjonijiet oħra, hija fdata bil-kompitu li tara li jkun hemm bilanċ u imparzjalità fix-xandir, trid bil-fors taddotta strateġija flessibbli biex tilħaq dan il-għan tagħha. Dan il-fattur għalhekk ikompli jikkomplika l-eżerċizzju ta' definizzjoni fil-kap tad-dritt. Il-liġi tħalli f'idejn id-diskrezzjoni prudenzjali ta' l-Awtorità biex tasal għal definizzjoni, fil-kuntest prattiku u speċifiku, ta' dak li hu permissibbli u ta' dak li mhux.

Fit-tieni lok, billi fil-kamp tad-dritt, il-kelma tintuża biex tiddefinixxi d-drittijiet tad-diversi persuni, tinħtieġ l-akbar rigorosità u preċiżjoni fl-użu tal-kliem u fid-definizzjonijiet li jingħataw [4]. Din ir-rigorosità hija iżjed sentita, bħala meħtieġa, meta wieħed jikkunsidra l-interessi u l-konflitti li jistgħu jinħolqu f'dan il-kamp. Sfortunatament, però, s-suġġett stess jimponi attitudni flessibbli għall-problemi li jistgħu jinqalgħu, b'mod li wieħed ikollu jitlef xi ftit mir-rigorisità mixtieqa. Minn naħa l-oħra, xorta jibqa' meħtieġ, li l-ambitu tal-poteri tal-awtoritajiet konċernati in materja jibqgħu ben definiti u preċiżati biex b'hekk tinħoloq sitwazzjoni ta' ekwilibriju fir-rispett tal-liġi [5].

U minn dan il-lat għalhekk wieħed jasal biex jiddefinixxi 'imparzjalità' u 'bilanċ' billi jiddefinixxi l-iskop ta' attività, u l-ambitu u ċ-ċirkoskrizzjoni tal-istess, ta' tlett entitajiet prinċipali:

1. Is-sid tal-mezz tax-xandir, *(il-licensee)*;
2. L-Awtorità tax-Xandir;
3. Il-Qorti.

Billi wieħed janalizza l-kompetenzi differenti ta' dawn l-organi wieħed jista' jasal għad-definizzjoni ta' dak li huwa 'imparzjalità' u 'bilanċ' fil-prattika.

Imma qabel ma nagħmel dan, anzi sabiex inkun nista' nagħmel dan, jeħtieġ li nagħmel digressjoni qasira, u nagħti ħarsa lejn il-mod kif il-pożizzjoni legali fil-qasam

---

4 Dwar l-użu tal-lingwa fid-dritt ara H.L.A. Hart - Essays in Jurisprudence and Philosophy, 1983 Edition - p.4 and pp 274-5.

5 In-necessità ta' imparzjalità fix-xandir bħala element tal-liġi tinsab esposta fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (per JJ Caruana Curran, Sammut u Refalo) - 'Dr. G. Borg Olivier et noe vs Prof Dr C Coleiro noe', tas-26 ta' Frar, 1976.

nagħmel digressjoni qasira, u nagħti ħarsa lejn il-mod kif il-pożizzjoni legali fil-qasam tax-xandir evolviet f'pajjiżna. L-istorja, f'dan il-kamp, tibda fl-1958 bil-kreazzjoni ta' Awtorità responsabbli għal dak li jiġi mxandar [6]. Però, l-Awtorità, fil-forma sostanzjalment li nafuha llum ġiet kreata bl-Ordinanza tal-1961 dwar ix-Xandir [7]. Sussegwentement fl-1964 ċerti aspetti relevanti għall-Awtorità tax-Xandir u għall-funzjoni tagħha ġew inkorporati fil-Kostituzzjoni ta' Malta [8].

L-artikoli tal-liġi f'dan il-kuntest huma s-segwenti:

L-Artikolu 7 tal-Ordinanza tal-1961 dwar ix-Xandir li jipprovdi li:

"7. (1) L-Awtorità għandha tiżgura li s-servizzi tax-xandir maħsuba skond din l-Ordinanza jkunu ta' kwalità tajba, kemm għal dik li hi trasmissjoni u kemm għal ħwejjeġ trażmessi, u għandhom jiġu kalkolati li jkabbru l-interess pubbliku.

(2) Ikun dmir ta' l-Awtorità li tissodisfa ruħha li, safejn ikun possibbli, l-programmi mxandra mill-Awtorità jħarsu l-ħtiġijiet li ġejjin, jiġifieri:

(a) li ebda ħaġa ma tkun inkluża fil-programmi li toffendi s-sentiment reliġjuż, il-gosti tajba jew id-deċenza jew li aktarx tinkoraġġixxi jew tinċita għal delitt jew li ġġib diżordni jew li tkun offensiva għas-sentiment pubbliku jew li jkollha xi rappreżentanza jew referenza offensiva għal persuna ħajja;

(b) illi l-programmi jżommu bilanċ xieraq fis-suġġett tagħhom;

(ċ) illi kull aħbarijiet mogħtija fil-programmi (f'kull għamla li jkunu) ikunu preżentati b'eżattezza u imparzjalità kif imiss;

---

6 Tesi ta' lawrija ta' Richard.

7 Ordinanza XX tal-1961 riportata fl-edizzjoni riveduta tal-Liġijiet ta' Malta (1984) Vol. IV Kap. 165.

8 Promulgata bil-Malta Independence Order, 1964.

(d) illi proporzjonijiet xierqa tal-ħwejjeġ irrekordjati u ta' ħwejjeġ oħra inklużi fil-programmi jkunu ta' oriġini tal-Commonwealth u ta' produzzjoni tal-Commonwealth;

(e) illi proporzjonijiet xierqa tal-ħwejjeġ irrekordjati u ta' ħwejjeġ oħra nklużi fil-programmi jkunu ta' oriġini Maltija u ta' produzzjoni Maltija, u illi parti xierqa ta' dawn il-programmi jkunu bl-ilsien Malti;

(f) illi tinżamm imparzjalità kif imiss dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew dwar il-policy pubblika tal-mument u illi, bla ħsara għal dak li hemm maħsub iżjed 'l quddiem f'dan is-subartikolu, ebda ħaġa maħsuba biex isservi l-interessi ta' xi partit politiku ma tiġi inkluża fil-programmi.

Iżda ebda ħaġa li hemm fil-paragrafu (ġ) ta' dan is-subartikolu, ma għandha timpedixxi d-dħul fil-programmi ta':

(i) diskorsi politiċi magħmula skond proġett approvat mill-Awtorità li tqassam b'mod xieraq faċilitajiet u ħin bejn persuni li jkollhom opinjonijiet differenti;

(ii) diskussjonijiet bilanċjati kif imiss jew dibattimenti li fihom il-persuni li jieħdu sehem jesprimu opinjonijiet u jressqu argumenti ta' natura politika; u

(iii) aħbarijiet fattwali u obbjettivi ta' ġrajjiet ta' interess politiku;"

L-Artikolu 118 tal-Kostituzzjoni li jikkostitwixxi l-Awtorità bħala korporazzjoni pubblika indipendenti mill-Gvern, u senjatament il-modalità ta' kostituzzjoni tagħha, il-fatt li l-membri tagħha jitneħħew biss għall-inkapaċità ta' membru li jaqdi d-dmirijiet tiegħu

jew għall-imġieba ħażina, u in partikolari s-subartikolu 8 tal-istess artikolu li jipprovdi li:

"(8) Fl-eżerċizzju tal-kariga tagħha skond l-artikolu 119 (1) ta' din il-Kostituzzjoni l-Awtorità tax-Xandir ma għandhiex tkun suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew Awtorità oħra."

L-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li:

"119. (1) Tkun funzjoni ta' l-Awtorità dwar ix-xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti.

(2) Il-funzjoni ta' l-Awtorità dwar ix-xandir imsemmija fis-subartiklu numru (1) ta' dan l-artikolu tkun bla ħsara għal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu mogħtija lilha b'xi liġi li tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta."

Huwa importanti li wieħed għalhekk jinnota l-enfasi tal-liġi fuq iż-żamm ta' imparzjalità u bilanċ fix-xandir sija fil-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Ordinanza. Din l-enfasi normalment tistona ma' dik il-libertà fondamentali ta' espressjoni [9], u twieldet fix-xandir minħabba s-sitwazzjoni oriġinarjament monopolistika f'liema dan ġie konċepit [10]. Tistona, għaliex normalment il-libertà ta' espressjoni timporta magħha anke l-libertà li wieħed jesprimi s-sentimenti u l-preġjudizzji tiegħu anke b'mod l-aktar żbilanċjat.

9 L-libertà ta' espressjoni tinsab protetta fid-dritt Malti mill-Art 41 tal-Kostituzzjoni u l-Art 10 tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Huwa utili li jiġi notat li fil-proviso għal Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jingħad: "Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzji għax-xandir, televiżjoni jew imprisi ċinematografiċi." Is-subartiklu 2 (a) [ii] tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ssalva l-poter regolativ tal-Istat fir-rigward tax-xandir u tat-televiżjoni.

10 Political Broadcasting, Fairness and Administrative Law - Alan E Boyle - artikolu f'Public Law tal-1986 pp 562 - 565.

Normalment dak l-iżbilanċ huwa permess għal dak li jeżerċita l-libertà ta' espressjoni tiegħu, u, fil-limiti ta' dak li possibbilment ikun libelluż, huwa perfettament korrett u permissibbli fil-liġi tal-istampa [11]. U hawn id-distinzjoni fondamentali bejn l-istampa u x-xandir, din tal-ewwel hija perċepita bħala mezz għad-dispożizzjoni ta' kulħadd, waqt li fit-tieni każ il-perċezzjoni ta' sitwazzjoni monopolistika imponiet esiġenzi ta' bilanċ u imparzjalità li bilfors jirrestrinġu l-libertà tal-kelma u l-libertà editorjali ta' min ikollu l-mezz tax-xandir [12].

Bl-evoluzzjoni, anke minħabba progress fil-mezzi tekniċi tax-xandir, ta' sitwazzjoni pluralistika fix-xandir tinħoloq sitwazzjoni daqsxejn differenti mill-pożizzjoni preċedenti [13]. L-Att tal-1991 [14] dwar ix-xandir huwa preċiżament intiż biex jippermetti u jagħmel front għal din is-sitwazzjoni ġdida [15]. Huwa utili però li wieħed jinnota li d-dettami tal-Kostituzzjoni baqgħu ma tbiddlux, għalkemm tbiddlet permezz tal-Att, l-Ordinanza. F'dan il-kuntest l-artikoli l-aktar relevanti huma l-artikoli 11 u 13 tal-Att tal-1991 dwar ix-xandir. In partikolari, l-Artikolu 13 (2) jispeċifika bħala dmirijiet ta' l-Awtorità li tara li fix-xandir jiġu segwiti s-segwenti prinċipji:

"(a) li ma jiddaħħal xejn fil-programmi li joffendi s-sentiment reliġjuż, gosti tajbin jew id-deċenza jew li x'aktarx jinkoraġġixxi jew iħajjar għall-kriminalità jew iwassal għal diżordni jew ikun offensiv għal sentimenti pubbliċi;

(b) li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta;

---

11 Alan E Boyle op.cit. p. 565 fil-Liġi Maltija ara l-Att dwar l-Istampa, Att XL tal-1974 [Kap. 248, Vol VI tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta (1984)] kif ukoll Art 41 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

12 Alan E Boyle op.cit p. 564.

13 The Deregulation of Broadcasting - T.H. Jones - fil-Modern Law Review 1989 Vol 52 p. 380.

14 Att XII tal-1991.

15 White Paper - Broadcasting: A Commitment to Pluralism, ippublikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni f'Settembru, 1990, p. 5.

(ċ) li jingħata ħin biżżejjed lill-aħbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-aħbarijiet kollha fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta;

(d) li proporzjonijiet xierqa ta' materja rekordjata u materjal ieħor imdaħħal fil-programmi jkunu ta' oriġini u għamla Maltija, u li sehem raġonevoli ta' dawk il-programmi jkun bl-ilsien Malti;

(e) li l-programmi mxandra jkun fihom proporzjon sostanzjali ta' materjal li jkun maħsub sew sabiex jappella għall-interessi, gosti u preferenzi tal-pubbliku in ġenerali; u

(f) li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti:

Iżda, ħlief fil-każ ta' servizzi pubbliċi tax-xandir, fl-applikazzjoni tal-paragrafi (ċ) sa (f) ta' dan is-subartiklu, l-Awtorità tista' tikkonsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' liċenzji u kuntratturi tax-xandir diversi, lkoll flimkien bħala ħaġa waħda."

U hawn l-enfasi jaqa' fuq l-aħħar paragrafu li jipprovdi għall-bilanċ f'dak li jirrigwarda kontroversja politika. Ferm interessanti hija l-enfasi tal-Att li l-Awtorità trid, meta tiġi biex tara ntlaħaqx bilanċ, li tħares lejn is-sitwazzjoni pluralistika li tkun teżisti fil-mument. Huwa utili li wieħed ifakkar li fis-sitwazzjoni prevista fil-Kostituzzjoni, minħabba l-pożizzjoni monopolistika li allura kienet tiddomina, l-kunċett ta' bilanċ jidher li jista' jingħata interpretazzjoni aktar ristrettiva minn dik permessa fl-Att. Billi, però, l-liġi u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha, dejjem issegwi l-esiġenzi u l-iżvilupp tal-ħajja, wieħed leġittimament isaqsi għandhiex tingħata nterpretazzjoni iżjed liberali għall-kunċett ta' bilanċ fil-Kostituzzjoni minn dik preċedentement applikata, issa li timpera sitwazzjoni ta' pluraliżmu.

Dan però ma jfissirx li l-esiġenzi ta' bilanċ u imparzjalità fix-xandir issa li hawn sitwazzjoni pluralistika jistgħu jiġu njorati [16]. Jibqa' fatt li *nonostante* l-pluraliżmu, l-aċċess għax-xandir dejjem ser jibqa' limitat u ċirkoskritt. Minn din il-limitazzjoni tal-aċċess tkompli timpera in-neċessità li l-Awtorità tkompli tara li jintlaħaq bilanċ fix-xandir, għalkemm issa fuq parametri u pożizzjonijiet differenti minn dawk preċedentement assunti.

Is-sitwazzjoni Maltija f'dan il-kuntest issegwi, sa ċertu punt, l-iżvilupp barra minn Malta. Fis-sitwazzjoni Ingliża jidher li l-Broadcasting Act tal-1990 jidher li kien frott ta' ħsieb simili fil-White Paper ippubblikata qabel dak l-Att jidher li l-Gvern Ingliż kien qiegħed jara rwol attiv għall-kontinwazzjoni fil-qasam tax-xandir, ta' dawk li jiġi msejjaħ *regulatory regime* l-funzjoni ta' kontroll [17]. Din il-funzjoni ta' kontroll għandha aspetti negattivi u aspetti posittivi [18]. Negattivi in kwantu hemm element ta' consumer protection li jesiġi li:

1. l-aħbarijiet jkunu korretti u imparzjali;
2. ma għandu jkun hemm xejn fil-programmi li jagħti offiża lid-deċenza u l-buon gust jew li jinċita għad-delinquenza jew joffendi s-sentimenti pubbliċi;
3. l-programmi m'għandhomx jinkludu l-veduti tal-persuni li jkunu qegħdin jipprovdu s-servizz dwar reliġjon jew materja ta' kontroversja industrijali jew politika;
4. tali affarijiet għandhom jiġu trattati b'imparzjalità; u
5. r-reklami għandhom ikunu soġġetti għall-istess tip ta' regoli fejn dawn huma relevanti [19].

Mill-banda l-oħra dik il-White Paper ipotizzat ċerti aspetti pożittivi tal-kontroll tax-xandir biex tiġi assigurata lill-pubbliku xandir ta' livell għoli u varjat biex jappella

16 Annual Report 1992 tal-Broadcasting Authority, p.22.

17 T.H. Jones op.cit - Modern Law Review 1989 Vol. 52 p. 382.

18 T.H. Jones op.cit - Modern Law Review 1989 Vol. 52 p. 382.

19 T.H. Jones op.cit - Modern Law Review 1989 Vol. 52 p. 383.

għad-diversi gosti [20]. Huwa għalhekk evidenti li l-pluraliżmu ma jeliminax il-bżonn ta' kontroll, għalkemm ir-riġidità ta' dak il-kontroll tiġi effettivament rilassata. Il-bżonn li dak il-kontroll jibqa' jinħass anke f'pajjiżi oħra, u din hija l-pożizzjoni li taddotta l-liġi tagħna fil-materja [21].

Niġi issa, allura, lura għal dak li kont qiegħed ngħid dwar l-analiżi tad-diversi kompetenzi tal-organi involuti fix-xandir. L-ewwelnett jidher ċar minn dak li ġa għidt li l-liġi u l-Kostituzzjoni jippruvaw jilħqu sitwazzjoni ta' bilanċ u imparzjalità fil-kamp tax-xandir fuq erbgħa livelli:

1. **Fuq il-livell ta' l-Awtorità.**

Il-Liġi u l-Kostituzzjoni jipprevedu Awtorità kostitwita bħala enti ġuridiku separat u distint mill-Gvern (korporazzjoni pubblika) b'eżistenza awtonoma u indipendenti [22]. Biex din l-indipendenza tiġi enfasiżżata, n-nomina tal-membri tal-Awtorità ssir mill-President fuq il-parir tal-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni [23]; l-indipendenza tal-membri ta' l-Awtorità hija assikurata billi n-nomina tagħhom issir għal terminu determinat u ma jitneħħewx mill-kariga tagħha ħlief minħabba inabilità fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom jew imġieba ħażina [24]. Mill-banda l-oħra l-grad ta' protezzjoni mogħti lill-membri ta' l-Awtorità huwa f'livell inferjuri minn dak riservat mill-Kostituzzjoni għall-Ġudikatura li jitneħħew biss wara riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha żewġ terzi tal-membri tal-Kamra jivvutaw favur tagħha [25].

2. **Bilanċ fl-għażla tas-servizzi.**

L-għoti tal-liċenzji għas-servizzi tar-radju u tat-televiżjoni huwa fdat f'idejn l-Awtorità [26].

---

20 T.H. Jones op.cit - Modern Law Review 1989 Vol. 52 p. 383.

21 White Paper - Broadcasting: A Commitment to Pluralism - para 6.

22 Art 118 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni.

23 Art 118 (2) tal-Kostituzzjoni.

24 Art 118 (6) tal-Kostituzzjoni.

25 Art 97 (2) tal-Kostituzzjoni.

26 Art 10 tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir.

Bl-għoti ta' dawn il-liċenzji l-Awtorità trid toħloq bilanċ bejn id-diversi organizzazzjonijiet u entitajiet interessati fil-qasam tax-xandir [27]. Huwa evidenti li f'sitwazzjoni pluralistika l-għoti tal-liċenzji li diversi organizzazzjonijiet ħa jgħin minnu nnifsu biex joħloq sitwazzjoni ta' bilanċ.

### 3. Bilanċ fix-xandir fis-servizzi mxandra.

Il-liġi tesiġi li tintlaħaq sitwazzjoni ta' bilanċ u imparzjalità fix-xandir ta' kull servizz ta' xandir. Dan tirrikjedieh b'żewġ modi:

(a) billi timponi obbligu li l-veduti u opinjonijiet reliġjużi u politiċi ta' min ikun qiegħed ixandar ma jiġux intromessi fix-xandir magħmul minn dik l-organizzazzjoni [28], u

(b) fix-xandir jinżamm bilanċ u imparzjalità fi kwistjonijiet ta' kontroversja politika jew reliġjuża fix-xandir kollu ta' dak l-istazzjon [29].

### 4. Bilanċ fix-xandir bejn id-diversi servizzi mxandra.

Din il-liġi donna tipprospettah bħala forma ta', biex insejħilha hekk, eċċezzjoni għall-prinċipju li jrid ikun hemm bilanċ fix-xandir f'kull servizz imxandar. Hawnhekk nerġa nagħmel riferenza għall-kontenut tal-proviso tal-artikolu 13 (2) tal-Att tal-1991 li jagħti d-diskrezzjoni lill-Awtorità (tista') biex "tikkonsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' liċenzji u kuntratturi tax-xandir diversi, lkoll flimkien bħala ħaġa waħda." Fil-verità però, din ma hiex vera eċċezzjoni imma hija pjuttost estensjoni tal-prinċipju preċedenti għal sitwazzjoni fejn għandek pluraliżmu fix-xandir. Dik is-sitwazzjoni hija mifhuma li sa ċertu punt tista' tikkrea f'sitwazzjonijiet kongruwi, pożizzjoni ta' bilanċ u imparzjalità.

---

27 Art 11(1) tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir.

28 Art 13(3) tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir.

29 Art 13(2) (a) u (f) tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir.

Ngħaddi għalhekk issa biex inħares kif l-allokazzjoni tad-diversi kompetenzi u drittijiet tal-partijiet fil-kawża joħloq sitwazzjoni ta' bilanċ. Kif diġa' għidt dawn huma tlieta:

1. Is-sidien tal-mezzi tax-Xandir, il-persuni liċenzjati mill-Awtorità biex jagħtu servizz ta' xandir;
2. L-Awtorità tax-Xandir; u
3. Il-Qrati, lil liema jista' jsir rikors minn min iħoss li d-drittijiet tiegħu jkunu ġew miksura.

Id-determinazzjoni ta' x'inhuwa bilanċ u imparzjalità f'dak li ser jiġi mxandar isir fl-ewwel lok mill-persuna li tkun qiegħda xxandar. Il-liġi timponi obbligu fuq is-sid ta' l-istazzjon li jara li dak li jkun qiegħed jiġi mxandar ikun imparzjali u bilanċjat [30]. Għalhekk l-ewwel determinazzjoni tal-kwistjoni ssir f'dik is-sedi. Fil-konfront tal-*licensee* l-Awtorità għandha funzjoni ta' superviżjoni. Id-dritt tal-*licensee* li jxandar mhux assolut, u huwa limitat, fost ħwejjeġ oħra, b'dan l-obbligu.

Lill-Awtorità tax-Xandir tispetta, fid-diskrezzjoni prudenzjali tagħha, d-determinazzjoni ta' jekk ir-rekwiżiti ta' bilanċ u imparzjalità jkun qiegħed jintlaħaq fix-xandir. Lill-Awtorità tispetta, jekk issib li xi stazzjon ikun naqas mill-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward, li tieħu dawk il-passi u tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa - *to redress the balance* [31]. Fl-eżerċizzju ta' din il-funzjoni l-Awtorità hija indipendenti u imparzjali, u mid-deċiżjoni tagħha ma jista' jkun hemm l-ebda appell [32]. L-intervent tal-Qrati f'dawn il-kwistjonijiet m'huwiex, kif ser nispjega, forma ta' appell [33].

Fid-determinazzjoni tagħha tal-kwistjonijiet li jqumu, l-Awtorità trid timxi b'mod pragmatiku li tirrifletti d-diversi esiġenzi u realtà ta' kull każ li jqum għad-

30 Art 13(2) tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir.

31 Art 13 tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir.

32 Art 118(8) tal-Kostituzzjoni.

33 L-intervent tal-Qrati f'din il-materja hija fuq l-bażi ta' *constitutional* jew ta' *judicial review*. Għad-distinzjoni bejn appell u *judicial review* ara J F Garner - Administrative Law, Edition 1985 p. 105.

determinazzjoni tagħha. B'dan il-mod l-Awtorità tevolvi prassi ta' *fairness* fix-xandir bil-konsiderazzjonijiet li tkun għamlet u d-deċiżjonijiet li tkun ħadet minn każ għal każ. Huwa utili għal dak li f'dan ir-rigward ingħad dwar l-esperjenza Ingliża f'dan il-qasam:

> "*The standard of balance and impartiality which together make up the general principles of fairness applied to political matters are not defined in any more detail in the relevant legislation, licenses or undertakings. As they stand, these concepts are vague and imprecise and offer ample scope for a variety of interpretations but little concrete guidance. Their content has mostly been developed through the practice and experience of the broadcasting organizations, who have formulated their own policies for giving effect to their obligation.*
>
> *Leaving the development of broadcasting standard to the broadcasters has allowed the process to be flexible and responsive to changing needs and circumstances as broadcasting has itself developed and matured. In so diverse a medium no single concept of balance or impartiality could accommodate the whole range of programming or the problems which even the coverage of politics have thrown up.*" [34]

Ngħaddi issa biex nagħti ħarsa lejn il-pożizzjoni tal-Qrati. Kif diġa' għidt mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità tax-Xandir m'hemmx appell. Għalhekk il-possibbiltà ta' rikors lill-Qorti minn dik il-parti li tkun ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità trid tieħu l-forma ta' ċitazzjoni għal *judicial review*. F'dan il-kuntest huwa importanti li wieħed jinnota li dan mhuwiex appell mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità u l-Qorti hija biss intitolata tara jekk l-Awtorità mxietx fil-parametri lilha permessi mill-liġi [35]; jekk id-deċiżjoni ta' l-Awtorità kienitx waħda fil-ġurisdizzjoni tagħha.

---

34 Alan E Boyle op.cit. p.572.

35 Alan E Boyle op.cit. p. 592, kif ukoll 'Dr. G. Borg Olivier et noe vs Prof. Dr. C. Coleiro noe' deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 1976.

Għalhekk il-Qorti mhix awtorizzata tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' l-Awtorità, u biex il-Qorti tintervjeni l-użu ta' dik id-diskrezzjoni mill-Awtorità jrid ikun manifestament żbaljat u ħażin.

Fid-deċiżjoni tagħha, fil-kawża Mintoff vs Montanaro Gauci tat-22 ta' Mejju, 1971, il-Qorti ta' l-Appell [36] kienet stabbiliet diversi prinċipji li fil-fehma tiegħi għadhom applikabbli bis-sostituzzjoni ta' l-Ordinanza bl-Att ta' l-1991. Il-Qorti abbraċċjat is-segwenti prinċipji:

1. L-artikolu 7 (2) ta' l-Ordinanza dwar ix-Xandir rigward bilanċ u imparzjalità jimponu obbligu u mhux biss diskrezzjoni fuq l-Awtorità;

2. L-Ordinanza kienet soġġetta għall-Kostituzzjoni li twaqqaf l-Awtorità biex tassigura l-imparzjalità fix-xandir;

3. Fil-qadi tad-dmirijiet tagħha l-Awtorità kellha diskrezzjoni u ċerta latitudni fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha;

4. Il-Qrati kellhom id-dritt jintervjenu jekk fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni, l-Awtorità tkun iddispartiet b'mod sostanzjali mid-dettami tal-Kostituzzjoni.

5. Fil-konsiderazzjoni tal-kwistjoni l-Qrati jridu jikkunsidraw il-klima politika tal-pajjiż fil-mument relevanti.

Għalhekk il-Qorti, għalkemm għandha l-poter tintervjeni, ma teżerċitax dak il-poter ħlief f'dawk il-każijiet fejn evidentement ikun hemm żbilanċ jew parzjalità.

36 Is-sentenza relattiva tinsab fl-arkivji tal-Qorti.

Jibqa' issa x'wieħed iħares lejn ċerta sitwazzjonijiet ta' interess partikolari fejn sikwit irid jiġi applikat il-priċipju ta' bilanċ u imparzjalità. Dawn huma is-segwenti:

1. Programm ta' xandiriet politiċi;
2. Programm ta' xandiriet pre-elettorali;
3. Xandiriet ministerjali; u
4. Programmi ta' aħbarijiet et similia.

1. **Programmi ta' Xandiriet Politiċi.**

Il-liġi speċifikament tesiġi f'dan il-kuntest li l-Awtorità għandha tħejji skemi ta' xandiriet politiċi li jkunu jiddistribwixxu b'mod ġust il-faċilitajiet u ż-żmien bejn il-partiti politiċi diversi rappreżentati fil-Parlament [Art.13 (4)] Dwar din id-dispożizzjoni tal-liġi hemm kawża pendenti fil-Qrati dwar il-kostituzzjonalità tagħha [37]. Ma jkunx għaqli għalhekk li nikkumenta dwarha f'dan il-kuntest.

2. **Programm ta' Xandiriet pre-elettorali.**

F'dan il-qasam huwa importanti li l-partiti kollha jingħataw opportunità adegwata biex iwasslu l-messaġġ tagħhom lill-elettorat. Il-kriterji ġeneralment adottati f'dan il-kamp jidhru li huma mifhuma sew. F'dan il-kuntest l-aċċess għax-xandir mhux limitat għall-partiti rappreżentati fil-Parlament biss iżda anke kandidati ndipendenti jingħataw opportunità biex iwasslu l-messaġġ tagħhom.

3. **Xandiriet Ministerjali.**

Il-pożizzjoni f'din il-materja tinsab hemm stabbilita fis-sentenza 'Dr Borg Olivier et vs Coleiro', deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Frar, 1976. Il-pożizzjoni definita hija li xandira ministerjali ma tagħtix dritt awtomatiku għar-risposta. Ikun hemm dritt għar-risposta meta dik ix-xandira tkun kontroversjali u b'mod li toħloq żbilanċ fix-xandir.

---

37 Il-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili hija fl-ismijiet 'Dr L. Mintoff noe vs Chairman ta' l-Awtorità tax-Xandir.'

## 4. Programm ta' aħbarijiet.

Dwar l-aħbarijiet l-obbligu ta' imparzjalità u korrettezza huwa riġidu u strett. F'dan il-kuntest għandu jkun hemm insistenza fuq l-oġġettività ta' dak li jkun qiegħed jiġi mxandar.

Għalhekk naħseb li dan huwa biżżejjed biex wieħed jikkonvinċi ruħu li ma hemmx definizzjoni ta' bilanċ u imparzjalità, u dan jintlaħaq, billi f'kull każ, l-organi u organizzazzjonijiet kollha involuti jaġixxu, b'buon sens, fil-limiti ta' kompetenza lilhom fdati mill-liġi.

# Xandir mingħajr Fruntieri



## MASSIMO FICHERA

*President/Direttur Ġenerali ta' Euronews*

Dr Massimo Fichera huwa l-President/Direttur Ġenerali ta' Euronews sa minn Ġunju 1992. Dr Fichera għandu dottorat fil-letteratura u l-filosofija. Imwieled fl-1929, kien korrispondent speċjali għal Messaggero fl-Italja mill-1960 sa l-1961. Fl-1968 ingħaqad mar-RAI, l-ewwel bħala membru tal-Management Board u l-Kunsill Amministrattiv sal-1972. Wara ġie appuntat direttur tar-RAI Due (1976-1980). Bejn l-1980-1991, Dr Fichera kien Deputat Direttur Ġenerali nkarigat minn teknoloġija ġdida u relazzjonijiet internazzjonali. Dr Fichera kien ukoll Viċi-President tal-European Broadcasting Union mill-1988 sal-1992.

# Dr. Massimo Fichera

## Xandir mingħajr fruntieri

Mr Chairman, if I had been asked to speak on the topic of transfrontier broadcasting just a few years ago I could have done so in a few minutes. Even when the availability of satellite distribution removed the technical obstacles to broadcasting over national boundaries, scepticism remained. Could the market support many new channels? Where would the financing come from? Where would the programming come from? Was there a demand for transnational channels? How quickly things change. Now the number of transnational channels seems to multiply almost daily, and you will have to be patient for more than a few minutes if I am to attempt to explain this change and its implications.

I would like to concentrate largely on Europe and the Mediterranean. The subject of transfrontier broadcasting is vast, and for historical, geographical and cultural reasons it has particular implications for this region.

First, what do we mean by transfrontier broadcasting? In Europe any broadcasting by means of satellite is inevitably transfrontier. With a multiplicity of cultures and languages in a relatively small geographical area, channels aimed at one national market inevitably spill over into other markets. Attempts can be made to limit their reception by encrypting the signal and restricting the availability of decoders to certain territories, but this has only limited success; unofficial decoders are readily available. A satellite footprint is no respecter of borders. Technically there is no limit to the area that can be covered. With a relatively small number of transponders, a channel can cover the world.

This has brought about a dramatic change in the international audiovisual system

in the last decade. From the viewers' point of view the most obvious manifestation of this change has been the increase in the number of channels available. This increase had already begun in Europe as commercial broadcasting increased, fuelled by demand from the advertising industry and the money to be made from broadcasting, and aided by deregulation. However, the expansion would have remained limited had it not been for developments in the technology of satellite distribution.

As long as television was distributed by a system of terrestrial relays it remained a scarce resource. The number of frequencies available was finite, and national governments had complete control over their allocation. They could decide whether or not to give frequencies to commercial broadcasters, how many to give, to whom, and when, The reach of the signal depended on the location of relay stations, and stopped at national boundaries (although the waves brought foreign signals to the shores of some islands).

These means of distribution determined the nature of the channels available. When there are only a small number of channels they all target the whole available audience. Thus they offer a generalist schedule, attempting to grab the early evening audience and hold them throughout the evening. The public services have always tended to follow the edict John Reith laid down for the BBC - to entertain, educate and inform. Commercial broadcasters tend to lay greater emphasis on the latter, but still attempt to provide a range of programming which includes news and documentaries alongside the game shows and soaps.

In general, this system served the audience reasonably well, although the public services could be patronizing in their programming, giving the public what the programmers believed they ought to have, rather than what they wanted, and the commercial broadcasters often showed a lack of imagination in their diet of game shows, films and telefilms. Furthermore, the generalist schedule is inherently authoritarian; it is the schedulers who decided when the viewer will be entertained, when

informed, and when educated. The viewer who wants to see the news in the middle of the afternoon, or see an educational programme in primetime will be disappointed.

Satellite distribution has fundamentally changed this system. The limits to the number of terrestrial frequencies are no longer relevant. Anyone with television programming to transmit who can afford the relatively low cost of a satellite transponder can start transmitting a channel. There is no longer any technical limit to the number of television channels which can be transmitted in any given territory.

So, the number of television channels offered to the public has probably increased more in the last five years than in the whole of the rest of its history. But the quantitative change has also produced qualitative changes.

As I said earlier, when a restricted number of channels are available in a particular territory, they all compete for the same audience - the whole audience - with a generalist schedule. When 50 or more channels are competing, this is no longer possible. So broadcasting gives way to narrowcasting, thematic channels aimed at particular sections of the audience - sports channels, video music channels, film channels, and so on. This is encouraged by advertisers looking for niche markets - the young, the businessmen, the housewives.

As I said at the beginning, the number of satellite-distributed television channels is growing almost daily.

However, although all satellite channels are inevitably transfrontier in their distribution, does that mean the beginning of the end for national broadcasting? Obviously not: the majority of new channels continue to aim at a national audience, or, at most, a linguistic area.

The fact is that while technical limitations have been removed, linguistic and cul-

tural boundaries are not as easily removed. With a satellite dish on my roof in France I can see what makes Germans laugh, learn why Eastenders is so popular in Britain, learn the latest news from Turkey, watch American football, or the stockmarket reports from Tokyo.

Technology can help us overcome some of the linguistic problems (and I will talk of Euronews' pioneering work in this field), but problems remain. Some audiences, particularly the Anglo-Saxon countries, are resistant to dubbing. Sub-titling is fine for one alternative language, but not more (unless teletext is used, but that carries with it its own problems). Cultural differences are less easy to define, but none the less real. The truth is that I have never shared, I have to confess, the German sense of humour, or the British love of soap operas. I don't understand American football, and I confess I don't speak Turkish or Japanese.

However, for the above reasons, the number of channels which are truly transfrontier in target audience is relatively limited, and they fall into two broad categories:

- The first is what I call *cultural propaganda* channels. I do not mean this at all in a pejorative sense: these are channels, usually distributed only by satellite, which have the quite justifiable aim of ensuring the presence of the countries' language and culture in the satellite market. Examples are TV5, TVE Internacional, RTP internacional from Portugal, and RAI 1 and RAI 2. They are thus generalist channels, and most are aimed largely at the country's nationals living abroad. Sometimes they are merely terrestrial channels retransmitted on satellite (RAI 1 and RAI 2), but more often, for copyright reasons, they transmit a schedule composed of material from one or more national channels, perhaps with a small proportion of original programming (RTPi, TVE Internacional). These channels are offshoots of public service broadcasters, and they have a public service mission - they fill a perceived cultural need, rather than satisfying a market demand.

- The second category we could call the money-spinners - I speak in a positive sense. Examples are Eurosport, MTV, CNN, NBC Superchannel. Their aim, as the name suggests, is to make money - through advertising, sponsorship, and charges to cable operators and hotels. They are strictly commercial channels. And they have something else in common - they are all thematic channels. Superchannel was a rare example of a truly international generalist channel, but since being taken over by NBC, its programming is increasingly news and business oriented.

Certain genres are more adapted to transfrontier broadcasting than others. The channels I have cited have proved that pop music, sport, and news cross cultural and linguistic boundaries. These money-spinners are the most truly international: while the cultural propaganda channels are watched largely by a particular linguistic or national community, the money-spinners are aimed at attracting an international audience.

How is this situation likely to develop in the future? The next technological leap forward is almost upon us. Digital compression will mean that up to ten television channels will be able to occupy one satellite transponder, the cost of transmission will fall still further, and the rate of increase in the number of channels will receive another boost.

What will these new channels be? My personal opinion is that the number of truly transfrontier channels will not increase dramatically. With falling transponder costs some more cultural propaganda channels may appear. But I believe that the majority of money-spinners of the future will be culturally and linguistically specific.

So far I have talked of the technology of transfrontier broadcasting, and its effect on the audiovisual offer. But these massive changes have wider implications. I do not think it is any longer necessary to persuade anyone of the cultural and social significance of television. For many people it is the main source of knowledge about

the world they live in - not only are television news and documentaries the primary source of information, but the soap operas, telefilms, situation comedies and other genres shape our view of our own societies, and of others. We may not have visited America, but we know what the New York Police Department is like - no doubt, we have seen Hill Street Blues, we know how the rich live - be sure we have seen Dallas.

In an ideal world the growth in transfrontier broadcasting would be a force for greater understanding between nations, greater tolerance of other cultures and a tool for learning other languages. Surely the opportunity to see programming from all over the world can only add to international understanding.

It is certainly much more difficult in the age of transfrontier satellite broadcasting to control the flow on information. Despite periodic attempts by governments to ban them, satellite dishes are sprouting like giant mushrooms on roofs all over China and other countries, giving the public access for the first time to alternatives to the official versions of events.

However, because of the linguistic and cultural differences I talked about earlier, the danger is that viewers will continue to watch channels targeted at their nationality or linguistic group, plus certain transnational channels, the money-spinners.

Even with the lower transponder costs which will come with digital compression, broadcasting will continue to be a business which requires a considerable investment of capital. It takes time to build up cable networks, subscriber bases and an advertising income. Broadcasters who make their money in the huge domestic market of the United States (such as CNN and MTV), or who have an enormous income from other media interests all over the world such as Mr. Murdoch's News International have the financial strength to launch international versions of their channels and absorb the initial medium-term losses that these inevitably entail.

It is also no coincidence that these channels all use the English language: the dominance of English as a second language gives them a worldwide potential market.

Thus there is a danger that far from increasing diversity and cultural pluralism, transfrontier broadcasting will contribute substantially to cultural homogeneity - the Coca-Colanisation of the world - and that the national state-owned monopolies which once controlled broadcasting will be replaced by a small number of immense media companies whose interests will range from studios in Hollywood to satellite news channels in Asia, from newspapers in London to cinema chains in Australia; whose economies of scale, vertical integration of production and distribution, and cross-media interests will dominate the market to such an extent that there will be no room for television channels, newspapers or other media that for cultural or linguistic reasons cannot command a large enough audience to compete.

It has been said many times that the flow of information tends to be only from West to East and from North to South. Left to uncontrolled market forces, transfrontier broadcasting will increase this tendency.

I have always argued that the mixed audiovisual system which exists in Europe today should be recognized as the definitive European model, rather than a transitory phase towards an American model of wholly commercial broadcasting. Only a combination of public and private broadcasting can provide the range and variety of programming which reflects the cultural diversity of our continent.

If we are to protect this diversity in the age of transfrontier broadcasting, the mixed system must be accepted on a European-wide basis, not simply at a national level. And, just as national governments provide the funds, through a licence fee or other means to provide national public service broadcasting, European governments and institutions need to examine the concept of pan-European public service broadcasting and develop new structures for organizing their financing.

Obviously, my interest in this subject is not purely academic. As the President/ Director General of Euronews I have direct day-to-day involvement in this subject, and I do not apologize for citing Euronews as a possible model. Euronews is the first truly European public service broadcaster. It is a microcosm of the Europe we are trying to create, with unity in diversity. The channel is owned by 15 broadcasters from 14 countries, produced by a team from 14 nationalities, receiving material from the 60-plus EBU members and broadcasting the same news and information service to over 32 countries in five languages. Euronews already reaches a potential audience of 110 million people.

Euronews is an attempt to counteract the trend for information to flow from West to East, from North to South. After all, if we drew these lines of information flow on a map they would probably intersect somewhere in the Mediterranean (probably not far from where we are standing today), and thus it is just that broadcasters from Europe and the Mediterranean Basin should lead the fight to redress the balance.

Euronews covers major international events - like CNN we provided coverage in these last weeks President Clinton's speech during his visit to Brussels, but unlike CNN, we continued our coverage as Mr. Papandreou and Mr. Delors spoke. CNN cut off the transmission after Mr. Clinton's speech. We also covered the results of the Italian referendum on electoral reform, the Finnish Presidential elections, the recent declaration of the Portuguese Prime Minister on a federal Europe, the appointment of the new Algerian President, etc. etc.

I do not want to give the impression that I am in any way against channels such as CNN or MTV - both are admirable channels, both have been pioneers. But television plays a much too important role in our lives to allow a small number of channels to dominate. Let us not fall into the trap of believing the myth that unrestricted commercialization of the media automatically equates with increased choice. This is a convenient myth propagated by those whose vocation is to make money from

broadcasting and who regard television as just another product on the market, qualitatively no different from soap powder or toothpaste.

The truth is that in all commercial fields, but particularly in fields such as television with its high level of capital investment, the market has a tendency towards concentration of ownership, towards the development of monopolies and cartels. If we are to ensure choice, and a qualitative choice, not simply a quantitative choice, then political decisions must be made in order to create the conditions under which diversity can flourish.

This does not necessarily mean protectionism, or throwing money away on channels which no one will ever watch. The smaller European and Mediterranean countries may never have sufficient resources to enter the new transfrontier broadcasting market alone, and even if they did, their potential audience would be too small to make a significant impact. However, by working together, and in solidarity with the larger, richer European countries they could be present in the market with services which are attractive to viewers, as well as important from a political and cultural standpoint.

Such co-operation is only feasible because technology now offers the possibility of multilingual broadcasting. Euronews has demonstrated that multilingual broadcasting works from both a technical and an organizational point of view. Today we broadcast in five languages: English, French, German, Spanish and Italian. Later this year we will add Arabic. And there is no reason why we should stop there. Eight languages are possible using one transponder, and this could be doubled using another transponder.

For example, there could be various versions of Euronews with a core of common programming, and windows of programming for specific national, ethnic or linguistic audiences.

The funding of Euronews is truly mixed. The majority of our financing comes from our member broadcasters, but we also receive funds from the European Commission, from certain governments via Eureka Audiovisual, from the authorities in the Rhone-Alpe region, Lyon, as well as income from advertising and sponsorship.

Similar organizational and financial criteria to those used for Euronews could prove useful for other pan-European thematic channels. We could envisage through digital distribution in the near future a bouquet of pan-European public service channels with services for culture, films, sport, music, children, etc.

This is perhaps an ambitious dream; the need and the technical means exist already, but realizing the dream would require the political will and the financial means to bring it about. It would cost money, but not a great deal, if divided between different partners, and I would argue that it would not be too great a price to pay to protect the great wealth of cultural and linguistic diversity that is our heritage, and which I hope will continue to enrich our future.

Transfrontier broadcasting is a technical reality. For Europe, for us Europeans from Italy, France, etc., for you Europeans from Malta, it could represent an enormous opportunity, improving understanding between us and giving our citizens greater access to the cultural wealth which surrounds us. Or it could be a cultural and social disaster.

We still have time to decide which, but not a lot of time.

# Bilanċ u Imparzjalita` fix-Xandir



## L-Onorevoli MICHAEL FRENDO
*Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura*
*(b'responsabbiltà għax-Xandir)*

L-Onor Michael Frendo LL.D., LL.M. (Exon), MP. kien il-Ministru responsabbli għaż-Żgħażagħ u l-Kultura sal-bidu tas-sena 1994. Illum, l-Onor Frendo huwa responsabbli għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija.

# L-Onor. Michael Frendo LL.D., LL.M (Exon),M.P.

## Diskors ta' l-għeluq

Sur President, naħseb li hija ħaġa tajba ħafna li l-Awtorità tagħmel attivitajiet bħal dawn. Personalment u bħala Ministru responsabbli minn dan is-settur, huwa ta' sodisfazzjon kbir li tara' li dan is-suġġett qed jiġi diskuss b'kalma u b'mod ċivili meta nafu li, għal ħafna żmien, dan kien il-kamp tal-battalja tan-nazzjon. Illum wasalna biex diskussjonijiet bħal dawn ma nifqux biss f'dak li huwa immedjat, imma nħarsu b'mod iktar fit-tul, għall-pjanifikazzjoni aktar fit-tul.

Punt li ssemma dalgħodu u li jagħmel ħafna sens huwa l-għażliet li trid tagħmel meta tiġi biex tiddeċiedi x'reġim ser tagħmel fil-pajjiż: reġim legali biex tkun tista' tirregola l-qasam tax-xandir. F'estremità waħda hemm dawk il-pajjiżi li għandhom il-monopolju tax-xandir f'idejn l-Istat, u f'estremità oħra hemm dawk il-pajjiżi fejn is-settur pubbliku ma jeżistix u fejn jeżisti prattikament is-settur privat biss. Jiena naqbel perfettament ma' dak li qal Dr Massimo Fichera li s-sistema Ewropea mhix qiegħda fi stat ta' transizzjoni, imma qiegħda fi stat ta' żvilupp, fi stat ta' riflessjoni iktar preċiża dwar x'inhi l-kultura Ewropea, fejn it-taħlita bejn is-settur privat u s-settur pubbliku fix-xandir għandha tkun il-mudell definittiv tal-Ewropa.

Dan ma naqbilx miegħu biss jien, imma fil-fatt jirriżulta wkoll fil-Pjan Nazzjonali tax-Xandir fil-Liġi dwar ix-Xandir ta' l-1991. Fil-Pjan Nazzjonali huwa dikjarat li aħna bħala sistema f'Malta qegħdin ngħażlu sistema imħallta ta' settur pubbliku u settur privat. Dan huwa espressjoni mhux biss tal-kultura tagħna, imma ta' kultura Ewropea li wkoll evolviet f'din id-direzzjoni. M'hemmx dubju li fil-waqt li s-sistema ta' monopolju hija xi ħaġa superata għall-aħħar, is-sistema fejn inħallu l-forzi tas-suq imexxu assolutament ħuma fil-qasam tax-xandir, hija wkoll sistema nieqsa. Dan għaliex, kif intqal, ix-xandir mħuwiex fl-istess livell tat-*toothpaste* jew tas-sapun. Ix-xandir,

it-televiżjoni, ir-radju, il-*media* huma kultura. Jekk titkellem fuq il-kultura trid tagħmel l-għażla tiegħek: jekk tridx li jkollok kultura li tkun kompletament suġġetta għall-forzi tas-suq jew le.

Illum kulħadd irrejalizza li l-forzi tas-suq huma forzi tajbin illi iċaqalquk mill-ideat fissi, huma forzi ta' kompetizzjoni li jġegħluk taħseb u jġegħluk tixpruna l-azzjonijiet tiegħek. Imma l-forzi tas-suq m'humiex biżżejjed għaliex l-identità kulturali u l-iżvilupp kulturali ta' pajjiż m'għandux biss jiġi dipendenti fuq kemm prodott jinbiegħ jew le. U allura l-għażla ta' bejn ikollokx sistema totalment privata, jew sistema totalment pubblika, l-għażla tat-taħlita ta' sistema bħal din hija fil-fatt għażla kulturali, u naħseb li dan il-pajjiż, l-għażla kulturali għamilha bl-aktar mod preċiż u diġà qed turi effett pożittiv.

Kien hemm wieħed mill-parteċipanti li semma li forsi f'din is-sistema m'għandhomx ikollhom pożizzjoni l-partiti politiċi u forsi ma kienx daqshekk ġust għal Dr Fichera li jikkummenta fuq sitwazzjoni partikulari Maltija għax ma naħsibx li huwa f'qagħda li jista' jesprimi u jifhem din is-sitwazzjoni partikolari [1]. Naħseb li jekk teħodha barra mill-kuntest tagħha allura tista' tasal f'konklużjoni differenti. Imma aħna nafu x'kienu l-kuntesti ta' l-applikazzjonijiet tal-partiti rigward ir-radjijiet u t-televiżjonijiet. Nafu li fil-fatt fl-iżvilupp tagħna bħala pajjiż - u ma naħsibx li lħaqna t-tmiem ta' l-iżvilupp tagħna f'dan il-qasam - fl-iżvilupp tagħna bħala pajjiż kien hemm mument storiku fejn il-pluraliżmu fisser li x-xandir ma jibqax il-monopolju ta' l-Istat, imma li dan il-monopolju jiġi mkisser u jingħataw opportunitajiet lill-vuċijiet oħrajn. F'dan il-każ, kienu vuċijiet politiċi u f'ċertu sens allura fis-settur pubbliku u mhux fis-settur privat, għax dawn huma istituzzjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar jirrispondu għall-votant. Fil-fatt kien hemm żvilupp kbir, mifrux, u kien hemm fetħa għall-partiti wkoll.

---

1. Mistoqsi għall-opinjoni tiegħu rigward is-sehem dirett tal-partiti politiċi fix-xandir fid-dwal tad-daqs u s-sitwazzjoni Maltija, Dr Fichera wieġeb hekk:
'When it comes to direct involvement of political parties in broadcasting, I think that political parties should remain in the background. The media must remain autonomous in the interest of everyone concerned. That political parties exert undue influence on the media is a reality everywhere in Europe, everywhere in the world. When I was in RAI, I witnessed, at first hand, the onus of political pressure. However, throughout my experience in the international field, I have also discovered that political pressure exists everywhere.'

Naturalment wieħed irid jaraha fil-kuntest storiku tagħha u jrid jifhem għall-inqas fir-rigward tar-radju li qegħdin nitkellmu fuq żewġ radjijiet prattikament f'kuntest ta' ħafna, ħafna radjijiet privati u mhux politiċi fejn l-għażla hija iktar imxerrda. Hawnhekk qegħdin f'sitwazzjoni ta' dikjarazzjoni ċara li s-sid innifsu huwa partit politiku li għandu stazzjon tiegħu. Imma ngħiduha ċara: jinfluwenzax is-sid fit-tmexxija ta' dak l-istazzjon ma jiddependix biss huwiex partit, imma jiddependi minn kif irid li ssir it-tmexxija. Dan jgħodd fl-istess miżura għal sid li mhux partit. Jista' jkun sid privat u l-istess sid privat jindaħal ukoll fl-affarijiet ġurnalistiċi u fl-indipendenza ġurnalistika. Naħseb li huwa sempliċistiku li ngħidu li għax is-sid huwa partit allura jindaħal iktar milli jekk ikun sid kummerċjali, b'interessi kummerċjali.

Jiena naħseb sur President, l-punt partikolari li fuqu hija bbażata l-Konferenza tal-lum, il-kwistjoni tal-bilanċ u ta' l-imparzjalità, huwa punt importantissimu għax huwa marbut ma dak li għadni kif għidt qabel, *cioé* , li jkun hawn settur pubbliku u settur privat, u li ma jkunx hawn monopolju. Il-problema kbira li għandha l-Awtorità hija li fil-waqt li l-kunċetti tal-bilanċ u tal-imparzjalità żviluppaw, anke fi ħdan il-Qrati tagħna, f'kuntest ta' monopolju, illum għandha l-isfida - u naħseb li hi l-akbar sfida li għandha l-Awtorità quddiemha - li dawk il-kunċetti ta' imparzjalità u ta' bilanċ ma napplikawhomx sempliċement fil-kuntest ta' sitwazzjoni ta' monopolju imma illi l-Awtorità tapplikhom f'sitwazzjoni ta' pluraliżmu.

Fil-fatt, il-Parlament diġà kien iddiskuta dan il-punt partikolari u aħna minn naħa tal-Gvern, konna daħħalna dan il-kunċett fil-Liġi f'dak iż-żmien. Kien hemm min ikkontestah, imma llum hemm iktar *consensus* fuq dan ukoll. Jagħmel iktar sens fi ħdan il-pluraliżmu li, l-imparzjalità u l-bilanċ, dawn il-qisien għal mod kif jitmexxa x-xandir, ma jibqgħux jiġu ikkunsidrati bl-istess mod li kienu jiġu kkunsidrati qabel, imma li jinfirxu u li jiġu kkunsidrat fuq bażi tal-firxa sħiħa tax-xandir fil-pajjiż. Naħseb din hija l-akbar *issue* importanti f'diskussjonijiet bħal dawn.

Naħseb li m'għandniex bl-ebda mod niddivorzjaw dan il-provvediment tal-

Kostituzzjoni mill-fatt li l-kuntest tagħha llum inbidel. Illum qegħdin nitkellmu f'kuntest ta' pluraliżmu ħafna iktar wiesgħa milli meta saret dik ir-regola innifisha li kienet f'kuntest kompletament differenti meta kien hemm monopolju ta' l-Istat. Nafu naturalment li lill-Awtorità ħadd ma jista' jagħtiha direttivi fuq affarijiet bħal dawn u allura fil-kuntest legali preżenti din hija materja ta' *challenge* kbir għall-Awtorità.

F'kuntest ta' pluraliżmu jekk inti tħares lejn l-imparzjalità u l-bilanċ f'firxa ħafna ikbar u ħafna iktar wiesgħa, allura jkun possibbli wkoll li tagħmel politika li tkun ħafna inqas intervenzjonista. Naħseb li fil-qasam tax-xandir illum il-mudell ta' diriġiżmu, il-mudell ta' l-intervenzjoni huwa mudell sfiduċjat u skreditat. Mudell diriġista għalhekk huwa mudell li m'għandu jiġi segwit minn ħadd.

Jiena nemmen li hemm diversi provvedimenti li jagħmlu sens fil-Liġi li jagħtu ċerti poteri lill-Awtorità. Hemm ukoll il-poter, għalkemm limitat, per eżempju, tal-Gvern li huwa wkoll ix-*shareholder* tal-*Public Broadcasting Services.* Poteri bħal dawn jekk jiġu użati direttament jistgħu ikollhom influwenza negattiva.

Għalhekk tajjeb li nimxu lkoll anke fil-kuntest ta' interpretazzjoni iktar wiesgħa ta' imparzjalità u ta' bilanċ, u nintervjenu, bħal ma jintervjeni il-kirurgu, bl-aktar mod minimu possibbli. U allura poteri bħal dawn għandhom jibqgħu *residual powers* u ma jkunux il-poteri utilizzati kontinwament.

Qiegħed insemmi dan għaliex nemmen li din il-kwistjoni hija kwistjoni li llum, fil-kuntest tal-pluraliżmu li diġà żviluppa u li għadu jiżviluppa, hija importanti għall-mod kif f'dan il-pajjiż għandna nimxu 'l bogħod mit-tfettiq u b'sistemi ħafna iktar wiesgħa, ħafna inqas puntiljużi biex naraw hemmx fil-fatt fis-sistema kollha l-bilanċ u l-imparzjalità li huma l-qalba ta' dak li rridu nottjenu, mingħajr ma nintervjenu b'mod dirett u kontinwament fuq il-livelli kollha u f'kull programm.

Din hija opinjoni li rrid insemmi għaliex hija żgur waħda mill-isfidi l-kbar. Nerġa' ngħid li hija inizzjattiva tajba ħafna ta' l-Awtorità li tivventila dawn l-ideat b'mod l-

iktar ċivili fis-soċjetà tagħna: hija qed isservi ta' *catalyst*, kif għandha tkun, biex is-soċjetà tagħna tgħinna timmatura iktar fil-ħsieb tagħha fil-qasam tax-xandir.

L-Awtorità għandha sfidi kbar quddiemha. Il-liġi tax-xandir ittiha diversi kodiċijiet u anke hi stess żviluppat diversi kodiċijiet inkluż il-kodiċi li jikkontrolla r-reklamar. Forsi hemm bżonn li dawn ir-regoli dwar ir-reklamar inħarsu lejhom iktar fid-dettal, għaliex meta wieħed jara kif ir-reklamar qed jiżviluppa, tajjeb li wieħed jikkunsidrah naturalment b'mod mill-iktar kalm u mingħajr għaġla żejda. M'hemmx dubju li l-Awtorità qegħda llum fuq quddiemnett biex dan il-qasam tax-xandir f'pajjiżna ikun qasam li jimxi maż-żmienijiet u jimxi b'mod modern u tajjeb biżżejjed biex ir-regolamentazzjoni ssir iktar aġġornata bl-istess mod li l-qasam tax-xandir qiegħed jinbidel. Dan huwa qasam li qiegħed jinbidel kontinwament u sta għall-Awtorità li r-regoli li għandha tinterpretahom b'mod li jimxi mal-bdil kbir li qiegħed isir.

Sur President, inti tlabtni biex nitkellem l-aħħar biex nagħlaq din il-Konferenza, u għalhekk nixtieq nirringrazzjak ta' dan l-unur li tajtni. Irrid ngħidlek iżda, li, fil-kuntest leġislattiv preżenti, x'isir mill-bilanċ u mill-imparzjalità hija xi ħaġa fejn l-aħħar kelma m'hijiex tiegħi però hija tiegħek u ta' sħabek membri ta' l-Awtorità. Grazzi.